



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ERASMUS MUNDUS 2009-2013

Gwida tal-Programm

għall-attenzjoni u l-informazzjoni tal-applikanti u l-benefiċjarji futuri

Il-Gwida tal-Programm għandu jinqara flimkien mas-Sejħiet għall-Proposti annwali rilevanti u mal-Linji Gwida għas-Sejħiet għall-Proposti għall-Azzjoni 2 li ser jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar il-proċeduri speċifiċi tal-applikazzjoni għall-għotja.

Jekk jogħġbok innota li hija biss il-verżjoni bl-Ingliż tal-Gwida tal-Programm Erasmus Mundus 2009-2013 li hija legalment vinkolanti. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn kollha huma pprovduti għall-informazzjoni biss.

Verżjoni 12/2011

1	INTRODUZZJONI.....	4
1.1	SFOND U GĦAN TAL-GWIDA TAL-PROGRAMM.....	4
1.2	OBJETTIVI TAL-PROGRAMM	5
1.3	STRUTTURA TAL-PROGRAMM U BAĠIT.....	5
1.4	KIF TIPPARTEĊIPA JEKK INTI... ..	8
	1.4.1 ISTITUZZJONI TAL-EDUKAZZJONI OGĦLA (HEI) EWROPEA:	8
	1.4.2 HEI TA' PAJJIŻ TERZ	9
	1.4.3 INDIVIDWU.....	9
	1.4.4 ORGANIZZAZZJONI TAR-RIĊERKA.....	9
	1.4.5 ORGANIZZAZZJONI ATTIVA FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI OGĦLA	10
2	DEFINIZZJONIJIET U GLOSSARJU	11
3	ELEMENTI KOMUNI APPLIKABBLI GĦALL-AZZJONIJIET KOLLHA.....	17
3.1	APPLIKAZZJONI U PROĊEDURI TAL-GĦAŻLA.....	17
3.2	KRITERJI TAL-ESKLUŻJONI.....	18
3.3	KRITERJI TAL-GĦAŻLA	20
3.4	KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI.....	20
3.5	KUNDIZZJONIJIET KUNTRATTWALI.....	21
4	AZZJONI 1 A: KORSIJIET TA' ERASMUS MUNDUS FIL-GRAD TA' MASTERS (EMMC).....	24
4.1	INTRODUZZJONI.....	24
4.2	EMMC – KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ.....	25
	4.2.1 PARTEĊIPANTI ELIĠIBBLI U KOMPOŻIZZJONI TAL-KONSORZJU.....	25
	4.2.2 ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI.....	27
4.3	EMMC – KRITERJI TA' AĠĠUDIKAZZJONI	29
4.4	EMMC – KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI.....	30
4.5	EMMC – KUNDIZZJONIJIET KUNTRATTWALI.....	33
4.6	EMMC – PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA U SKEDA TAŻ-ŻMIEN INDIKATTIVA	35
4.7	KUNDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TAL-ISEM KUMMERĊJALI TA' ERASMUS MUNDUS (EMBN)	36
5	AZZJONI 1 B: PROGRAMMI KONĠUNTI TA' ERASMUS MUNDUS FIL-GRAD TA' DUTTUR (EMJD).....	38
5.1	INTRODUZZJONI.....	38
5.2	EMJD – KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ.....	39
	5.2.1 PARTEĊIPANTI ELIĠIBBLI U KOMPOŻIZZJONI TAL-KONSORZJU	39
	5.2.2 ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI.....	41
5.3	EMJD – KRITERJI TA' AĠĠUDIKAZZJONI.....	43
5.4	EMJD – KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI.....	44
5.5	EMJD – KUNDIZZJONIJIET KUNTRATTWALI.....	47
5.6	EMJD – PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA U SKEDA TAŻ-ŻMIEN INDIKATTIVA.....	49
6	AZZJONI 2: SĦUBIJI TAL-ERASMUS MUNDUS	50

6.1	EMA2 - FAXXA 1: SĦUBIJI MA' PAJJIŻI KOPERTI MILL-ISTRUMENTI ENPI, DCI, EDF U IPA.....	50
6.1.1	OQSMA TEMATIĊI TA' STUDJU U L-ĦTIĠIJET TAR-REĠJUNI/PAJJIŻI.....	51
6.1.2	KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ	51
6.1.2.a	KOMPOŻIZZJONI TAS-SĦUBIJA U PARTEĊIPANTI ELIĠIBBLI.....	52
6.1.2.b	ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI.....	55
6.1.3	KRITERJI TA' AĠĠUDIKAZZJONI.....	60
6.2	EMA 2 – FAXXA 2: SĦUBIJI MA' PAJJIŻI U TERRITORJI KOPERTI MILL-ISTRUMENT TAL-PAJJIŻI INDUSTRIJALIZZATI (ICI)	61
6.2.1	OQSMA TEMATIĊI TA' STUDJU U L-ĦTIĠIJET TAR-REĠJUNI/PAJJIŻI.....	63
6.2.2	KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ	63
6.2.2.a	PARTEĊIPANTI ELIĠIBBLI U L-KOMPOŻIZZJONI TAL-KONSORZJU	63
6.2.2.b	ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI	66
6.2.3	KRITERJI TA' AĠĠUDIKAZZJONI.....	69
6.3	KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI.....	70
6.4	KUNDIZZJONIJIET KUNTRATTWALI.....	73
6.5	PROĊEDURA TA' GĦAŻLA U SKEDA INDIKATTIVA.....	74
7.	AZZJONI 3: PROĠETTI TA' PROMOZZJONI TA' ERASMUS MUNDUS.....	76
7.1	INTRODUZZJONI.....	76
7.2	KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ.....	77
7.2.1	PARTEĊIPANTI ELIĠIBBLI.....	77
7.2.2	ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI.....	77
7.3	KRITERJI TAL-GĦAŻLA	79
7.4	KRITERJI TA' AĠĠUDIKAZZJONI	80
7.5	KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI.....	81
7.6	KUNDIZZJONIJIET KUNTRATTWALI.....	83
7.7	PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA U SKEDA TAŻ-ŻMIEN INDIKATTIVA	84
8	ANNESI	86
8.1	LISTA TAL-ISTRUTTURI NAZZJONALI TA' ERASMUS MUNDUS	86
8.2	LISTA TA' DELEGAZZJONIJIET TAL-UE	86
8.3	INDIRIZZI TAL-INTERNET U DOKUMENTI UTLI.....	86

1 INTRODUZZJONI

1.1 SFOND U GĦAN TAL-GWIDA TAL-PROGRAMM

Erasmus Mundus huwa programm ta' kooperazzjoni u mobilità fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla għal:

- ✓ it-titjib tal-kwalità fl-edukazzjoni ogħla Ewropea;
- ✓ il-promozzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala ċentru ta' eċċellenza fit-tagħlim madwar id-dinja;
- ✓ il-promozzjoni tal-fehim interkulturali permezz tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi kif ukoll għall-iżvilupp tal-pajjiżi terzi fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla.

Erasmus Mundus jipprovdi rispons għall-isfidi tal-globalizzazzjoni ffaċċjati mill-edukazzjoni ogħla Ewropea lill-għurnata, b'mod partikolari l-ħtieġa li s-sistemi tal-edukazzjoni jiġu adattati għall-ħtiġijiet tas-soċjetà tal-għarfien, li jitjiebu l-faxxinu u l-viżibilità tal-edukazzjoni ogħla Ewropea madwar id-dinja u li jiġi stimulat il-proċess tal-konverġenza tal-istrutturi tal-gradji madwar l-Ewropa. Dawn it-temi huma ċentrali għall-proċessi kurrenti tar-riforma nazzjonali fl-edukazzjoni ogħla li jinsabu għaddejjin bħalissa fl-Istati Membri. Barra minn hekk, huwa jipprovdi mezz importanti għall-promozzjoni tad-djalogu interkulturali bejn l-Unjoni Ewropea u l-bqija tad-dinja.

Il-programm ikompli u jestendi l-ambitu tal-attivitajiet li ġew immedija diġà matul l-ewwel fażi tiegħu (2004-2008) u jinkludi l-iskema tal-Opportunità ta' Kooperazzjoni Esterna ta' Erasmus Mundus, li ġiet immedija fl-2006 sabiex tikkumplimenta l-programm oriġinali.

Id-deċiżjoni li tiġi stabbilita t-tieni fażi tal-Programm Erasmus Mundus ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fis-16.12.2008 (Deċiżjoni Nru 1298/2008/KE).¹ Il-programm ikopri l-perjodu 2009-2013 u għandu baġit globali ta' € 470 miljun għall-Azzjonijiet 1 u 3 u baġit indikattiv ta' € 460 miljun għall-Azzjoni 2.

Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") fdat l-implimentazzjoni tal-Programm Erasmus Mundus 2009-2013 lill-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija jew "EACEA"). Bħala riżultat, l-Aġenzija hija responsabbli għall-ġestjoni ta' dan il-programm – inkluż it-tfassil tas-Sejħiet għall-Proposti, l-għażla tal-proġetti u l-iffirmar tal-ftehimiet tal-proġetti, il-ġestjoni finanzjarja, il-monitoraġġ tal-proġetti (valutazzjoni tar-rapporti intermedji u finali), il-komunikazzjoni mal-benefiċjarji u l-kontrolli fuq il-post – taħt is-superviżjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura (DĠ EAC) fir-rigward tal-Azzjonijiet 1 u 3, taħt is-superviżjoni tal-Uffiċċju tal-Kooperazzjoni EuropeAid (DĠ Aidco) fir-rigward tal-EMA2-FAXXA1, u taħt is-superviżjoni tad-DĠ RELEX fir-rigward tal-EMA2-FAXXA2. L-Aġenzija hija responsabbli wkoll għall-implimentazzjoni ta' aktar minn 15-il programm iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (UE) u azzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iċ-ċittadinanza attiva, iż-żgħażaġh, l-awdjoviżiv u l-kultura.

Din il-Gwida tal-Programm tapplika għall-proġetti kollha ta' EM² u hija mmirata biex tassisti lil dawk kollha interessati fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni konġunta jew li jirċievu boroż ta' studju individwali fi ħdan il-Programm Erasmus Mundus (2009-2013). Din il-Gwida għandha tgħinhom jifhmu l-għanijiet u l-azzjonijiet differenti tal-programm, it-tipi ta' attivitajiet li jistgħu (jew ma jistgħux) jiġu appoġġjati, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħtom jista' jingħata dan l-appoġġ u l-għotja mogħtija li ntużat.

Għalkemm, kif ġie ddikjarat hawn fuq, il-Gwida hija valida għat-tul kollu tal-programm, l-applikanti futuri għandhom jaqrawha flimkien mas-Sejħa għall-Proposti speċifika li jkollhom il-ħsieb li japplikaw għaliha. Dawn is-Sejħiet għall-Proposti ser jiġu ppubblikati b'konformità mal-attivitajiet ipplanati mill-Kummissjoni

¹ ĠU 340, 19.12.2008, p. 83.

² Inklużi dawk il-proġetti ta' EM magħżula taħt l-ewwel fażi tal-Programm ta' EM li jkunu għadhom għaddejjin taħt il-fażi 2009-2013 tal-Programm ta' EM.

fil-Programm ta' Ħidma annwali tagħha u ser tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar l-allokazzjoni baġitarja prevista, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra u/jew dokument speċifiku għas-Sejħa.

Il-formoli jew id-dokumenti kollha meħtieġa biex tapplika għall-fondi huma disponibbli fuq il-paġni elettroniċi tal-programm Erasmus Mundus (ara http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/index_en.php)

1.2 OBJETTIVI TAL-PROGRAMM

L-għan tal-programm huwa li jippromwovi l-edukazzjoni oġhla Ewropea, li jgħin biex jitjiebu u jiżiedu l-prospetti tal-karrieri tal-istudenti u li jippromwovi l-fehim interkulturali permezz tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'konformità mal-objettivi tal-politika esterna tal-UE sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi terzi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja.

L-objettivi speċifiċi tal-programm huma:

- li jippromwovi kooperazzjoni strutturata bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla u joffri kwalità mtejbja fl-edukazzjoni oġhla b'valur miżjud Ewropew distint, attraenti kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll 'lil hinn mill-fruntieri tagħha, bil-ħsieb li jinħolqu ċentri ta' eċċellenza;
- li jikkontribwixxi għall-arrikkiment reċiproku tas-soċjetajiet permezz tal-iżvilupp tal-kwalifiki tan-nisa/irġiel sabiex dawn ikollhom ħiliet xierqa, b'mod partikolari fir-rigward tas-suq tax-xogħol, u jkunu moħħhom miftuħ u b'esperjenza internazzjonali permezz tal-promozzjoni tal-mobilità għall-aktar studenti u akkademiċi ta' talent minn pajjiżi terzi sabiex jiksbu kwalifiki u/jew esperjenza fl-Unjoni Ewropea u għall-aktar studenti u akkademiċi Ewropej ta' talent lejn pajjiżi terzi;
- li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-riżorsi umani u għall-kapaċità tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla f'pajjiżi terzi permezz ta' żieda fil-flussi tal-mobilità bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi;
- li jtejjeb l-aċċessibilità u jsaħħaħ il-profil u l-viżibilità tal-edukazzjoni oġhla Ewropea fid-dinja, kif ukoll il-faxxinu tagħha għaċ-ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi u għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni għandha tassigura li ma jkun hemm ebda grupp ta' ċittadini tal-UE jew ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jkun eskluż jew żvantaġġat.

1.3 STRUTTURA TAL-PROGRAMM U BAĠIT

Il-programm Erasmus Mundus jinkludi tliet azzjonijiet:

- **Azzjoni 1:** L-implimentazzjoni ta' Programmi Konġunti fil-livell ta' Masters (Azzjoni 1A) u fil-livell ta' Dottorat (Azzjoni 1B) u l-għoti ta' boroż ta' studju/fellowships individwali biex persuni jkunu jistgħu jipparteċipaw f'dawn il-programmi;
- **Azzjoni 2:** Sħubiji ta' Erasmus Mundus;
- **Azzjoni 3:** Il-promozzjoni tal-Edukazzjoni Oġhla Ewropea.

Azzjoni 1 Programmi Konġunti ta' Erasmus Mundus (inklużi boroż ta' studju)

L-Azzjoni 1 tipprovdi:

- ✓ Appoġġ għal korsijiet konġunti ta' kwalità għolja fil-livell ta' masters (Azzjoni 1 A) u għal programmi dottoralji (Azzjoni 1 B) offruti minn konsorzju ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla

Ewropej u possibbilment minn pajjiżi terzi. Tipi oħrajn ta' organizzazzjonijiet ikkonċernati mill-kontenut u l-eżiti tal-programm konġunt jistgħu jipparteċipaw fil-konsorzju.

- ✓ Boroż ta' studju/fellowships għall-istudenti/kandidati dottoralni Ewropej jew minn pajjiżi terzi rispettivament biex ikunu jistgħu jsegwu dawn il-korsijiet konġunti ta' Erasmus Mundus fil-livell ta' masters u programmi dottoralni.
- ✓ Boroż ta' studju għal żmien qasir għal akkademiċi Ewropej u minn pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jagħmlu riċerka jew xogħol ta' taġlim bħala parti mill-programmi konġunti fil-livell ta' masters.

Din l-Azzjoni ser trawwem il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla u l-persunal akkademiċu fl-Ewropa u fil-pajjiżi terzi bil-għan li jinħolqu kejl ta' eċċellenza u jiġu pprovduti riżorsi umani mħarrġa ħafna. Il-programmi konġunti għandhom jinvolvu l-mobilità bejn l-istituzzjonijiet tal-konsorzju u jwasslu għall-ġoti ta' degrees konġunti, doppji jew multipli rikonoxxuti lill-istudenti / kandidati dottoralni li jgħaddu mill-eżamijiet taġhom.

It-tqassim indikattiv tal-baġit u n-numru ta' riżultati previsti għall-attivitajiet differenti koperti mill-Azzjoni 1 fil-perjodu 2009-2013 għandhom ikunu dawn li ġejjin³:

	Numru mistenni ta' riżultati sal-2013	Baġit totali stmat (f' miljuni ta' euros)
Programmi Konġunti		
Korsijiet ta' Erasmus Mundus fil-grad ta' Masters (EMMCs)	150	19
Programmi ta' Erasmus Mundus fil-grad ta' Dottorat (EMJDs)	35	6
Programm Konġunt Totali	185	25
Boroż ta' studju / fellowships individwali		
Boroż ta' studju tal-Kategorija A għall-istudenti tal-Masters ⁴	5300	245
Boroż ta' studju tal-Kategorija B għall-istudenti tal-Masters	3400	63
Fellowships tal-Kategorija A għal kandidati dottoralni	440	35
Fellowships tal-Kategorija B għal kandidati dottoralni	330	30
Boroż ta' studju għal studjużi ta' pajjiżi terzi fl-EMMCs	1900	28
Boroż ta' studju għal studjużi Ewropej fl-EMMCs	1900	28
Boroż ta' studju / fellowships totali	13270	429
Baġit indikattiv totali		454

Azzjoni 2 – Sħubiji ta' Erasmus Mundus

Is-sħubiji ta' Erasmus Mundus huma mmirati biex jipromwovu l-kooperazzjoni istituzzjonali u l-attivitajiet ta' mobilità bejn l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Oġhla (HEIs) tal-Ewropa u tal-pajjiżi terzi. Din l-Azzjoni hija mibnija fuq il-programm preċedenti tal-UE 'Tieqa ta' Kooperazzjoni Esterna' (2006-2008) b'kopertura ġeografika usa', ambitu akbar u objettivi differenti.

³ Din id-distribuzzjoni hija pprovduta għall-informazzjoni biss u tista' tvarja matul il-kors tal-programm.

⁴ Ara d-definizzjoni tal-Kategoriji A u B taħt is-sezzjonijiet 4.2.1 u 5.2.1 hawn taħt.

L-Azzjoni 2 hija maqsuma f'żewġ faxex:

- EMA2 - FAXXA1: Sħubiji ma' pajjiżi koperti bl-istrumenti ENPI, DCI, EDF u IPA⁵ (ex Tieqa ta' Kooperazzjoni Esterna);
- EMA2 - FAXXA2: Sħubiji ma' pajjiżi u territorji koperti bl-Istrumenti tal-Pajjiżi Industrijalizzati (ICI)⁶

L-Azzjoni 2 tipprovdi:

- ✓ Appoġġ għat-twaqqif ta' sħubiji ta' kooperazzjoni bejn l-HEIs Ewropej u l-HEIs minn pajjiżi/territorji terzi fil-mira bil-għan li jiġu organizzati u implimentati arranġamenti strutturati ta' mobilità individwali bejn l-imsieħba Ewropej u dawk minn pajjiżi/territorji terzi.
- ✓ Boroż ta' studju ta' tulijiet differenti – skont il-prijoritajiet definiti għall-pajjiżi/territorji terzi kkonċernati, il-livell ta' studji jew l-arranġamenti partikolari miftiehma fi ħdan is-sħubija – għal individwi Ewropej⁷ u individwi minn pajjiżi/territorji terzi (studenti, studjużi, riċerkaturi, professjonisti).

B'mod simili għall-Azzjoni 1, iż-żewġ faxex tal-Azzjoni 2 isegwu objettivi ta' eċċellenza. Barra minn hekk, l-EMA2 - FAXXA1 timmira speċifikament lejn objettivi ta' żvilupp.

Kuntrarju għall-Azzjonijiet 1 u 3, li huma ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni Ewropea allokat għall-attivitajiet edukattivi, l-attivitajiet tal-Azzjoni 2 huma ffinanzjati minn strumenti finanzjarji differenti disponibbli fil-kuntest tal-attivitajiet tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni (jiġifieri l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija, l-Istrument ta' Assistenza għal Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument tal-Kooperazzjoni tal-Iżvilupp, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Istrument tal-Pajjiżi Industrijalizzati)⁸. Minħabba d-diversità fl-obiettivi tal-politika koperti minn dawn l-istrumenti finanzjarji, iżda wkoll minħabba l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet differenti tal-pajjiżi terzi kkonċernati, ir-regoli ta' implimentazzjoni tal-Azzjoni 2 jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli minn sena għal oħra u minn pajjiż imsieħeb għal ieħor.

Għaldaqstant, il-kapitolu tal-Azzjoni 2 tal-Gwida tal-Programm preżenti huwa limitat għall-aspetti komuni u stabbli tal-Azzjoni għall-ħames snin tal-programm, waqt li l-informazzjoni dettaljata dwar il-pajjiżi terzi kkonċernati u r-regoli speċifiċi ta' kooperazzjoni applikabbli għalihom sejrjn jiġu definiti fis-Sejħa għall-Proposti annwali tal-Azzjoni 2 ta' Erasmus Mundus.

Ammont totali indikattiv ta' € 460 miljun ġie propost għall-finanzjament tal-proġetti tal-Azzjoni 2. Dan il-baġit għandu jippermetti l-għażla ta' madwar 100 sħubija ta' kooperazzjoni, li l-finanzjament tagħhom ser ikun kopert mill-envelops finanzjarji tal-istrumenti rispettivi tal-politika esterna.

Azzjoni 3 – Proġetti ta' Promozzjoni

L-Azzjoni 3 tipprovdi appoġġ għal inizjattivi transnazzjonali, studji, proġetti, avvenimenti u attivitajiet oħrajn immirati biex itejbu l-attrazzjoni, il-profil, l-immaġini u l-viżibilità ta', u l-aċċessibilità għall-edukazzjoni ogħla Ewropea fid-dinja.

⁵ ENPI - Strument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija
DCI - Strument għall-Kooperazzjoni tal-Iżvilupp
IPA - Strument ta' Assistenza għal Qabel l-Adeżjoni

EDF - Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) huwa l-istrument Ewropew ewlieni għall-għoti ta' għajnuna għall-kooperazzjoni ta' żvilupp skont il-Ftehim ta' Kotonù: "il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati tal-Afrika, Karibew u Paċifiku minn naħa u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra".

⁶ Għal aktar dettalji dwar l-Istrument ICI, ara http://eeas.europa.eu/ici/index_en.htm

⁷ Il-possibbiltà li jingħataw boroż ta' studju lil individwi Ewropej tiddependi fuq l-istrument finanzjarju użat biex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet ta' kooperazzjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat. L-applikanti huma mistiedna jirreferu għas-Sejħa għall-Proposti annwali għal informazzjoni dettaljata applikabbli għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-Azzjoni 2 ma' pajjiżi terzi individwali.

⁸ Għal aktar dettalji dwar dawn l-istrumenti, ara http://ec.europa.eu/europeaid/index_en.htm

L-attivitajiet tal-Azzjoni 3 jirrelataw mad-dimensjoni internazzjonali tal-aspetti kollha tal-edukazzjoni ogħla, bħall-promozzjoni, l-aċċessibilità, l-assigurazzjoni tal-kwalità, ir-rikonossiment tal-krediti, ir-rikonossiment tal-kwalifiki Ewropej barra l-pajjiż u r-rikonossiment reċiproku tal-kwalifiki mal-pajjiżi terzi, l-iżvilupp tal-kurrikulu, il-mobilità, il-kwalità tas-servizzi, eċċ.

L-attivitajiet jistgħu jinkludu l-promozzjoni tal-Programm Erasmus Mundus u r-riżultati tiegħu, u jistgħu jiġu implimentati minn netwerks imħallta ta' organizzazzjonijiet Ewropej u ta' pajjiżi terzi li huma attivi fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla.

L-attivitajiet tal-Azzjoni 3 jistgħu jieħdu diversi forom (konferenzi, seminars, workshops, studji, analiżi, proġetti pilota, premijiet, netwerks internazzjonali, il-produzzjoni ta' materjal għal pubblikazzjoni, l-iżvilupp tal-informazzjoni, komunikazzjoni u għodod teknoloġiċi) u jistgħu jsiru fi kwalunkwe post fid-dinja.

L-attivitajiet tal-Azzjoni 3 għandhom ifittxu li jstabilixxu rabtiet bejn l-edukazzjoni ogħla u r-riċerka u bejn l-edukazzjoni ogħla u s-settur privat fil-pajjiżi Ewropej u l-pajjiżi terzi, u jagħmlu l-aħjar użu mis-sinerġiji potenzjali kull meta jkun possibbli.

Il-baġit tal-Azzjoni 3 għat-tul kollu tal-Programm jammonta għal € 16-il miljun u għandu jwassal għall-finanzjament ta' madwar 50 proġett.

1.4 KIF TIPPARTIĊIPA JEKK INTI...

1.4.1 ISTITUZZJONI TAL-EDUKAZZJONI OGĦLA (HEI)⁹ EWROPEA¹⁰:

L-HEIs Ewropej jistgħu jissottomettu:

- ✓ **Applikazzjoni għall-Azzjoni 1** li tipproponi programm konġunt fil-livell ta' masters jew dottorali f'kooperazzjoni ma' universitajiet imsieħba mill-Ewropa u, jekk rilevanti, minn pajjiżi terzi. Jekk il-proposta tintgħażel, il-finanzjament ta' Erasmus Mundus jingħata għal ħames snin konsekuttivi (suġġett għat-tiġdid tal-Programm wara l-2013) bil-għan li:
 - jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-programm;
 - joffri boroż ta' studju/fellowships lil studenti / kandidati dottorali Ewropej u minn pajjiżi terzi rreġistrati fil-programm konġunt;
 - (fil-kuntest ta' programmi fil-grad ta' Masters biss) joffri boroż ta' studju għal perjodu ta' żmien qasir lil studjużi Ewropej u minn pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jwettqu attivitajiet ta' taġlim u ta' riċerka fil-kuntest tal-programm konġunt.
- ✓ **Applikazzjoni għall-Azzjoni 2** li tippreżenta sħubija ta' kooperazzjoni strutturata mmirata għal pajjiżi/reġjuni mhux Ewropej speċifiċi u komposta minn HEIs Ewropej u ta' pajjiżi terzi miż-żona ġeografika kkonċernata, bil-għan li jiġu offruti boroż ta' studju sħaħ u għal perjodu ta' żmien qasir lill-istudenti, studjużi u professjonisti mill-pajjiżi terzi u, jekk eliġibbli, mill-pajjiżi Ewropej ikkonċernati.
- ✓ **Applikazzjoni għall-Azzjoni 3** ippreżentata f'isem konsorzju jew netwerk ta' HEIs/organizzazzjonijiet Ewropej u ta' pajjiżi terzi attivi fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla bil-għan li jissaħħaħ l-faxxinu tas-settur tal-edukazzjoni ogħla Ewropea u sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tagħha mal-bqija tad-dinja.

⁹ Ara l-Kapitolu 2 għad-definizzjoni ta' Istituzzjoni Ewropea.

¹⁰ Għall-għanijiet tal-Azzjoni 1 B – Programmi konġunti fil-livell ta' Dottorat, il-kunċett tal-HEI jinkludi wkoll skejjel ta' riċerka / gradwat / dottorali u organizzazzjonijiet ta' riċerka li jipprovdu taħriġ dottorali u attivitajiet ta' riċerka u twassil ta' gradi rikonoxxuti fuq livell ta' dottorat: ara d-definizzjoni taħt il-Kapitolu 2.

1.4.2 HEI TA' PAJJIŻ TERZ¹¹

Għalkemm l-HEIs tal-pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw bħala membri attivi tal-konsorzju/sħubija/netwerk eżattament fl-istess azzjonijiet bħall-HEIs Ewropej, **huma ma jistgħux jissottomettu proposta għal għotja** f'isem il-konsorzju/sħubija/netwerk sħiħ. Dawn l-applikazzjonijiet iridu jiġu ppreżentati minn organizzazzjonijiet Ewropej.

1.4.3 INDIVIDWU

L-Azzjonijiet 1 u 2 tal-Programm jipprovdu appoġġ finanzjarju lil individwi Ewropej u minn pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jwettqu studju, tagħlim jew attivitajiet ta' riċerka fil-qafas tal-konsorzji jew sħubiji magħżula:

Individwi Ewropej u minn pajjiżi terzi	Programmi Konġunti		Sħubiji	
	Azzjoni 1A EMMC	Azzjoni 1B EMJD	Azzjoni 2 Faxxa 1	Azzjoni 2 Faxxa 2
• Studenti għall-grad ta' baċċellerat			X	
• Studenti għall-grad ta' Masters	X		X	X
• Kandidati dottorali		X	X	X
• Kandidati post-dottorali			X	X
• Studju/persunal akkademiku	X		X	X
• Persunal amministrattiv mill-HEIs			X	X

Għandu jiġi nnotat li:

- ✓ Skont l-Azzjoni 2, it-tip ta' beneficijarji individwali jista' jvarja skont il-ħtiġijiet u l-għanijiet speċifiċi tal-pajjiżi terzi ikkonċernat, kif ukoll l-istrument finanzjarju użat biex jiġu ffinanzjati l-boroż ta' studju;
- ✓ L-għoti tal-boroż ta' studju individwali lill-istudju Ewropej skont l-Azzjoni 1A ser jiddependi fuq il-parteeipazzjoni ta' organizzazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-konsorzju kkonċernat;
- ✓ Id-definizzjoni ta' individwi Ewropej u minn pajjiżi terzi tvarja bejn l-Azzjoni 1 u l-Azzjoni 2 (għal aktar dettalji ara l-kapitoli speċifiċi dwar l-Azzjoni 1A, 1B u l-Azzjoni 2).

Dawk l-individwi interessati f'borża ta' studju ta' Erasmus Mundus għandhom japplikaw direttament għall-konsorzju tal-Azzjoni 1 jew is-sħubija tal-Azzjoni 2 tal-għażla tagħhom u jgħaddu minn proċess ta' għażla kompetittiva organizzat mill-imsieħba involuti. Dan il-proċess tal-għażla huwa organizzat skont proċedura u sett ta' kriterji ddisinjati mill-konsorzju / sħubija u approvat minn qabel mill-Aġenzija. Il-listi ta' konsorzji u sħubiji eżistenti huma disponibbli fl-indirizzi li ġejjin; dawn il-listi jiġu aġġornati kull meta konsorzji jew sħubijiet ġodda jintgħażlu wara sejħa għal proposti.

http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/results_compendia/selected_projects_en.php

1.4.4 ORGANIZZAZZJONI TAR-RIĊERKA

Għalkemm l-oġġettivi tal-programm Erasmus Mundus huma li l-attivitajiet ta' riċerka fl-Ewropa ma jiġux appoġġjati direttament, il-programm huwa miftuħ għal kwalunkwe organizzazzjoni tar-riċerka pubblika jew

¹¹ Ara l-Kapitolu 2 għad-Definizzjoni ta' istituzzjoni ta' pajjiżi terzi.

privata li tista' tikkontribwixxi għall-objettivi tiegħu, notevolment fir-rigward tat-titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni ogħla u l-kumplimentaritajiet bejn l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-attivitajiet ta' żvilupp.

Dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jieħdu sehem fit-tliet Azzjonijiet kollha tal-Programm iżda jistgħu biss jissottomettu u jikkoordinaw proġetti skont l-Azzjoni 1B (diment li jkunu intitolati biex jagħtu lawrji fil-livell ta' dottorat) u l-Azzjoni 3.

1.4.5 ORGANIZZAZZJONI ATTIVA FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI OGĦLA

Waqt li ħafna mill-attivitajiet ta' Erasmus Mundus huma mmirati lejn l-HEIs u l-individwi involuti fihom, il-programm huwa miftuħ għal kwalunkwe organizzazzjoni kullimkien fid-dinja li hija, direttament jew indirettament, attiva fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla. Dawn jistgħu jkunu korpi tal-amministrazzjoni pubblika, NGOs, insieħba soċjali, organizzazzjonijiet professjonali, kmamar tal-kummerċ jew l-industrija, impriżi, eċċ.

Dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jieħdu sehem bħala msieħba assoċjati fit-tliet Azzjonijiet kollha tal-programm. FI-Azzjoni 3 huma jistgħu jaġixxu bħala sieħeb sħiħ u jissottomettu u jikkoordinaw proġetti jekk ikunu jinsabu f'pajjiż li huwa eliġibbli taħt il-programm.

2 DEFINIZZJONIJIET U GLOSSARJU

- **Applikant / Organizzazzjoni li tikkoordina** – organizzazzjoni li tissottometti applikazzjoni għal għotja f' isem konsorzju, sħubija jew netwerk tal-organizzazzjonijiet parteċipanti. L-applikant/l-organizzazzjoni li tikkoordina tirrappreżenta u taġixxi f' isem il-grupp ta' organizzazzjonijiet parteċipanti fir-relazzjonijiet tagħha mal-Aġenzija. Jekk l-applikazzjoni għall-għotja tintgħażel, l-applikant isir il-benefiċjarju ewlieni (ara d-definizzjoni ta' benefiċjarju hawn taħt) u jiffirma l-ftehim ta' għotja f' isem l-organizzazzjonijiet parteċipanti;
- **Imsieħeb assoċjat** – kwalunkwe organizzazzjoni li tista' tikkontribwixxi għall-promozzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u/jew l-iżvilupp sostenibbli ta' konsorzju/sħubija tal-Azzjoni 1, 2 jew 3, tista' titqies bħala msieħba assoċjata. Dan japplika b' mod aktar speċifiku għall-imsieħba soċjo-ekonomiċi (jiġifieri impriżi kummerċjali, awtoritajiet jew organizzazzjonijiet pubbliċi, organizzazzjonijiet tal-karità u li ma jaġhmlux profitt, eċċ.), organizzazzjonijiet internazzjonali jew f'ċerti każijiet, għal istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla ta' pajjiżi terzi. B'kuntrastr ma' "imsieħba sħaħ" (ara d-definizzjoni ta' hawn taħt), l-imsieħba assoċjati mhumiex intitolati biex jibbenifikaw direttament mill-għotja;
- **Student għall-grad ta' baċellerat / għall-ewwel grad (student fl-ewwel ċiklu)** – persuna rreġistrata fi programm ta' edukazzjoni oġhla fl-ewwel ċiklu u li ser tikseb l-ewwel degree fl-edukazzjoni oġhla wara t-tlestija tal-programm;
- **Benefiċjarju u kobenefiċjarju**¹² – il-benefiċjarju (li ssir ukoll referenza għalih bħala "benefiċjarju ewlieni" jew "organizzazzjoni li tikkoordina") huwa l-organizzazzjoni li, f' isem il-konsorzju / sħubija / netwerk ta' organizzazzjonijiet parteċipanti, iffirmit ftehim mal-Aġenzija. Il-benefiċjarju għandu r-responsabbiltà legali primarja lejn l-Aġenzija għall-eżekuzzjoni korretta tal-ftehim; huwa wkoll responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ġestjoni ġenerali u ta' kuljum tal-proġett fis-sħubija, il-konsorzju jew in-netwerk, u għall-użu tal-fondi tal-UE allokatu għall-proġett. Huwa biss fil-kuntest ta' "ftehim ta' għotja ma' benefiċjarji multipli" li l-imsieħba sħaħ jistgħu jitqiesu bħala kobenefiċjarji u jinkludu l-infiq tagħhom fil-baġit finali tal-proġett. Fiċ-ċirkostanzi l-oħrajn kollha, hija biss in-nefqa mġarrba mill-benefiċjarju ewlieni u debitament irreġistrata fil-kontijiet tiegħu skont il-prinċipji tal-kontabilità applikabbli tal-pajjiż fejn huwa stabbilit li tista' titqies bħala eliġibbli;
- **Koordinatur / organizzazzjoni li tikkoordina:** Il-koordinatur huwa l-mexxej tal-proġett fl-organizzazzjoni li tikkoordina. Huwa jaġixxi bħala persuna ta' kuntatt għall-Aġenzija fl-aspetti kollha relatati mal-ġestjoni tal-proġett. L-organizzazzjoni li tikkoordina hija l-organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni ġenerali tal-proġett fis-sħubija, konsorzju jew netwerk. L-organizzazzjoni li tikkoordina normalment taġixxi bħala benefiċjarja (jew kobenefiċjarja ewlenija) fir-relazzjonijiet kuntrattwali u finanzjarji bejn il-konsorzju, is-sħubija jew in-netwerk u l-Aġenzija (ara fuq);
- **Co-tutelle** – superviżjoni konġunta ta' studji dottorali minn żewġ universitajiet minn pajjiżi differenti; jekk jikseb suċċess fl-istudji tiegħu, il-kandidat dottorali jingħata degree dottorali konġunta jew doppja miż-żewġ istituzzjonijiet;
- **Suppliment tad-Diploma** – Il-mudell tas-Suppliment tad-Diploma ġie żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO/CEPES. L-għan tas-suppliment huwa li jipprovdi dejta indipendenti suffiċjenti sabiex tittejjeb it-'trasparenza' internazzjonali u r-rikonossiment akkademiku u professjonali ġust tal-kwalifiki (diplomi, degrees, ċertifikati eċċ.). Huwa ddisinjat biex jipprovdi deskrizzjoni tan-natura, il-livell, il-kuntest, il-kontenut u l-istatus tal-istudji li ġew segwiti u kkompletati b' suċċess mill-

¹² Il-modalitajiet tal-kobenefiċjarju japplikaw għall-proġetti tal-Azzjoni 3.

individwu msemmi fuq il-kwalifika oriġinali li magħha huwa anness dan is-suppliment. Huwa għandu jkun ħieles minn kwalunkwe ġudizzju ta' valur, dikjarazzjonijiet ta' ekwivalenza jew suġġerimenti dwar ir-rikonossiment; (http://ec.europa.eu/education/lifelong-learning-policy/doc1239_en.htm)

- **Disseminazzjoni** – proċess ippjanat ta' tixrid ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet, dak li joħroġ u r-riżultati tal-programmi u proġetti lill-atturi ewlenin u gruppi fil-mira. Id-disseminazzjoni sseħħ kif u meta r-riżultati tal-programmi u l-inizjattivi jsiru disponibbli;
- **Kandidat dottoral (kandidat fit-tielet ċiklu)** – riċerkatur fi stadju bikri fil-bidu tal-karriera tiegħu fil-qasam tar-riċerka, li tibda minn dakinhar li jikseb id-degree li tintitolah b'mod formali biex jidħol għal programm ta' dottorat;
- **Ftehim tal-Kandidati għad-Dottorat** – ftehim iffirmit mill-konsorzju u l-kandidat għad-dottorat fil-programm tad-dottorat konġunt, li b'mod espliċitu jindika kwalunkwe modalità akkademika, ta' riċerka, finanzjarja u amministrattiva relatata mal-parteċipazzjoni tal-kandidat fil-programm u, jekk applikabbli, l-għoti u l-użu tal-fellowship;
- **Programm ta' dottorat (it-tielet ċiklu)** – programm relatat mar-riċerka ta' studju fl-edukazzjoni oġhla u riċerka li ssegwi degree fl-edukazzjoni oġhla u twassal għal degree fil-grad ta' duttur rikonossuta għal kollox, offruta minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla jew, f'dawk l-Istati Membri fejn dan huwa konformi mal-prattika u l-leġislazzjoni nazzjonali, minn organizzazzjoni tar-riċerka;
- **Skola dottoral** – struttura pedagoġika u tar-riċerka li tiġbor flimkien u tikkoordina diversi timijiet ta' riċerka fil-kuntest ta' proġett ta' riċerka koerenti u torganizza u/jew tipprovdi attivitajiet ta' taħriġ għall-kandidati dottoral u tippreparahom għall-karriera professjonali tagħhom.
- **Degree doppja jew multipla** – żewġ diplomi nazzjonali jew aktar maħruġa minn żewġ istituzzjonijiet jew aktar tal-edukazzjoni oġhla u rikonossuti uffiċjalment fil-pajjiżi fejn jinsabu l-istituzzjonijiet li jagħtu d-degree;
- **Edizzjoni ta' Kors ta' Masters Konġunt / Programm ta' Dottorat Konġunt** – l-"edizzjoni" ta' EMMC jew EMJD tikkorrespondi għat-tul sħiħ tal-kors/programm konġunt mir-reġistrazzjoni tal-istudenti/kandidati dottoral sal-għoti tad-degree ta' masters jew dottorat tagħhom; ladarba jintgħażlu, l-EMMCs u l-EMJDs individwali kollha jingħataw ftehim ta' sħubija ta' qafas (ara s-sezzjoni 4.5 jew 5.5) li jkopri ħames "edizzjonijiet" konsekuttivi tal-kors/programm konġunt; kull "edizzjoni" tibda fil-bidu ta' sena akkademika u tintemm sena, sentejn, tliet snin jew erba' snin wara, jiddependi mit-tul ta' żmien tal-kors/programm konġunt.
- **Kuntratti ta' Impjieg:** fil-kuntest ta' Erasmus Mundus "Azzjoni 1B – Programmi ta' Dottorat Konġunti", "kuntratti ta' impjieg" jirreferu għal metodu ta' reklutaġġ għall-kandidati għad-dottorat li jiggarrantixxi dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali adegwati u ekwitabbli (inklużi l-benefiċċji tal-mard u tal-ġenituri, assigurazzjoni tas-saħħa u kontra inċidenti, drittijiet għal pensjoni u benefiċċji kontra l-qgħad) skont il-leġislazzjoni nazzjonali eżistenti u skont ftehimiet ta' negozjar kollettiv nazzjonali jew settorjali. Diment li dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfatti, il-konsorzju tal-EMJD jista' jagħżel l-aktar qafas adattat ta' reġistrazzjoni
- **EURAXESS** – portal li jinkludi informazzjoni utli dwar il-ġestjoni tal-attivitajiet ta' riċerka, kif ukoll dwar ir-reklutaġġ tar-riċerkaturi; aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: <http://ec.europa.eu/euraxess>.
- **Sistema Ewropea għat-Trasferiment tal-Kredit (ECTS)** – sistema ffokata fuq l-istudent immirata biex tiffaċilita l-mobilità tal-istudenti bejn HEIs differenti u li tibbaża fuq l-ammont ta' xogħol meħtieġ mill-istudent sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' programm, preferibbilment l-għanijiet speċifikati f'termini

tar-riżultati tat-tagħlim u l-kompetenzi li għandhom jinkisbu. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/education/lifelong-learning-policy/doc48_en.htm.

- **Ftehim ta' Konsorzju ta' Dottorat Konġunt ta' Erasmus Mundus (EMJD)** – ftehim iffirmit mill-imsieħba sħaħ kollha tal-konsorzju (u, jekk applikabbli, mill-imsieħba assoċjati) li jstabbilixxi b'mod ċar, għall-programm ta' dottorat konġunt, ir-regoli u l-proċeduri akkademiċi, ta' riċerka, amministrattivi u finanzjarji f'aderenza mar-regoli u r-rekwiżiti kif stabbiliti fil-programm ta' Erasmus Mundus;
- **Ftehim ta' Konsorzju ta' Kors ta' Masters ta' Erasmus Mundus (EMMC)** – ftehim iffirmit mill-imsieħba sħaħ tal-konsorzju (u, jekk applikabbli, mill-imsieħba assoċjati) li jstabbilixxi b'mod ċar, għall-kors ta' masters konġunt, ir-regoli u l-proċeduri akkademiċi, amministrattivi u finanzjarji f'aderenza mar-regoli u r-rekwiżiti kif stabbiliti fil-programm ta' Erasmus Mundus;
- **Strutturi Nazzjonali ta' Erasmus Mundus** – L-Istrutturi Nazzjonali ta' Erasmus Mundus huma punti ta' kuntatt u informazzjoni magħżula mill-pajjiżi Ewropej parteċipanti; dawn jinformat lill-pubbliku dwar il-programm, joffru għajna u pariri lill-applikanti potenzjali u lill-parteċipanti attwali u jipprovdu feedback dwar l-implimentazzjoni tal-programm lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija; huma jistgħu jipprovdu informazzjoni utli dwar il-partikolaritajiet tas-sistemi tal-edukazzjoni nazzjonali, ir-rekwiżiti tal-visa, it-trasferimenti tal-krediti, u għodod oħrajn; huma jiġu kkonsultati dwar ir-rikonossiment tad-degrees, l-eliġibbiltà tal-istituzzjonijiet u elementi oħrajn ta' kwalità relatati mal-programm. Ara l-lista ta' Strutturi Nazzjonali ta' Erasmus Mundus taħt il-Kapitolu 8;
- **Intrapriża** – l-impriżi kollha involuti f'attività ekonomika fis-settur pubbliku u privat, ikun xi jkun id-daqs tagħhom, l-istatus legali jew is-settur ekonomiku li joperaw fih, inkluża l-ekonomija soċjali;
- **Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (EQF)** – jaġixxi bħala mezz ta' traduzzjoni biex jagħmel il-kwalifiki nazzjonali aktar leġibbli madwar l-Ewropa, jipromwovi l-mobilità tal-ħaddiema u tal-istudenti bejn il-pajjiżi u jiffaċilita t-tagħlim tagħhom tul il-ħajja; aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/education/lifelong-learning-policy/doc44_en.htm;
- **“Pajjiż Ewropew”** – pajjiż li huwa Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew xi pajjiż ieħor li jipparteċipa fil-programm skont l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Programm (jiġifieri l-pajjiżi taż-ŻEE; pajjiżi kandidati bi strateġija ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent u l-Konfederazzjoni Svizzera, bil-kundizzjoni li jkun hemm fis-seħħ ftehim li jstabbilixxi l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm EM sad-data tad-deċiżjoni tal-għażla). Jekk dan ma jkunx il-każ, HEIs mill-pajjiż ikkonċernat jittqiesu bħala organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi intitolati li jipparteċipaw fil-proġetti bħala sħab iżda ma jistgħux jissottomettuhom jew jikkoordinawhom, u ċ-ċittadini tagħhom ikkunsidrati bħala ċittadini¹³ ta' pajjiżi terzi.

Jekk jogħġbok sib hawn taħt, għal kull wieħed mill-tliet Azzjonijiet tal-Programm, il-lista ta' “pajjiżi Ewropej” fiż-żmien meta għet abbozzata l-verżjoni attwali tal-Gwida tal-Programm:

¹³ Il-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet u/jew ċittadini minn pajjiżi terzi taħt l-Azzjoni 2 huma relatati direttament mal-kopertura ġeografika tat-telf speċifiku kkonċernat.

"Pajjiżi Ewropej"		
Skont l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Programm fiż-żmien tal-abbozzar tal-verżjoni attwali tal-Gwida		
Pajjiżi	Azzjoni 1 u 3	Azzjoni 2
27 Stat Membru tal-UE	Iva	Iva
Pajjiżi taż-Żona Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (ŻEKH).		
L-Islanda	Iva	Le
Il-Liechtenstein	Iva	Le
In-Norveġja	Iva	Le
L-Isvizzera	Le	Le
Pajjiżi tal-Balkani tal-Punent [L-Albanija, Il-Bożnja u Ħerzegovina, Il-Krozja, L-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM), Il-Kosovo - fid-dawl tar-Riżoluzzjoni 1244(1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, Il-Montenegro u Is-Serbja]	Le	Le

- **Individwu Ewropew** – persuna li hija ċittadin nazzjonali jew residenti ta’ pajjiż Ewropew kif speċifikat hawn fuq;
- **Istituzzjoni Ewropea** – istituzzjoni li tinsab fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi Ewropej kif speċifikat hawn fuq;
- **Kumitat ta’ Evalwazzjoni** – il-kumitat inkarigat mill-abbozzar tal-proposta tal-għażla li ser tkun is-suġġett tad-deċiżjoni formali dwar l-għoti tal-għotja; il-kompożizzjoni tal-kumitat tal-evalwazzjoni tista’ tvarja minn azzjoni waħda għal oħra, iżda dan għandu jkun kompost minn mill-inqas tliet persuni li jirrappreżentaw żewġ entitajiet organizzattivi differenti mingħajr ebda rabta ġerarkika bejniethom. Għall-Erasmus Mundus, dan il-kumitat huwa kompost minn rappreżentanti mill-Aġenzija u mis-servizzi kkonċernati fil-Kummissjoni Ewropea; għall-Azzjoni 1, dan il-kumitat ta’ evalwazzjoni jiġi assistit minn *Bord tal-Għażla* kompost minn figuri ewlenin minn akkademji Ewropej proposti mill-Istati Membri tal-UE u maħtura mill-Kummissjoni;
- **L-aħjar użu mir-riżultati** jikkonsisti minn “integrazzjoni” u “multiplikazzjoni”. L-integrazzjoni hija l-proċess ipplanat tat-trasferiment tar-riżultati ta’ suċċess tal-programmi u l-inizjattivi lill-persuni xierqa li jieħdu d-deċiżjonijiet fis-sistemi lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej irregolati. Multiplikazzjoni hija l-proċess ipplanat biex jikkonvinċi lill-utenti finali individwali biex jadottaw u/jew japplikaw ir-riżultati tal-programmi u l-inizjattivi;
- **Sieħeb sħiħ** – kwalunkwe organizzazzjoni li tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbiltà speċifiċi għall-Azzjoni, li taġixxi bħala membru sħiħ ta’ konsorzju, sħubija jew netwerk ta’ proġett. B’kuntrast mal-“imsieħba assoċjati” (ara d-definizzjoni hawn fuq), l-imsieħba sħaħ jistgħu jibbenifikaw mill-għotja komunitarja u – f’kooperazzjoni mill-qrib mal-benefiċjarji – ikollhom rwol deċiżiv fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta’ kooperazzjoni tal-proġetti;
- **Edukazzjoni Ogħla** – it-tipi kollha ta’ korsijiet ta’ studju, jew settijiet ta’ korsijiet ta’ studju, taħriġ jew taħriġ għar-riċerka fil-livell post-sekondarju li huma rikonnoxxuti mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti ta’ pajjiż parteċipant li jappartjenu għas-sistema ta’ edukazzjoni ogħla tiegħu;
- **Istituzzjoni ta’ Edukazzjoni Ogħla (HEI)** – faċilità li tipprovdi edukazzjoni ogħla u li tkun rikonnoxxuta mill-awtorità nazzjonali kompetenti ta’ pajjiż parteċipant bħala li tappartjeni għas-sistema ta’ edukazzjoni ogħla tiegħu; għall-finijiet tal-Azzjoni 1 B – programmi ta’ Dottorat Konġunt, il-kunċett

ta' HEI jinkludi wkoll skejjel ta' dottorat/gradwat/riċerka u organizzazzjonijiet ta' riċerka bil-kundizzjoni li dawn jipprovdu taħriġ dottorali u attivitajiet ta' riċerka, u joffru degrees fil-livell ta' dottorat li jiġu rikonoxxuti bħala tali mill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż ikkonċernat;

- **Persunal tal-edukazzjoni ogħla** – persuni li, permezz tad-dmirijiet tagħhom, ikunu involuti direttament fil-proċess edukattiv u/jew amministrattiv relatat mal-edukazzjoni ogħla;
- **Degree konġunta** – diploma waħda maħruġa minn mill-inqas żewġ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla li joffru programm integrat u li tkun rikonoxxuta b'mod uffċjali fil-pajjiżi fejn ikunu jinsabu l-istituzzjonijiet li jagħtu d-degrees; skont id-Deċiżjoni tal-Programm Erasmus Mundus, "il-programmi li jirriżultaw fl-ġhoti ta' degrees konġunti għandhom ikunu promossi";
- **Netwerk ta' Taħriġ Inizjali Marie Curie** – programm iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea immirat biex itejjeb il-prospetti tal-karriera tar-riċerkaturi fi stadju bikri, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat, biex b'hekk jagħmel il-karrieri tar-riċerka aktar attraenti għaż-żgħażaġh; aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn: http://cordis.europa.eu/fp7/people/initial-training_en.html;
- **Programm ta' Masters (it-tieni ċiklu)** – programm ta' edukazzjoni ogħla fit-tieni ċiklu li jsir wara li tinkiseb l-ewwel degree jew livell ekwivalenti ta' taġħlim u li jwassal għal grad ta' masters offruta minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla u rikonoxxut bħala tali mill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż fejn ikun inġhata l-grad ta' masters.
- **Student tal-Masters (student fit-tieni ċiklu)** – persuna rreġistrata fi programm ta' edukazzjoni ogħla fit-tieni ċiklu u li tkun diġà kisbet l-ewwel degree ta' edukazzjoni ogħla jew ikollha livell ta' taġħlim ekwivalenti rikonoxxut skont leġiżlazzjoni u Prattiki nazzjonali;
- **Memorandum ta' Fehim:** dokument li jiddeskrivi l-ftehimiet kollha milħuqin bejn l-imsieħba fir-rigward tal-aspetti kollha relatati mal-ġestjoni tas-sħubijiet u l-organizzazzjoni tal-mobilità. Jiddeskrivi l-irwol u r-responsabbiltà tal-imsieħba fi ħdan l-organizzazzjoni dwar attivitajiet ta' mobiltà, il-proċedura u l-kriterji għall-għażla tal-kandidati u l-miżuri previsti biex jindirizzaw għanijiet speċifiċi tal-programm bħal rikonoxximent, assigurazzjoni tal-kwalità, il-prevenzjoni tat-telf tal-aqwa mħuħ u sostenibbiltà. Għandu jkun fih ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi f'termini ta' ġestjoni finanzjarja tal-ġhotja.
- **Mobilità** – li persuna tmur fiżikament f'pajjiż ieħor, sabiex tagħmel studju, esperjenza ta' xogħol, riċerka, għal attività oħra ta' taġħlim jew riċerka jew attività amministrattiva relatata, appoġġjata kif xieraq bi thejjiġa fil-lingwa tal-post;
- **Programm Post-dottorali** – studju jew riċerka ta' edukazzjoni ogħla offruta minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla jew organizzazzjoni ta' riċerka stabbilita skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali wara degree dottorali;
- **Promozzjoni u tqajjim ta' kuxjenza** primarjament tintuża fil-kuntest tal-pubbliċità tal-eżistenza tal-programmi u l-inizjattivi, l-għanijiet, l-oġettivi u l-attivitajiet tagħhom u d-disponibbiltà tal-fondi għal għanijiet partikolari;
- **Riċerkatur post-dottorali** – riċerkatur esperjenzat li jkun fil-pussess ta' degree dottorali jew li jkollu mill-inqas tliet snin ta' esperjenza ta' riċerka ekwivalenti fuq bażi full-time, inkluż il-perjodu tat-taħriġ ta' riċerka, f'organizzazzjoni ta' riċerka stabbilita skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali wara li jkun kiseb id-degree li formalment ippermettietlu jidħol għal programm ta' dottorat offrut minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla;

- **Studjuż / akkademiku** – persuna b’esperjenza akkademika u/jew professjonali eċċellenti li jagħti lekċers jew jagħmel riċerka f’istituzzjoni ta’ edukazzjoni ogħla jew organizzazzjoni ta’ riċerka stabbilita skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali;
- **Ftehim tal-Istudenti** – ftehim iffirmit mill-konsorzju u l-istudenti rreġistrati fil-kors ta’ masters konġunt li jindika b’mod espliċitu kull modalità akkademika, finanzjarja u amministrattiva relatata mal-parteċipazzjoni tal-istudenti fil-kors konġunt u, jekk applikabbli, l-għoti u l-użu tal-borża ta’ studju;
- **Pajjiż terz** – pajjiż li mhuwiex pajjiż Ewropew kif speċifikat hawn fuq;
- **Individwu ta’ pajjiż terz** – persuna li la hija ċittadin nazzjonali u lanqas residenti ta’ pajjiż Ewropew kif speċifikat hawn fuq;
- **Istituzzjoni ta’ pajjiż terz** – istituzzjoni li ma tinsab f’ebda wieħed mill-pajjiżi Ewropej kif speċifikat hawn fuq. Il-pajjiżi li jipparteċipaw fil-Programm ta’ Tagħlim Tul il-Ħajja¹⁴ mhumiex meqjusa bħala pajjiżi terzi għall-implimentazzjoni tal-Azzjoni 2.

¹⁴ ĠU L 327, 24.11.2006, p.45.

3 ELEMENTI KOMUNI APPLIKABBLI GĦALL-AZZJONIJIET KOLLHA

Is-sezzjoni li ġejja tapplika għat-tliet Azzjonijiet kollha koperti mill-Gwida tal-Programm.

Għaldaqstant, il-proċedura mehmuża u l-kriterji għandhom jiġu rrispettati mill-applikanti u l-parteċipanti kollha indipendentament mill-Azzjoni li japplikaw għaliha jew jipparteċipaw fiha. Dawn huma kkumplimentati minn elementi speċifiċi applikabbli għal Azzjonijiet individwali li huma deskritti fid-dettall fil-kapitoli korrispondenti tal-Gwida.

L-applikazzjonijiet għall-għotjiet jintgħażlu skont erba' tipi differenti ta' kriterji, jiġifieri l-kriterji tal-eliġibbiltà, l-esklużjoni, l-għażla u l-aġġudikazzjoni. Waqt li l-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla deskritti taħt is-sezzjonijiet 3.2 u 3.3 huma identiċi għall-Azzjonijiet kollha ta' Erasmus Mundus, il-kriterji l-oħrajn ivarjaw minn Azzjoni għal oħra u huma deskritti fid-dettall fis-sezzjonijiet rilevanti tal-Gwida.

3.1 APPLIKAZZJONI U PROĊEDURI TAL-GĦAŻLA

- a) L-applikanti huma mistiedna jissottomettu l-proposta tagħhom skont il-kriterji tal-eliġibbiltà, l-għażla u l-aġġudikazzjoni rilevanti għall-Azzjoni ta' Erasmus Mundus li għandhom il-ħsieb li japplikaw għaliha;
- b) Għandu jkun hemm organizzazzjoni waħda li tikkoordina/applikanta li tissottometti l-applikazzjoni f'isem il-konsorzju / sħubija / netwerk ta' organizzazzjonijiet parteċipanti;
- c) L-istituzzjoni li tikkoordina/applikanta ser tkun il-punt ta' kuntatt għall-proposta fir-relazzjonijiet tagħha mal-Aġenzija. Jekk il-proposta tintgħażel, hija tidħol f'impenji legali mal-Aġenzija u tkun tirrappreżenta u tirrapporta uffċjalment għall-konsorzju / sħubija / netwerk;
- d) Il-proposti għandhom jintbagħtu lill-Aġenzija skont il-proċedura indikata fil-formola tal-applikazzjoni¹⁵;
- e) Id-data tal-għeluq għall-applikazzjoni tista' tvarja skont l-Azzjoni kkonċernata. Din tissemma' fuq il-formola tal-applikazzjoni u s-Sejħa għall-Proposti rilevanti;
- f) L-applikazzjonijiet għall-għotjiet għandhom jitfasslu f'waħda mil-lingwi tal-UE speċifikati fil-formola tal-applikazzjoni, billi tintuża l-formola ddisinjata speċifikament għal dan il-għan;
- g) Ser jiġu aċċettati biss dawk l-applikazzjonijiet mibgħuta sad-data tal-għeluq u skont ir-rekwiżiti speċifikati fuq il-formola;
- h) Ma jista' jsir ebda tibdil fil-proposta wara li tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni. Madankollu, jekk ikun hemm hteġa li jiġu kkjarifikati ċerti aspetti, l-applikant jista' jiġi kkuntattjat għal dan il-għan;
- i) Matul il-proċedura tal-għażla, ma tistax tingħata informazzjoni dwar l-eżitu tal-applikazzjonijiet individwali;
- j) L-applikanti ser jiġu informati mill-Aġenzija dwar ir-riċeviment tal-proposta tagħhom fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol;
- k) Huma biss dawk l-applikazzjonijiet li ma jilħqu ebda mill-kriterji ta' esklużjoni ġenerali (ara s-sezzjoni 3.2 taħt) u li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla u l-eliġibbiltà speċifiċi għall-azzjoni li ser jiġu kkunsidrati għal għotja. Jekk applikazzjoni titqies bħala ineliġibbli, għandha tintbagħat ittra li tindika r-raġunijiet għal dan lill-applikant;

¹⁵ Jekk jintużaw applikazzjonijiet elettroniċi, il-proċeduri speċifiċi ser jiġu deskritti fil-formoli elettroniċi rilevanti u istruzzjonijiet.

l) Il-proġetti ser jintgħażlu skont il-baġit disponibbli għall-azzjoni kkonċernata u l-kwalità tal-proposti sottomessi;

m) L-applikanti kollha ser jiġu informati dwar ir-risultati tal-għażla bil-miktub.

Sommarju tal-proċedura tal-għażla applikabbli għall-proposti ta' Erasmus Mundus

Reġistrazzjoni u rikonoxximent ta' riċevuta mill-Aġenzija.

Kontroll tal-eliġibbiltà u kriterji tal-għażla mwettqa mill-Aġenzija.

Valutazzjoni mwettqa minn esperti akkademiċi internazzjonali li jkopru d-dixxiplini xierqa u li jkollhom esperjenza fi proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni oġhla.

Laqgħa tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni biex jiġu rakkomandati proposti għall-għażla. Għall-Azzjoni 1, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni huwa meġġun minn Board tal-Għażla magħmul minn personalitajiet ewlenin mill-akkademja Ewropea proposti mill-Istati Membri u maħtura mill-Kummissjoni Ewropea .

B'mod parallel għall-passi 3 u 4 u jekk applikabbli, konsultazzjoni ta' Strutturi Nazzjonali u/jew Delegazzjonijiet tal-UE għal kwistjonijiet ta' eliġibbiltà relatati mal-HEIs.

Tħejjija ta' abbozz ta' deċiżjoni ta' għoti ta' għotja mill-Aġenzija billi jiġu kkunsidrati l-opinjoni jiet maħruġa matul il-passi 3, 4 u 5 imsemmija hawn fuq.

Adozzjoni tad-deċiżjoni tal-għoti ta' għotja mill-Aġenzija¹⁶.

L-applikanti eliġibbli jiġu informati mill-Aġenzija dwar id-deċiżjoni tal-għoti tal-għotja. Il-valutazzjoni tal-esperti tiġi pprovduta lill-applikanti kollha.

Dati tal-għeluq għall-applikazzjonijiet

Id-dati tal-għeluq li ġejjin huma pprovduti għall-informazzjoni biss. Il-kandidati applikanti huma mistiedna jikkonsultaw is-Sejħa għall-proposti rilevanti għal konferma tad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni.

Azzjoni	Dati tal-għeluq
Azzjoni 1A – Korsijiet Konġunti tal-Masters (EMMC) Azzjoni 1 B Programmi Konġunti tad-Dottorat (EMJD)	30 ta' April ¹⁷
Azzjoni 2 – Sħubiji	30 ta' April ¹⁷
Azzjoni 3 – Promozzjoni tal-Edukazzjoni Oġhla Ewropea	30 ta' April ¹⁷

Kull mistoqsija jew talba għal informazzjoni addizzjonali li tikkonċerna l-proċedura ta' applikazzjoni għal kwalunkwe mill-tliet azzjonijiet tal-programm fil-kuntest tas-sejħa annwali għal proposti għandha tiġi sottomessa lill EACEA-Erasmus-Mundus@ec.europa.eu.

3.2 KRITERJI TAL-ESKLUŻJONI

L-applikanti u l-(ko)benefiċjarji għandhom jiddikjaraw li huma ma jinsabu f'ebda waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikoli 93 u 94 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹⁸ u kif stabbilit hawn taħt.

¹⁶ B'mod parallel u għall-Azzjonijiet 1 u 3 biss, it-trasmissjoni tal-proposta tal-għażla mill-Kummissjoni lill-Kumitat tal-Programm u l-Parlament Ewropew għall-informazzjoni.

¹⁷ Jekk it-30 ta' April jaħbat btala jew fi tmiem il-ġimgħa, l-iskadenza sottomissjoni tkun l-aħħar ġurnata xogħol ta' April.

Huma ser ikunu esklużi milli jipparteċipaw fis-Sejħa għall-Proposti ta' Erasmus Mundus jekk ikunu fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- a) huma falluti jew fi proċess ta' xoljiment, ikollhom l-affarijiet tagħhom amministrati mill-qradi, ikunu daħlu f'arranġament ma' kredituri, issuspendew l-attivitajiet tan-negożju tagħhom, huma s-suġġett ta' proċeduri li jikkonċernaw dawk il-kwistjonijiet, jew jinsabu f'xi sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili prevista fil-leġiżlazzjoni jew regolamenti nazzjonali;
- b) kienu nstabu haġja ta' offiża li tikkonċerna l-kondotta professjonali tagħhom permezz ta' sentenza li għandha l-forza ta' *res judicata*;
- c) kienu haġja ta' aġir professjonali ħażin u gravi ppruvata bi kwalunkwe mezz li l-awtorità kontraenti tista' tiġġustifika;
- d) ma ssodisfawx l-obbligi relatati mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew il-ħlas tat-taxxi skont id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż fejn huma stabbiliti jew ma' dawk tal-pajjiż tal-awtorità kontraenti jew dawk tal-pajjiż fejn jiġi esegwit il-kuntratt;
- e) kienu s-suġġett ta' sentenza li għandha l-forza ta' *res judicata* għal frodi, korruzzjoni, involviment f'organizzazzjoni kriminali jew kwalunkwe attività illegali oħra detrimental għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet;
- f) huma attwalment soġġetti għal penali amministrattivi msemmija fl-Artikolu 96 (1) tar-Regolament Finanzjarju (ir-Regolament tal-Kunsill 1605/2002 tal-25/06/02, kif sussegwentement emendat).

Applikanti, (ko)benefiċjarji u kandidati għal boroż ta' studju ma jistgħux jingħataw assistenza finanzjarja jekk, fid-data tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għotja, huma:

- a) ikunu suġġetti għal konflitt ta' interess;
- b) ikunu haġja ta' miżrappreżentazzjoni meta jagħtu l-informazzjoni mitluba mill-awtorità kontraenti bħala kondizzjoni tal-parteeċipazzjoni fil-proċedura tal-għoti tal-għotja, jew jonqsu milli jipprovdu din l-informazzjoni;
- c) isibu ruħhom f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni, imsemmija fl-art 93 (1) tar-Regolament Finanzjarju, għal din il-proċedura ta' għotja;
- d) huma soġġetti għall-penali li jikkonsisti mill-esklużjoni minn kuntratti u għotjiet iffinanzjati mill-baġit għal perjodu massimu ta' għaxar snin.

Skont l-Artikoli 93 sa 96 tar-Regolament Finanzjarju, jistgħu jiġu imposti pieni amministrattivi u finanzjarji fuq benefiċjarji li jinstabu haġja ta' miżrappreżentazzjoni jew li jinstabu li naqsu serjament milli jilħqu l-obbligi kuntrattwali tagħhom taħt proċedura preċedenti tal-għoti tal-kuntratti.

Sabiex ikunu konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet, l-applikanti u l-imsieħba¹⁹ għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom li fiha jiċċertifikaw li huma ma jinsabu f'ebda waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 93 u 94 tar-Regolament Finanzjarju.

¹⁸ Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1525/2007 tas-17 ta' Diċembru 2007 li jemenda r-Regolament Nru. 1605/2002 dwar ir-regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 390/2006 tat-30 ta' Diċembru 2006); Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007 tat-23 ta' April 2007 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

¹⁹ Għall-applikazzjonijiet ta' Azzjoni 1 u 2, din id-dikjarazzjoni fuq l-unur sejra tiġi ffirmata biss mill-istituzzjoni applikanta f'isem l-imsieħba tal-konsorzju tagħha.

3.3 KRITERJI TAL-GĦAŻLA

KAPAĊITÀ TEKNIKA

L-applikanti u l-(ko)benefiċjarji għandu jkollhom il-kompetenza u l-kwalifiki professjonali meħtieġa biex jikkompletaw il-proġett propost. Sabiex tintwera din il-kompetenza, l-applikazzjoni għall-għotja trid tinkludi s-CVs tal-persuni responsabbli għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-proġett fi ħdan kull waħda mill-istituzzjonijiet imsieħba²⁰.

Jekk applikabbli, il-kapaċità teknika ta' applikant ser tiġi vvalutata wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-applikazzjonijiet differenti sottomessi mill-istess organizzazzjoni/dipartiment fil-kuntest tal-istess Sejħa għall-Proposti.

KAPAĊITÀ FINANZJARJA

L-applikanti u l-(ko)benefiċjarji għandu jkollhom sorsi stabbli u suffiċjenti ta' fondi meħtieġa biex isostnu l-attività tagħhom fil-perjodu li matulu tkun qiegħda titwettaq l-azzjoni. Sabiex ikunu jistgħu jagħmlu valutazzjoni tal-kapaċità finanzjarja tagħhom, l-applikanti għandhom jissottomettu, jew bl-applikazzjoni tagħhom jew inkella qabel l-istadju tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi (il-proċedura applikabbli ser tiġi speċifikata fil-formola tal-applikazzjoni mehmuża mas-sejħa għall-proposti rilevanti):

- Dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom, ikkompletata u ffirmata kif xieraq, li tafferma l-istatus tagħhom bħala persuna legali u li jkollhom il-kapaċità operattiva u finanzjarja biex ilestu l-proġett propost u/jew
- il-Formola tal-Identifikazzjoni Finanzjarja²¹ mimlija mill-organizzazzjoni applikanta u ċċertifikata mill-bank (il-firem oriġinali huma meħtieġa).

Il-verifikazzjoni tal-kapaċità finanzjarja ma tapplikax għal persuni naturali li jirċievu boroż ta' studju, u lanqas għal korpi pubbliċi jew għal organizzazzjonijiet internazzjonali.

3.4 KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI

Kundizzjonijiet Ġenerali Applikabbli għall-Għotjiet tal-UE

L-applikanti u l-benefiċjarji futuri għandhom jiġu mfakkra li

- ✓ L-għotjiet tal-UE huma inċentivi biex jitwettqu l-proġetti li ma kienux ikunu possibbli mingħajr l-appoġġ finanzjarju tal-UE u huma bbażati fuq il-prinċipju ta' kofinanzjament. Huma jikkumplimentaw il-kontribuzzjoni finanzjarja proprja tal-applikant u/jew l-assistenza nazzjonali, reġjonali jew privata li tkun inkisbet band'oħra;
- ✓ Kull proġett jista' jagħti lok għall-għoti ta' għotja mill-UE waħda biss lil kwalunkwe benefiċjarju wieħed. L-għoti ta' għotjiet għandu jkun suġġett għall-prinċipju tat-trasparenza u t-trattament ugwali;
- ✓ L-għotjiet ma jistgħux ikunu kumulattivi jew jingħataw b'mod retrospettiv; madankollu, tista' tingħata għotja għal prodott li diġà jkun inbeda biss fejn l-applikant ikun jista' juri l-ħtieġa li l-proġett jinbeda qabel jiġi ffirmat il-ftehim. F'każijiet bħal dawn, in-nefqa eliġibbli għall-finanzjament ma tistax tintefaqq qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja;
- ✓ Aċċettazzjoni ta' applikazzjoni għal għotja ma twassalx biex impriża tagħti kontribuzzjoni finanzjarja daqs l-ammont mitlub mill-benefiċjarju. Għalkemm l-ammont allokat ma jistax jaqbeż l-ammont mitlub, tista' tingħata għotja ta' inqas mill-ammont mitlub mill-applikant;

²⁰ In-numru u n-natura tas-CVs li jridu jiġu pprovduti ser jiġu speċifikati fil-formola tal-applikazzjoni mehmuża mas-sejħa għall-proposti rilevanti.

²¹ http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/financial_id/financial_id_en.cfm

- ✓ L-għoti ta' għotja ma jistabilixxi ebda intitolament għas-snin sussegwenti;
- ✓ L-għotja tal-UE ma jistax ikollha l-għan jew l-effett li tipproduċi profitt għall-benefiċjarju. Il-profitt huwa definit bħala eċċess ta' irċevuti fuq l-ispejjeż. Għajr meta l-għotja proposta tkun ibbażata esklussivament fuq somom f'daqqa, ir-rati fissi jew l-ispejjeż għal kull unità – li f'dak il-każ ir-regola tan-nuqqas ta' profitt tkun diġà ttehdet f'kunsiderazzjoni meta jiġu definiti l-valuri individwali tas-somma f'daqqa, ir-rati fissi u l-ispejjeż għal kull unità – l-ammont tal-għotja jitnaqqas bl-ammont ta' kull eċċess identifikat fid-dikjarazzjoni finanzjarja inkluża fir-rapport finali tal-proġett;
- ✓ Il-kont jew sub-kont indikat mill-benefiċjarju għandu jagħmilha possibbli biex jiġu identifikati l-fondi trasferiti mill-Aġenzija. Jekk il-fondi mħallsa f'dan il-kont jagħtu lok għal imgħax jew profitti ekwivalenti skont il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż fejn huwa miżmum il-kont, tali profitt jew imgħax ser jiġi rkuprat fejn jirriżulta mill-ħlas tal-finanzjament minn qabel;
- ✓ Fuq il-bażi ta' analiżi tal-ġestjoni u r-riskji finanzjarji (ara s-sezzjoni 3.3 fuq u s-sezzjoni 7.3.2 għall-proġetti tal-Azzjoni 3), verifika esterna tal-kontijiet, prodotta minn awditur approvat, tista' tkun meħtieġa għas-sostenn ta' kwalunkwe ħlas ta' finanzjament minn qabel.

3.5 KUNDIZZJONIJIET KUNTRATTWALI

Entità Legali

Fil-kuntest tal-Erasmus Mundus, ftehim jista' jiġi propost biss fuq il-bażi ta' aċċettazzjoni ta' dokumenti li jagħmluha possibbli li tiġi definita l-**personalità legali/l-entità legali** tal-benefiċjarju (amministrazzjoni pubblika, università privata, kumpanija privata, organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt, eċċ.).

Għal dan il-għan, il-benefiċjarju sejjer ikun mitlub jipprovdi parti jew id-dokumenti kollha li ġejjin, skont ir-rekwiżiti speċifikati fil-formola tal-applikazzjoni rilevanti:

Organizzazzjonijiet privati:

- Formola ta' Identifikazzjoni Finanzjarja, mimlija u ffirmata kif support;
- estratt mill-gazzetta uffiċjali/reġistru kummerċjali, u ċertifikat tar-responsabbiltà għall-VAT (jekk, kif inhu l-każ f'ċerti pajjiżi, in-numru tar-reġistru kummerċjali u n-numru tal-VAT ikunu identiċi, ikun hemm bżonn biss ta' wieħed minn dawn id-dokumenti).

Entità tal-liġi pubblika:

- Formola ta' Identifikazzjoni Finanzjarja, mimlija u ffirmata kif support;
- riżoluzzjoni legali jew deċiżjoni stabbilita fir-rigward tal-kumpanija pubblika, jew dokument uffiċjali ieħor stabbilit għall-entità tal-liġi pubblika.

Informazzjoni dwar l-għotjiet mogħtija

L-għotjiet mogħtija matul sena finanzjarja għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Unjoni Ewropea matul l-ewwel nofs tas-sena wara l-għeluq tas-sena finanzjarja li għaliha jkunu ngħataw. L-informazzjoni tista' tiġi ppubblikata wkoll fi kwalunkwe mezz ieħor xieraq, inkluż il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Bil-qbil tal-benefiċjarju (b'kunsiderazzjoni ta' jekk l-informazzjoni hijiex ta' natura li tipperikola s-sigurtà tagħha jew tippreġudika l-interessi finanzjarji tagħha) l-Aġenzija ser tippubblika l-informazzjoni li ġejja:

- l-isem u l-indirizz tal-benefiċjarju;
- is-suġġett tal-għotja;
- l-ammont mogħti u r-rata tal-finanzjament.

Pubbliċità

Minbarra l-miżuri previsti għall-viżibilità tal-proġett u d-disseminazzjoni u l-aħjar użu tar-risultati tiegħu (li huma kriterji tal-għoti), hemm obbligu ta' pubbliċità minima għal kull proġett mogħti.

Il-benefiċjarji għandhom jirrikonoxxu b'mod ċar l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea fil-komunikazzjonijiet jew pubblikazzjonijiet kollha, fi kwalunkwe forma jew kwalunkwe mezz, inkluż l-Internet, jew fl-okkażjoni ta' attivitajiet li għalihom tintuża l-għotja (għal informazzjoni dwar il-logos li għandhom jintużaw ara http://eacea.ec.europa.eu/about/eacea_logos_en.php). Jekk ma tintlaħaqx konformità sħiħa ma' dan ir-rekwiżit, l-għotja tal-benefiċjarju tista' titnaqqas.

L-applikanti għandhom jinnotaw li l-possibbiltà li jirreferu għall-Programm Erasmus Mundus u li jużaw ismijiet kummerċjali relatati – bħal “Kors ta' Erasmus Mundus fil-livell ta' Masters (EMMC)”, “Programm ta' Dottorat Konġunt ta' Erasmus Mundus (EMJD)”, “Sħubija ta' Erasmus Mundus” jew “Proġett ta' Erasmus Mundus” – għall-promozzjoni u d-disseminazzjoni tal-attivitajiet u r-risultati tagħhom hija limitata esklussivament għall-proposti magħżula.

Madankollu, il-Korsijiet ta' Erasmus Mundus fil-livell ta' Masters ifffinanzjati għal mill-inqas ħames edizzjonijiet konsekuttivi (reklutaġġ ta' studenti) u li l-finanzjament tal-UE għalihom ġie interrott – għal raġunijiet ta' restrizzjonijiet baġitarji jew minħabba li assiguraraw sorsi sostenibbli oħrajn ta' finanzjament – jistgħu jkomplu jirreferu għall-Isem Kummerċjali ta' Erasmus Mundus għall-attivitajiet ta' disseminazzjoni u l-promozzjoni tagħhom skont il-kundizzjonijiet definiti fis-sezzjoni 4.7 hawn taħt.

Il-Kummissjoni Ewropea fetħet pjattaforma elettronika multilingwa pubblika b'xejn għad-disseminazzjoni u l-aħjar użu tar-risultati tal-proġett. Din il-pjattaforma hija msejħa EVE (*Espace Virtuel d'Echange*) u l-għan tagħha huwa li ttejjeb l-aċċess għar-risultati tal-programmi u l-inizjattivi tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh, eċċ., u fl-istess ħin iżżid il-viżibilità tagħhom. Il-proġetti magħżula ta' Erasmus Mundus jistgħu jiġu mistiedna biex itellgħu informazzjoni fuq EVE dwar l-attivitajiet tagħhom, il-progress li sar u r-risultati miksuba (eż. prodotti, stampi, links jew preżentazzjonijiet, eċċ.).

Verifiki u monitoraġġ

Proġett mogħti jista' jkun suġġett għal verifika u/jew għal żjara ta' monitoraġġ. Il-benefiċjarju ser jintrabat, bl-iffirmar tal-Ftehim ta' Għotja tiegħu, li jipprovdni evidenza li l-għotja ntużat b'mod korrett. L-Aġenzija, il-Kummissjoni Ewropea u/jew il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jew korp maħtur b'mandat minnhom, jistgħu jiċċekkjaw l-implimentazzjoni xierqa tal-attivitajiet (b'konformità mar-rekwiżiti tal-programm u l-applikazzjoni oriġinali) u l-użu li jkun sar mill-għotja fi kwalunkwe żmien matul it-terminu tal-ftehim u, għal dak li għandu x'jaqsam mal-verifiki, matul perjodu ta' ħames snin wara l-iskadenza tagħha.

Il-protezzjoni tad-dejta

Id-dejta personali kollha inkluża fil-ftehim ta' għotja għandha tiġi pproċessata b'konformità ma':

- Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta;
- fejn applikabbli, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun intgħażlet l-applikazzjoni.

Dawn id-dejta ser jiġu pproċessati biss b'rabta mal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Programm, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tat-trasferiment ta' tali dejta lill-korpi responsabbli għal spezzjoni u verifika skont il-leġiżlazzjoni Ewropea (servizzi ta' verifika interna, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Bord tal-Irregolaritajiet Finanzjarji jew l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi). Fuq talba tiegħek, id-dejta personali tiegħek tista' tintbagħatlek sabiex tkun tista' tikkoreġiha jew tikkompletaha. Għal kwalunkwe mistoqsija relatata ma' dawn id-dejta, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Aġenzija. Il-benefiċjarji jistgħu jressqu

ilment kontra l-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom lill-[Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data](#) fi kwalunkwe ħin li jridu.

L-applikanti għall-għotjiet u, jekk ikunu entitajiet legali, il-persuni li jkollhom is-setgħa ta' rappreżentazzjoni, teħid ta' deċiżjonijiet jew kontroll fuqhom, huma informati li, f'każ li jsibu ruħhom f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fi:

- Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16.12.2008 dwar is-Sistema ta' Twissija Bikrija (EWS) għall-użu tal-uffiċjali awtorizzanti tal-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi (ĠU, L 344, 20.12.2008, p. 125), jew
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni tas-17.12.2008 dwar id-Database Ċentrali tal-Esklużjoni – CED (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 12),

id-dettalji personali tagħhom (l-isem, l-isem mogħti jekk tkun persuna naturali, l-indirizz, il-forma legali u l-isem u l-isem mogħti tal-persuni b'setgħat ta' rappreżentazzjoni, teħid ta' deċiżjonijiet jew kontroll, jekk tkun persuna legali) jistgħu jiġu rreġistrati fl-EWS biss jew kemm fl-EWS kif ukoll fis-CED, u jiġu kkomunikati lill-persuni u entitajiet elenkati fid-Deċiżjoni u r-Regolament imsemmija fuq, fir-rigward tal-għoti jew l-esekuzzjoni ta' kuntratt ta' akkwist jew ftehim jew deċiżjoni ta' għotja.

4 AZZJONI 1 A: KORSIJET TA' ERASMUS MUNDUS FIL-GRAD TA' MASTERS (EMMC)

4.1 INTRODUEZZJONI

Il-Korsijiet ta' Erasmus Mundus fil-grad ta' Masters (EMMCs) kienu mnedija matul l-ewwel fażi tal-Programm (2004-2008) bil-għan li jappoġġjaw programmi tal-ogħla kwalità fil-livell postgradwat li jkunu jistgħu jikkontribwixxu għaż-żieda fil-viżibilità u l-attrazzjoni tas-settur tal-edukazzjoni oġhla Ewropea.

Dawn l-EMMCs għandhom:

- idumu għaddejjin bejn sena u sentejn (60 sa 120 krediti ta' ECTS);
- jiġu implimentati minn konsorzju ta' HEIs Ewropej u, fejn rilevanti, HEIs minn pajjiżi terzi;
- jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità għolja lill-istudenti Ewropej u minn pajjiżi terzi u jirriservaw numru ta' postijiet għal boroż ta' studju ta' Erasmus Mundus;
- jinkludu perjodu ta' studju obligatorju għall-istudenti f'mill-inqas tnejn mill-pajjiżi Ewropej;
- jinkludu l-mobilità obligatorja tal-istudju bejn l-HEIs tal-konsorzju;
- iwasslu għall-għoti ta' degrees konġunti, doppji jew multipli rikonoxxuti (li jkopru l-programm kollu ta' studju) lill-istudenti li jgħaddu mill-eżamijiet tagħhom.

Matul l-ewwel fażi tal-Programm, kull konsorzju tal-HEI li jimplementa EMMC ingħata ftehim ta' sħubija ta' qafas ta' ħames snin li pprovda appoġġ finanzjarju garantit għal ħames edizzjonijiet konsekuttivi tal-kors, kif ukoll boroż ta' studju għall-parteċipazzjoni ta' studenti u studju minn pajjiżi terzi f'kull edizzjoni tal-EMMC. Fl-aħħar tal-ewwel fażi tal-Programm, intgħażlu 103 EMMCs u ngħataw madwar 7 300 boroż ta' studju lil studenti u studju minn pajjiżi terzi.

Din l-Azzjoni, li kienet il-qofol tal-ewwel fażi tal-Programm, tkompli matul it-tieni fażi tagħha u tiġi msaħħa mill-elementi li ġejjin:

- l-għoti ta' boroż ta' studju lil studenti Ewropej irreġistrati f'EMMCs magħżula;
- il-possibbiltà għall-HEIs ta' pajjiżi terzi biex ikunu membri sħaħ tal-konsorzji tal-EMMC; għalkemm l-irwol u l-livell tal-involvement ta' dawn l-imsieħba ġodda jistgħu jvarjaw minn EMMC wieħed għal ieħor (skont il-ħtiġijiet u l-prontezza tal-konsorzju u l-imsieħba ta' pajjiżi terzi kkonċernati), huma jistgħu jaġixxu wkoll bħala istituzzjonijiet li jaġhtu d-degrees u jilagħbu rwol attiv fid-disinn, it-twassil u l-ewvalwazzjoni tal-EMMC²²;
- fokus akbar fuq l-istrateġiji tas-sostenibbiltà tal-EMMCs bil-ħsieb li tiġi assicurata l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom 'lil hinn mill-perjodu ta' finanzjament tal-KE; f'dan il-kuntest, ser tingħata attenzjoni speċjali lil dan l-aspett fil-valutazzjoni u l-għażla ta' proposti ġodda ta' EMMC; barra minn hekk, tnaqqis progressiv fin-numru ta' boroż ta' studju ta' Erasmus Mundus offruti lill-EMMCs ser jiġi applikat mill-ħames edizzjoni tal-kors.

Is-sezzjonijiet li jmiss taħt il-Kapitolu 4 jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-HEIs Ewropej u ta' pajjiżi terzi li juru x-xewqa li jimplementaw EMMC. Huma jipprovdu wkoll il-kundizzjonijiet finanzjarji u tal-eliġibbiltà applikabbli għal boroż ta' studju individwali. Peress li l-għażla, ir-reklutaġġ u l-monitoraġġ

²² Il-konsorzji tal-EMMC li ntgħażlu mingħajr imsieħba sħaħ/assoċjati minn pajjiżi terzi għandhom il-possibbiltà li japplikaw għal estensjoni tal-kompożizzjoni tal-konsorzju tagħhom sabiex jinkludu dawn l-imsieħba (għal aktar dettalji ara s-sezzjoni tal-Manwal Finanzjarju u Amministrattiv ta' EM: http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/beneficiaries/beneficiaries_action_1_en.php).

ulterjuri tad-detenturi tal-boroż ta' studju individwali jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-EMMC, l-HEIs applikanti huma mistiedna jagħtu attenzjoni partikolari lil dawn il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà.

4.2 EMMC – KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni u l-kriterji formali l-oħrajn kollha ta' eliġibbiltà speċifikati fis-Sejħa għall-Proposti annwali rilevanti u l-annessi tagħha (b'mod partikolari l-formola tal-applikazzjoni) għandhom jiġu rrispettati.

4.2.1 PARTEĊIPANTI ELIĠIBBLI U KOMPOŻIZZJONI TAL-KONSORZJU

KOMPOŻIZZJONI TAL-KONSORZJU TA' EMMC

- Il-Konsorzju inkarigat mill-implimentazzjoni tal-EMMC huwa kompost mill-applikant/istituzzjoni li tikkordina u l-imsieħba tagħha. Għal kwistjonijiet ta' ġestjoni kuntrattwali u finanzjarja, l-“imsieħba assoċjati” mhumiex meqjusa bħala parti mill-konsorzju.
- Il-konsorzju eliġibbli minimu jikkonsisti minn imsieħeb sħiħ HEIs minn tliet pajjiżi Ewropej²³ differenti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE.

ISTITUZZJONI APPLIKANTA/LI TIKKOORDINA TAL-EMMC

- L-applikanti għandhom ikunu HEIs li jinsabu f'**pajjiż Ewropew**²⁴ u għandhom ikunu rikonoxxuti bħala HEIs mill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż fejn ikunu jinsabu.²⁵
- Jekk jogħġbok innota li l-fergħat ta' HEIs ta' pajjiżi terzi li jinsabu fil-pajjiżi applikanti eliġibbli jew il-fergħat ta' HEIs Ewropej li jinsabu f'pajjiżi terzi mhumiex meqjusa bħala applikanti eliġibbli.

IMSIEĦBA SĦAĦ TAL-EMMC

- Kwalunkwe HEI rikonoxxuta bħala tali mill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż fejn tinsab tista' taġixxi bħala sieħba sħiħa tal-konsorzju li jimplementa EMMC.²⁶

MSIEĦBA ASSOĊJATI TAL-EMMC

- Kwalunkwe organizzazzjoni li tista' tikkontribwixxi għall-promozzjoni, l-implimentazzjoni, l-ewalwazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-EMMC tista' titqies bħala “sieħeb assoċjat” tal-konsorzju.

Dawn l-organizzazzjonijiet mistennija jikkontribwixxu għall-istrategġija żviluppata mill-EMMC, b'mod partikolari fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-kors (jappoġġjaw lill-konsorzju fl-implimentazzjoni, l-organizzazzjoni u l-promozzjoni tal-kors u jipprovdu dħul/triżorsi addizzjonali bħal boroż ta' studju addizzjonali għall-istudenti futuri, eċċ.) u l-impjegabilità tal-istudenti (jassiguraw li l-kontenut akkademiku tal-korsijiet jilħaq il-ħtiġijiet professjonali rilevanti, jikkontribwixxu għat-trasferiment tal-għarfien u l-ħiliet, joffru korsijiet ta' ħiliet kumplimentari u/jew possibbiltajiet ta' issekondar/apprendistat, eċċ.).

²³ Ara d-definizzjoni ta' "pajjiż Ewropew" fil-Kapitolu 2 "Definizzjonijiet u Glossarju".

²⁴ Ara d-definizzjoni ta' "pajjiż Ewropew" fil-Kapitolu 2 "Definizzjonijiet u Glossarju".

²⁵ Għall-għanijiet tal-Programm Erasmus Mundus u għall-pajjiżi applikanti kkonċernati, HEI titqies bħala li hija rikonoxxuta jekk tkun ingħatat Karta ta' Erasmus minn Università taħt il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja. Jekk applikant ma jkunx ingħata Karta ta' Erasmus minn Università, l-Aġenzija għandha tiċċekkja mal-Istruttura Nazzjonali ta' Erasmus Mundus ikkonċernata biex tara jekk l-istituzzjoni inkwistjoni tikkorrispondix mad-definizzjoni ta' HEI mogħtija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Programm.

²⁶ Filwaqt li l-għoti ta' Karta ta' Erasmus minn Università taħt il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja jikkostitwixxi prova valida ta' rikonoxximent għall-HEIs Ewropej, l-Aġenzija sejra titlob lid-Delegazzjonijiet tal-UE biex jikkomunikaw mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż ikkonċernat sabiex jiġi żgurat li l-HEIs f'pajjiżi terzi nklużi fil-konsorzju jikkorrispondu mad-definizzjoni ta' HEI mogħtija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Programm.

STUDENTI KANDIDATI GĦAL BORŻA TA' STUDJU TAL-EMMC

- Huma biss il-kandidati li applikaw u ġew aċċettati minn konsorzju tal-EMMC skont il-kriterji speċifiċi tiegħu tal-applikazzjoni u l-għażla tal-istudenti li huma eliġibbli għal borża ta' studju.
- L-istudenti jistgħu japplikaw għal borża ta' studju tal-Erasmus Mundus għall-programm konġunt tal-Azzjoni 1 ta' Erasmus Mundus (EMMC jew EMJD) tal-għażla tagħhom, iżda n-numru ta' applikazzjonijiet għandu jkun limitat għal massimu ta' tliet programmi konġunti differenti.
- Kull proġett jista' jagħti lok għall-għoti ta' għotja mill-UE waħda biss lil kwalunkwe student għall-istess kors konġunt matul it-tul tal-kors ikkonċernat.
- Sabiex il-programm ikun aktar attraenti għaċ-ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi, l-ammont tal-borża ta' studju sħiħ ser ikun oġhla għall-istudenti tal-masters minn pajjiżi terzi (boroż ta' studju tal-Kategorija A) milli għall-istudenti tal-masters Ewropej (boroż ta' studju tal-Kategorija B). B'mod aktar speċifiku:
 - **Il-boroż ta' studju tal-Kategorija A** jistgħu jingħataw lil studenti tal-masters minn pajjiżi terzi magħżula minn konsorzji tal-EMMC li jkunu ġejjin minn pajjiż differenti minn pajjiż Ewropew²⁷ u li la jkunu residenti u lanqas ikunu wettqu l-attività prinċipali tagħhom (studju, taħriġ jew xogħol) għal aktar minn total ta' 12-il xahar matul l-aħħar ħames snin f'dawn il-pajjiżi²⁸.
 - **Il-boroż ta' studju tal-Kategorija B** jistgħu jingħataw lil studenti tal-masters Ewropej magħżula minn konsorzji tal-EMMC, kif ukoll lil studenti tal-masters magħżula minn konsorzji tal-EMMC li ma jissodisfawx il-kriterji tal-Kategorija A definiti fuq.

L-istudenti li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibilità kemm għall-Kategorija A kif ukoll għall-Kategorija B – eż. studenti li għandhom ċittadinanza doppja - għandhom jagħżlu l-Kategorija tal-għażla tagħhom. Bħala riżultat, huma intitolati li japplikaw biss għal waħda miż-żewġ kategoriji ta' boroż ta' studju kull darba.

- Il-kandidati għall-boroż ta' studju għandhom diġà jkunu kisbu l-ewwel degree²⁹ fl-edukazzjoni oġhla jew juru livell ta' taġlim ekwivalenti rikonoxxut skont leġislazzjoni u prattiċi nazzjonali.
- Dawk l-individwi li diġà bbenifikaw minn borża ta' studju tal-EMMC mhumiex eliġibbli għal borża ta' studju oħra sabiex isegwu l-istess EMMC jew EMMC ieħor.
- L-istudenti li jibbenifikaw minn borża ta' studju tal-EMMC ma jistgħux jibbenifikaw minn għotja tal-UE oħra waqt li jkunu qegħdin isegwu l-istudji tagħhom tal-Erasmus Mundus fil-livell ta' masters.
- Il-boroż ta' studju għall-istudenti tal-EMMC jingħataw esklussivament għal reġistrazzjoni fuq bażi full-time f'waħda mill-edizzjonijiet tal-kors.

STUDJUŻI KANDIDATI GĦAL BORŻA TA' STUDJU TAL-EMMC

- Il-boroż ta' studju tal-EMMC ser jingħataw lil studjużi Ewropej u minn pajjiżi terzi skont il-kriterji li ġejjin:
 - **Il-boroż ta' studju jistgħu jingħataw lil studjużi rreġistrati fi kwalunkwe HEI ta' pajjiż terz li jintgħażlu mill-konsorzju tal-EMMC biex jikkontribwixxu għall-programm konġunt;**
 - Jekk il-konsorzju jinkludi msieħba minn pajjiżi terzi, (jew bħala msieħba sħaħ jew bħala msieħba assoċjati), **il-boroż ta' studju jistgħu jingħataw lil studjużi rreġistrati f'HEI Ewropea li taġixxi**

²⁷ Ara d-definizzjoni ta' "pajjiż Ewropew "fil-Kapitolu 2 " Definizzjonijiet u Glossarju ".

²⁸ Il-perjodu ta' referenza ta' ħames snin għal din ir-regola ta' 12-il xahar hija kkalkolata lura mill-iskadenza sottomissjoni għall-applikazzjonijiet ta' Kategorija A mill-konsorzja EM lill-Aġenzija.

²⁹ Kandidati li ser jiksbu biss l-ewwel grad tagħhom ta' edukazzjoni oġhla fl-aħħar tas-sena akkademika ta' qabel dak ikkonċernat bl-applikazzjoni ta' borża ta' studju jistgħu madankollu japplikaw għal borża ta' studju u jintgħażlu mill-konsorzju ikkonċernat, taħt il-kondizzjoni li huma jiksbu l-grad meħtieġ qabel il-bidu tal-edizzjoni tal-kors ta' masters kkonċernati.

bħala istituzzjoni msieħba sħiħa bil-għan li jikkontribwixxu għall-programm konġunt fi ħdan dan(/dawn) il-pajjiż(i) terzi.

- L-istudjuji tal-EMMC għandhom juru esperjenza akkademika u/jew professjonali eċċellenti u jgħibu valur miżjud konkret għat-twassil tal-EMMC.
- Huma biss il-kandidati li ġew aċċettati minn EMMC skont il-kriterji speċifiċi tiegħu għall-għażla tal-istudjuji li huma eliġibbli għal borża ta' studju.

4.2.2 ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI

L-EMMCs huma mfassla u implimentati minn konsorzji ta' HEIs mill-Ewropa u minn kull parti oħra tad-dinja. L-istudenti rreġistrati ser jistudjaw f' mill-inqas tnejn mill-pajjiżi Ewropej rrappreżentati fil-konsorzju u ser jingħataw degrees konġunti, doppji jew multipli f' isem il-konsorzju wara t-tlestija b' suċċess tal-istudji tagħhom.

EMMC għandu:

- Idum għaddej għal minimu ta' sena u massimu ta' sentejn akkademiċi u għalhekk għandu jgħorr bejn 60 u 120 krediti tal-ECTS fil-livell ta' masters;
- Ikun żviluppat b' mod sħiħ fil-ħin tal-applikazzjoni u jkun lest biex idum għaddej għal mill-inqas ħames edizzjonijiet konsekuttivi mis-sena akkademika wara s-sena tal-applikazzjoni (eż. applikazzjoni għall-EMMC sottomessa f' April tas-sena "n-1" għandha tkun tista' tibda fl-ewwel edizzjoni tal-kors konġunt minn Awwissu/Settembru tas-sena "n");
- Jinvolvi studenti Ewropej u minn pajjiżi terzi u kull sena jirriserva ċertu numru ta' postijiet għall-boroż ta' studju tal-Erasmus Mundus; dan in-numru ser ivarja minn sena għal oħra u ser jiġi kkomunikat lill-konsorzji tal-EMMC magħżula fil-ħarifa tas-sena qabel is-sena akkademika kkonċernata³⁰;
- Jibda l-aktar kmieni f' Awwissu tas-"sena n" u jintemm mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ottubru tas-"sena n+1" (korsijiet b'60 ECTS) jew "is-sena n+2" (korsijiet b'120 ECTS); id-data tat-tmiem tinkludi l-komunikazzjoni tar-riżultati finali tal-istudenti;
- Ikollu kriterji konġunti ta' applikazzjoni, għażla, ammissjoni u eżaminazzjoni tal-istudenti; il-proċedura u l-kriterji tal-għażla tal-istudenti mfassla mill-konsorzju għandhom jiġu approvati mill-Aġenzija qabel ma jinħareġ l-ewwel ftehim ta' għotja speċifiku; il-proċedura u d-data tal-għeluq għall-applikazzjoni tal-istudenti għandhom jiffasslu b'tali mod li l-istudenti jiġu pprovduti bl-informazzjoni kollha meħtieġa minn qabel sew u b'biżżejjed żmien biex ikunu jistgħu jippreparaw u jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom (fil-prinċipju 4 xhur qabel id-data tal-għeluq);
- Jaqbel jekk għandhomx jiġu stabbiliti jew le miżati għat-tagħlim, b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-membri tiegħu. Meta l-miżati għat-tagħlim jkunu ġew stabbiliti, il-konsorzju tal-EMMC għandu jiżgura li dawn il-miżati jkunu trasparenti u ċari għall-istudenti applikanti; jistgħu jiġu imposti żewġ ammonti differenti ta' ħlas, fuq naħa waħda għall-istudenti Ewropej u fuq in-naħa l-oħra għall-istudenti minn pajjiżi terzi. Fl-iffissar tal-miżati għat-tagħlim, il-konsorzju għandu jżommu f'moħħu l-kontribuzzjoni massima għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni fl-EMMC inklużi fil-boroż ta' studju (ara 4.4 hawn taħt). Jekk il-miżati għat-tagħlim stabbiliti mill-konsorzju jkunu ogħla minn dan l-ammont, il-konsorzju għandu jagħti rinunzja tal-miżati lil dawk li jieħdu l-boroż ta' studju tal-Erasmus Mundus għal kwalunkwe ammont ta' ħlas li jaqbeż il-kontribuzzjoni massima;

³⁰ Bħala indikazzjoni, in-numru ta' boroż ta' studju għall-istudenti wisq probabbli ser ivarja bejn 7 u 17-il borża ta' studju għal kull edizzjoni, jiddependi mill-"anzjanità" tal-EMMC.

- Jassigura li l-imsieħba sħaħ kollha jkunu f'pożizzjoni li jkunu istituzzjoni ospitanti għall-istudenti tal-EMMC u jagħtu mill-inqas in-numru ta' ECTS speċifikat hawn taħt;
- Ikunu ddisinjati b'tali mod li jippermettu lill-istudenti li jwettqu perjodu ta' mobbiltà f'tal-inqas żewġ pajjiżi Ewropej irrappreżentati fil-konsorzju³¹; kull wieħed minn dawn il-perjodi obligatorji ta' mobbiltà għandu jinkludi volum ta' studju/riċerka jew l-ekwivalenti (eż. field work, attivitajiet fil-laboratorji, esperjenza ta' xogħol jew riċerka għat-teżi, eċċ.) li jikkorrispondi għal mill-inqas 20 ECTS għall-EMMCs b'tul ta' sena u 30 ECTS għall-EMMCs b'tul ta' żmien itwal;
- Mingħajr preġudizzju għal-lingwa tal-istruzzjoni, jipprovdi għall-użu ta' mill-inqas żewġ lingwi Ewropej mitkellma fil-pajjiżi li jkunu żaru l-istudenti matul l-istudji tagħhom fl-EMMC u, kif xieraq, joffri preparazzjoni lingwistika u assistenza għall-istudenti, b'mod partikolari permezz ta' korsijiet organizzati mill-istituzzjonijiet inkwistjoni;
- Jiggarantixxu l-għoti f'isem il-konsorzju ta' degree(s) konġunti, doppji jew multipli lill-istudenti kollha li jiksbu suċċess³² (li jkopri l-programm kollu ta' studju); il-programmi li jirriżultaw fl-għoti ta' degrees konġunti ser jiġu promossi; dan (dawn) il-degree(s) għandhom ikunu rikonoxxuti jew akkreditati mill-pajjiżi Ewropej li fihom l-istituzzjonijiet parteċipanti jinsabu. Din il-kundizzjoni ta' eliġibbiltà għandha tiġi ssodisfata l-aktar tard fil-ħin tar-reġistrazzjoni tal-ewwel studenti ta' Erasmus Mundus³³; in-nuqqas ta' dan jista' jwassal għall-kanċellazzjoni tal-finanzjament ta' Erasmus Mundus;
- Idaħħal fis-seħħ skema ta' assigurazzjoni li tiggarrantixxi li l-istudenti jkunu koperti b'mod adegwat f'każ ta' inċident, korriment, mard, eċċ. waqt li jipparteċipaw fl-EMMC³⁴;
- Jimplimenta l-miżuri meħtieġa biex jassisti lill-istudenti tal-Kategorija A u l-istudju ta' pajjiżi terzi jiksbu l-permessi meħtieġa tagħhom għall-visa u r-residenza³⁵;
- Jiżviluppa strateġija komuni u ċara ta' promozzjoni u viżibilità għall-kors, inkluża, b'mod partikolari, websajt iddedikata tal-EMMC li tirreferi espliċitament għall-Programm Erasmus Mundus u li tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-kors mill-perspettiva akkademika, finanzjarja u amministrattiva;
- Ikun ibbażat fuq Ftehim tal-EMMC iffirmit mill-korp regolatorju xieraq tal-HEIs imsieħba u jkopri l-aktar aspetti rilevanti tal-implimentazzjoni, il-finanzjament u l-monitoraġġ tal-kors;
- Joffri l-faċilitajiet meħtieġa lill-istudenti (eż. uffiċċju internazzjonali, akkomodazzjoni, *coaching*, għajjuna bil-visas, eċċ.), inkluż, fejn ikun meħtieġ, servizzi għall-membri familjari tal-benefiċjarji u benefiċjarji bi bżonnijiet speċjali.

Għalkemm l-EMMCs jistgħu joperaw fi kwalunkwe qasam ta' studju, minn suġġetti speċjalizzati sa oqsma ta' studju usa' b'aktar minn fergħa waħda, madankollu l-applikanti huma mistiedna jikkonsultaw is-Sejħiet għall-Proposti annwali sabiex jidentifikaw il-prijoritajiet tematiċi possibbli għas-sena tal-għażla kkonċernata.

L-istudenti tal-EMMC li jkollhom borża ta' studju tal-Erasmus Mundus għandhom:

- Jimpenjaw ruħhom li jipparteċipaw fil-programm ta' masters skont it-termini definiti mill-konsorzju fil-***Ftehim tal-Istudenti***³⁶. In-nuqqas ta' dan jista' jwassal għall-kanċellazzjoni tal-borża ta' studju;

³¹ Il-programm ta' studju u l-friegħi tal-mobilità għandhom jifasslu b'tali mod li jippermettu lill-istudenti ta' pajjiżi terzi jikkompletaw it-totalità tal-istudji tagħhom fl-EMMC fl-Ewropa.

³² Id-degrees doppji jew multipli huma definiti bħala żewġ diplomi nazzjonali jew aktar maħruġa uffiċjalment minn żewġ istituzzjonijiet jew aktar involuti fi programm ta' studju integrat. Degree konġunta hija definita bħala diploma waħda maħruġa minn mill-inqas tnejn mill-istituzzjonijiet li joffru programm ta' studju integrat.

³³ L-applikanti huma rakkomandati li jikkuntattjaw lill-Istruttura Nazzjonali tagħhom tal-Erasmus Mundus sabiex ifittxu informazzjoni u assistenza dwar l-istatus tar-rikonoxximent tad-degree tagħhom fil-kuntest nazzjonali

³⁴ Ara r-rekwiżiti minimi tal-assigurazzjoni fuq http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/index_en.php

³⁵ Ara d-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004.

- Iqattgħu l-perjodu ta' studju tagħhom f'tal-inqas tnejn mill-imsieħba sħaħ li jinsabu f'pajjiżi Ewropej differenti. Id-detenturi tal-boroż ta' Kategorija B li jgħaddu parti mill-EMMC fil-pajjiż fejn ikunu kisbu l-aħħar lawrja universitarja tagħhom għandhom iżuru tal-inqas żewġ pajjiżi oħra matul l-istudji tagħhom³⁷. Il-perjodi ta' mobbiltà obbligatorja ma jistgħux jiġu ssostitwiti minn mobbiltà virtwali, u lanqas ma jistgħu jiġu esegwiti f'istituzzjonijiet barra mill-konsorzju;
- Iqattgħu il-maġġoranza tal-perjodu ta' studju/tagħlim/riċerka fil-pajjiżi Ewropej irrappreżentati fil-konsorzju. Madankollu, jekk il-konsorzju tal-EMMC jinkludi msieħba minn pajjiżi terzi (jew imsieħba sħaħ jew insiehba assoċjati):
 - Id-detenturi ta' boroż ta' studju tal-Kategorija A jistgħu jqattgħu perjodu ta' tagħlim/taħriġ/riċerka/fieldwork b'massimu ta' trimestru wieħed (jiġifieri 3 xhur jew l-ekwivalenti ta' 15-il ECTS) f'dawn il-pajjiżi terzi, taħt is-superviżjoni diretta ta' wieħed mill-imsieħba fil-konsorzju u biss jekk dan il-pajjiż ikun differenti mill-pajjiż ta' oriġini tal-istudent; perjodi li jaqbżu dan it-tul ta' żmien jew imqatta' fil-pajjiż tal-oriġini tal-istudenti ma jistgħux jiġu koperti mill-borża ta' studju tal-EMMC;
 - Id-detenturi ta' boroż ta' studju tal-Kategorija B jistgħu jqattgħu minimu ta' trimestru wieħed jew l-ekwivalenti ta' mill-inqas 15-il ECTS u sa nofs l-istudji tagħhom fil-kors tal-masters f'dawn il-pajjiżi terzi, taħt is-superviżjoni diretta ta' wieħed mill-imsieħba fil-konsorzju kkonċernati; perjodi li jaqbżu dan it-tul ta' żmien ma jistgħux jiġu koperti mill-borża ta' studju tal-EMMC.

Għaż-żewġ boroż ta' studju jiġifieri ta' Kategorija A u B , it-tul ta' 1 trimestru (15-il ECTS) għandu jikkorrispondi għal soġġorn konsekuttiv fl-imsieħeb sħiħ/assoċjat ta' pajjiż terz ikkonċernat.

L-istudjużi tal-EMMC li jkollhom borża ta' studju tal-Erasmus Mundus għandhom:

- Jimpenjaw ruħhom li jipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet tal-kors ta' masters;
- Iqattgħu minimu ta' ġimgħatejn u massimu ta' tliet xhur fl-HEIs imsieħba;
- Iwettqu attivitajiet ta' tagħlim/riċerka/tutoring tal-istudenti:
 - fl-HEIs imsieħba Ewropej (għal studjużi minn pajjiżi terzi),
 - fl-HEIs imsieħba sħaħ jew assoċjati minn pajjiżi terzi (għal studjużi Ewropej);
- Iġibu valur miżjud konkret għall-kors u l-istudenti (permezz tat-tagħlim ta' klassijiet speċifiċi, li jwasslu u jipparteċipaw f'seminars jew workshops, il-monitoraġġ u t-tutoring ta' attivitajiet ta' riċerka/proġetti għall-istudenti, il-parteeċipazzjoni fir-riċensjonijiet tat-teżijiet, it-thejjiija ta' moduli ġodda ta' tagħlim, eċċ.);
- Jikkontribwixxu, wara l-attivitajiet skolastiċi tagħhom li kienu jinvolvu żjarat, għall-promozzjoni u d-disseminazzjoni tal-Programm Erasmus Mundus b'mod ġenerali, u l-EMMC ikkonċernat b'mod partikolari, fl-HEI u l-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

4.3 EMMC – KRITERJI TA' AĠĠUDIKAZZJONI

L-għażla tal-EMMCs ser tkun proċess kompetittiv organizzat mill-Aġenzija u bbażat fuq il-valutazzjoni tal-kwalità tal-proposta mill-perspettiva akkademika u organizzattiva. Din il-valutazzjoni ser tkun ibbażata fuq il-ħames kriterji ta' aġġudikazzjoni li ġejjin (għal kull kriterju ta' aġġudikazzjoni, il-formola tal-

³⁶ Eżempji ta' ftehimiet tal-istudenti jistgħu jinstabu fuq: http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/tools/good_practices_en.php. Dawn jingħataw bħala eżempji biss: l-Aġenzija mhijiex responsabbli għall-kontenut tagħhom.

³⁷ L-istudenti b'degree konġunta, multipla jew doppja jistgħu jagħżlu l-pajjiż tal-għoti tal-għażla tagħhom.

applikazzjoni ser tinkludi mistoqsijiet speċifiċi li jindirizzaw fid-dettall kull waħda mill-kwistjonijiet ikkonċernati):

Kriterja	Koeffiċjent
<i>Kwalità akkademika</i>	30%
<i>Integrazzjoni tal-kors</i>	25%
<i>Il-ġestjoni tal-kors, il-viżibiltà u miżuri ta' sostenibbiltà</i>	20%
<i>Il-faċilitajiet tal-istudenti u s-segwitu</i>	15%
<i>Evalwazzjoni u assigurazzjoni tal-kwalità</i>	10%
Total	100%

Kwalità akkademika (30% tal-marka finali)

Skont dan il-kriterju ta' aġġudikazzjoni, l-applikanti ser ikollhom jippreżentaw l-oġġettivi tal-proposta tal-EMMC tagħhom minn perspettiva akkademika u l-kontribuzzjoni possibbli tagħha għall-eċċellenza, l-innovazzjoni u l-kompetittività tas-settur tal-edukazzjoni oġġla Ewropea.

Integrazzjoni tal-kors (25% tal-marka finali)

Il-kriterju tal-integrazzjoni tal-kors ser jiffoka fuq kwistjonijiet relatati mal-mod kif l-EMMC ser jiġi implimentat fi u madwar l-istituzzjonijiet imsieħba li jikkonċernaw l-ġhoti tal-kors innifsu, kif ukoll il-mekkaniżmi tal-ġhażla, l-ammissjoni, l-eżaminazzjoni u r-rikonoxximent tar-riżultati tal-istudenti.

Il-ġestjoni tal-kors, il-viżibiltà u miżuri ta' sostenibbiltà (20% tal-marka finali)

Dan il-kriterju ser jiffoka fuq il-mod kif il-konsorzju għandu l-ħsieb li jmexxi l-EMMC sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tiegħu.

Il-faċilitajiet tal-istudenti u l-appoġġ (15% tal-marka finali)

Skont dan il-kriterju għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-servizzi u l-faċilitajiet offruti lill-istudenti rreġistrati, kif ukoll il-mod kif il-konsorzji applikanti għandhom il-ħsieb li jassiguraw il-partekipazzjoni effiċjenti ta' dawn l-istudenti fl-attivitajiet tal-EMMC.

Evalwazzjoni u assigurazzjoni tal-kwalità (10% tal-marka finali)³⁸

Skont dan il-kriterju, l-EMMCs applikanti ser ikollhom jiddeskrivu l-istrateġija tal-evalwazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità prevista mill-konsorzju sabiex jiġi assigurat il-monitoraġġ effiċjenti tal-kors (kemm mill-perspettiva ta' kontenut kif ukoll minn dik amministrattiva) u t-titjib regolari tiegħu matul il-ħames snin tal-implimentazzjoni.

4.4 EMMC – KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI

Kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż operattivi tal-EMMC

Kull proġett jista' jagħti lok għall-ġhoti ta' għotja mill-UE waħda biss lil kwalunkwe benefiċjarju finali (jiġifieri konsorzju, student jew studjuż) għall-istess kors konġunt matul it-tul tal-kors ikkonċernat.

³⁸ L-applikanti huma mistiedna wkoll li jikkonsultaw ir-Reġistru għall-Assigurazzjoni Ewropea tal-Kwalità għall-Edukazzjoni Oġġla fuq: <http://www.eqar.eu>

Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż tal-ġestjoni interna tal-konsorzju tal-EMMC ser tikkorrespondi għal somma f'daqqa ta' € 30 000 għal kull edizzjoni tal-kors (jiġifieri € 10 000 għal kull HEI li tipparteċipa b'limitu sa massimu ta' € 30 000).

Barra minn hekk, il-borża ta' studju ta' kull student ser tinkludi ammont massimu meħmuż mal-ġhotja u maħsub biex jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-istudent fl-EMMC (ara t-*Tabella tal-Boroż ta' Studju* hawn taħt).

Il-benefiċjarju mhuwiex ser jintalab jirrapporta dwar l-użu tas-somma f'daqqa u lanqas dwar il-kontribuzzjoni tal-borża ta' studju għall-ispejjeż tal-EMMC.

Boroż ta' studju individwali

Il-proċedura u l-kriterji applikabbli għall-**għoti ta' boroż ta' studju individwali ta' Erasmus Mundus lil studenti u studjużi** huma r-responsabbiltà tal-EMMCs magħżula. Sabiex jiġġarantixxu għażla trasparenti u oġġettiva tal-istudenti kandidati, l-EMMCs magħżula ser ikollhom jissottomettu lill-Aġenzija, bħala parti mill-obbligi kuntrattwali tagħhom, deskrizzjoni komprensiva tal-proċedura u l-kriterji tal-għażla tal-istudenti tagħhom qabel l-għoti tal-ewwel Ftehim ta' Għotja Speċifiku tagħhom³⁹.

Dawk l-individwi li jixtiequ japplikaw għal borża ta' studju tal-EMMC għandhom jikkonsultaw il-lista tal-korsijiet fil-livell ta' masters magħżula u l-informazzjoni dettaljata disponibbli fuq il-websajt tal-kors(ijiet) tal-masters tal-għażla tagħhom.

Il-boroż ta' studju ta' Erasmus Mundus ser jingħataw lill-istudenti u l-istudjużi għal kull waħda mill-ħames edizzjonijiet tal-EMMC. In-numru ta' boroż ta' studju għal kull kategorija ta' individwi (studenti mill-kategoriji A u B kif ukoll mill-pajjiżi terzi u, meta applikabbli, studjużi Ewropej) ser jiġu definiti fuq bażi annwali u kkomunikati lill-EMMCs magħżula fil-ħarifa tas-sena ta' qabel is-sena akkademika kkonċernata. Bħala indikazzjoni, dan in-numru wisq probabbli ser ikun ivarja bejn 7 u 17-il borża ta' studju għall-istudenti (jiddependi mis-“senjorità” tal-EMMC), 36 sa 48 ġimgħa borża ta' studju għal studjużi minn pajjiżi terzi u l-istess numru għal studjużi Ewropej (jekk il-konsorzju jkun jinkludi msieħba sħaħ u/jew assoċjati ta' pajjiżi terzi).

Ta' min jinnota li, waqt li l-boroż ta' studju tal-Kategorija A għandhom jitqiesu bħala “**boroż ta' studju sħaħ**” li jkopru l-ispejjeż kollha meħtieġa tal-istudent matul il-perjodu ta' studju tiegħu/tagħha fl-Ewropa, il-boroż ta' studju tal-Kategorija B għandhom jitqiesu bħala “**kontribuzzjoni finanzjarja**” għall-ispejjeż tal-istudent waqt li jkun qiegħed isegwi l-istudji tiegħu fl-EMMC.

Mingħajr preġudizzju għall-istandards akkademiċi għolja, sabiex jassiguraw id-diversità ġeografika fost l-istudenti/studjużi, il-konsorzji tal-EMMC għandhom jirrispettaw il-kriterji bażiċi li ġejjin meta jiġu biex jagħżlu l-istudenti/studjużi għal borża ta' studju tal-Erasmus Mundus:

Mgħandux ikun hemm aktar minn tnejn mill-istudenti magħżula għal borża ta' studju tal-EMMC li jkunu tal-istess nazzjonalità.

In-numru ta' boroż ta' studju mogħtija lil skulari mill-istess HEI għandhom ikopru tul massimu ta' 3 xhur (jiġifieri ekwivalenti sa 6 boroż ta' studju ta' ġimagħtejn).

– L-ebda studjuż ma jista' jingħata borża ta' studju għal aktar minn 3 xhur (jiġifieri sa 6 boroż ta' studju ta' ġimagħtejn)

Jekk il-konsorzji jkunu jixtiequ jitbiegħdu minn dawn il-kriterji, il-permess minn qabel biex ikunu jistgħu jagħmlu dan għandu jinkiseb mill-Aġenzija.

³⁹ Ara http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/beneficiaries/beneficiaries_action_1_en.php

Tabella tal-Boroż ta' Studju

		Boroż ta' studju tal-Kategorija A	Boroż ta' studju tal-Kategorija B	Boroż ta' studju għall-istudjużi
I	Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivjaġġar, ta' installazzjoni, spejjeż relatati mal-viża u kull tip ta' spejjeż oħra	€ 4 000 għal EMMC ta' sena waħda; € 8 000 għal korsijiet itwal minn sena waħda	€ 3 000 – biss jekk l-EMMC tkun tinkludi perjodu ta' mobilità għal imsieħeb sħiħ/assoċjat minn pajjiż terz	
II	Kontribuzzjoni massima għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni fl-EMMC (inkluża l-kopertura tal-assigurazzjoni) ⁴⁰	€ 4 000 għal kull semestru	€ 2 000 għal kull semestru	
III	Benefiċċju ta' kull xahar ⁴¹	€ 1 000 fix-xahar	€ 500 fix-xahar	
IV	Benefiċċju għall-għajxien (inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar)			€ 1 200 fil-ġimgħa għal perjodu minimu ta' ġimagħtejn u perjodu massimu ta' 3 xhur għal kull studjuż

Għall-boroż ta' studju tal-Kategorija A: l-ammont minimu ta' borża ta' studju għall-istudenti huwa ta' € 14 000 għal EMMC li jdm għaddej 10 xhur (eżempju minn Settembru ta' sena "n" sa Ġunju ta' "sena n+1") jekk il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni fl-EMMC hija ta' € 0. Jekk il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tilħaq il-limitu massimu ta' € 4 000 għal kull semestru, l-ammont massimu tal-borża ta' studju għall-istudenti huwa ta' € 48 000 għal EMMC ta' sentejn (/24 xahar).

Għall-boroż ta' studju tal-Kategorija B: L-ammont minimu ta' borża ta' studju għall-istudenti huwa € 5 000 għal EMMC li jdm għaddej għal 10 xhur mingħajr mobilità lejn pajjiż terz, jekk il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' parteċipazzjoni tal-EMMC tkun ta' € 0. L-ammont massimu ta' borża ta' studju għall-istudenti huwa € 23 000 għal EMMC li jdm għaddej sentejn mingħajr mobilità lejn imsieħeb sħiħ/assoċjat ta' pajjiż terz, jekk il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tilħaq il-limitu massimu ta' € 2 000 għal kull semestru.

Għall-boroż ta' studju għall-istudjużi: il-borża ta' studju minima għal studjuż individwali hija ta' € 2 400 għal waqfa ta' ġimagħtejn u l-borża ta' studju massima hija ta' € 14 400 għal waqfa ta' tliet xhur.

⁴⁰ "Spejjeż tal-parteċipazzjoni" għandha tinftiehem bħala kwalunkwe spiża amministrattiva/operattiva obligatorja relatata mal-parteċipazzjoni tal-istudent fl-EMMC (eż. spejjeż relatati mal-librerija, il-laboratorju, it-tagħlim, is-sigurtà soċjali u l-assigurazzjoni, eċċ.). Kwalunkwe spejjeż oħrajn li jistgħu jiġu imposti addizzjonalment (pereżempju għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' fieldwork), kemm jekk ikunu obligatorji jew volontarji, għandhom jiġu kkomunikati lill-istudent kandidat fl-istadju tal-applikazzjoni.

⁴¹ L-għadd ta' kwoti ta' kull xahar huwa kkalkolat mill-bidu sat-tmiem tal-kors u jinkludi, jekk applikabbli, il-waqfa tas-sajf bejn sentejn akkademiċi.

L-ammonti tal-boroż ta' studju ser jitħallsu lill-konsorzji tal-EMMC fil-kuntest tal-ftehimiet tal-għotjiet speċifiċi maħruġa għal kull edizzjoni tal-kors⁴². Hija r-responsabbiltà tal-konsorzju li jassigura li l-borża ta' studju titħallas lill-istudent/studjuż kif ġej:

- **L-Ammont I** (*Il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivjaġġar, ta' installazzjoni, u spejjeż relatati mal-viża u spejjeż personali oħra tal-istudent*) għandhom jitħallsu:
 - Għall-boroż ta' studju tal-Kategorija A, fl-aħħar tal-proċess tar-reġistrazzjoni, sħiħ (għall-EMMCs li jdumu sena akkademika waħda) jew f'żewġ ħlasijiet bin-nifs (għall-EMMCs b'tul ta' żmien itwal).
 - Għall-boroż ta' studju tal-Kategorija B, bi tħejjija għall-perjodu ta' mobilità fil-pajjiż terz.
- **L-Ammont II** (*Kontribuzzjoni massima għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni fl-EMMC – inkluża l-kopertura tal-assigurazzjoni*) jista' jinġabar mill-konsorzju tal-EMMC direttament bil-kundizzjoni li l-istudent ikun iffirma **"ftehim tal-istudenti"** mal-konsorzju, fejn ikunu ġew indikati b'mod ċar l-ammont u l-ispejjeż koperti minnu. Għalkemm il-konsorzju tal-EMMC huwa liberu li jiddefinixxi l-ammont xieraq tal-ispejjeż għall-parteċipazzjoni li jridu jiġu ddebitati lill-istudenti parteċipanti, meta jiġi biex jiddetermina dawn l-ispejjeż, il-konsorzju għandu jżomm f'moħħu l-kontribuzzjoni massima għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni fl-EMMC inklużi fil-borża ta' studju. Jekk il-miżati għat-tagħlim stabbiliti mill-konsorzju jkunu oġġa minn dan l-ammont, il-konsorzju għandu jagħti rinunzja tal-miżati lil dawk li jieħdu l-boroż ta' studju tal-Erasmus Mundus għal kwalunkwe ammont ta' ħlas li jaqbeż il-kontribuzzjoni massima.
- **L-Ammont III** (*Benefiċċju ta' kull xahar*) għandu jitħallas fuq bażi ta' kull xahar u b'mod sħiħ fil-kont bankarju personali tal-istudent.
- **L-Ammont IV** (*Benefiċċju għall-għajxien (inklużi spejjeż tal-ivjaġġar)*): b'konformità mal-ħtiġijiet tal-istudjuż.

L-ammont tal-borża ta' studju jista' jiżdied sabiex jgħin biex jiġu koperti l-ispejjeż addizzjonali ta' studenti bi bżonnijiet speċjali; l-EMMCs ikkonċernati għandhom jinformaw lill-Aġenzija dwar dan fil-kuntest tal-applikazzjonijiet annwali tagħhom għall-boroż ta' studju tal-istudenti.

L-EMMCs għandhom ikunu konxji tal-linji politiċi dwar it-tassazzjoni applikati għal boroż ta' studju individwali fil-pajjiżi parteċipanti differenti u għandhom jinformaw lid-detenturi tal-boroż ta' studju b'mod xieraq. Għal aktar informazzjoni, l-EMMCs huma mistiedna jikkonsultaw l-Istruttura Nazzjonali ta' Erasmus Mundus ikkonċernata (ara l-lista taħt il-Kapitolu 8).

Għal aktar informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-borża ta' studju, jekk jogħġbok irreferi għall-Manwal Finanzjarju u Amministrattiv ta' EM ippubblikat fuq il-websajt tal-EACEA:

http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/beneficiaries/beneficiaries_action_1_en.php

4.5 EMMC – KUNDIZZJONIJIET KUNTRATTWALI

"Ftehim ta' Sħubija ta' Qafas"

Jekk il-proposta tal-EMMC tintgħażel, l-Aġenzija tikkonkludi *Ftehim ta' Sħubija ta' Qafas* ta' ħames snin mal-istituzzjoni li tikkoordina. Dan il-ftehim ta' sħubija ta' qafas ser jiġi konkluż għal perjodu ta' ħames snin soġġett għat-tkomplija tal-attivitajiet ta' Azzjoni 1 A wara l-2013. Dan jimplika li matul dak il-perjodu, il-konsorzji tal-EMMC magħżula għandhom jimpenjaw ruħhom li jżommu l-kompożizzjoni tal-konsorzju,

⁴² Għall-EMMCs li għadhom kemm jintgħażlu, l-ewwel Ftehim ta' Għotja Speċifika għandu jinħareġ matul it-tieni kwart tas-sena ta' wara l-għażla tagħhom mill-Aġenzija.

kif ukoll il-kontenut tal-kors fil-forma approvata (suġġett, ovvjament, għall-aġġornar u l-adattazzjonijiet għall-ħtiġijiet).

Il-bidliet fil-kompożizzjoni tal-konsorzju – inkluż pereżempju l-inklużjoni ta' msieħba sħaħ minn pajjiżi terzi f'EMMC eżistenti – jew modifikazzjonijiet kbar fil-kontenut/struttura tal-kors (kuntrarju għall-aġġornar regolari tal-kontenut tal-korsijiet individwali) għandhom jintalbu minn qabel lill-Aġenzija u jiġu approvati formalment minn din tal-aħħar fil-kuntest ta' proċedura ta' emendi. Jekk jiġu approvati, dawn il-bidliet għandhom jibdeu japplikaw mill-edizzjoni li jmiss tal-kors.

“Ftehimiet ta' Għotjiet Speċifiċi”

Fi ħdan il-Ftehim ta' Sħubija ta' Qafas, sejr inħarġu *Ftehimiet ta' Għotjiet Speċifiċi* fuq bażi annwali sabiex ikopru kull waħda mill-ħames edizzjonijiet tal-EMMC. Il-ftehim ta' għotja speċifiku ser ikopri l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż tal-ġestjoni interna tal-konsorzju (somma f'daqqa ta' € 30 000) kif ukoll il-boroż ta' studju individwali ta' Erasmus Mundus allokat għall-istudenti u l-istudjużi għal kull edizzjoni tal-kors fil-livell ta' masters.

L-implimentazzjoni tal-kors fil-livell ta' masters ser tiġi analizzata regolarment permezz tar-rapporti tal-ftehim ta' għotja speċifiku sottomessi mill-istituzzjoni li tikkoordina f'isem l-EMMC. Id-deċiżjoni dwar jekk il-ftehimiet speċifiċi għandhomx jiġġeddu jew le ser tkun ibbażata fuq jekk il-kors kienx qiegħed jitwassal skont il-proposta u r-regoli tal-programm Erasmus Mundus, jekk il-benefiċjarji ta' Erasmus Mundus segwewx il-kors u jekk inżammux standards għolja ta' kwalità.

F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità tal-privattivi mal-istandards ta' kwalità għolja, l-Aġenzija tista' tirrifjuta li għedded l-għotja u l-għażla tal-EMMC, jew saħansitra titlob għar-rimborż tal-ammonti ta' għotjiet diġà mħallsa. L-Istruttura Nazzjonali rilevanti u, possibbilment, id-detenturi tal-boroż ta' studju involuti fl-EMMC inkwistjoni jistgħu jiġu kkonsultati.

Il-ħlas tal-għotja

L-għotja ta' Erasmus Mundus li tkopri kemm il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż operattivi tal-EMMC kif ukoll il-boroż ta' studju tal-istudenti u l-istudjużi ser titħallas lill-konsorzju f'żewġ ħlasijiet bin-nifs ta' prefinanzjament maħsuba biex jipprovdu lill-benefiċjarju b'likwidità:

- L-ewwel ħlas ta' prefinanzjament li jikkorrispondi għal 80% tal-għotja għall-EMMCs li jdumu għaddejjin sena jew għal 70% għal korsijiet itwal ser jitħallas wara l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja speċifiku annwali miż-żewġ partijiet. Dan il-ħlas ser isir fi żmien 45 ġurnata mid-data meta l-aħħar waħda miż-żewġ partijiet (jiġifieri l-Aġenzija) tkun iffirmit il-ftehim u jkunu ġew irċevuti l-garanziji kollha meħtieġa;
- It-tieni ħlas ta' prefinanzjament li jikkorrispondi għall-parti tal-għotja li jibqa' ser jitħallas wara li l-Aġenzija tirċievi talba għal ħlas formali sottomessa mill-benefiċjarju u li tikkonferma li ntużaw mill-inqas 70% tal-ammont tal-ewwel prefinanzjament.

“Ftehim ta' Konsorzju tal-EMMC”

Sabiex jiġi assigurat l-impenn istituzzjonali xieraq tal-HEIs parteċipanti lill-EMMC, għandu jiġi ffirmat *Ftehim tal-EMMC* mill-awtoritajiet xierqa tal-istituzzjonijiet involuti. Dan il-ftehim għandu jkopri bl-aktar mod preċiż possibbli l-aspetti akkademiċi, amministrattivi u finanzjarji kollha relatati mal-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-EMMC, inkluża l-ġestjoni ta' boroż ta' studju individwali.

Għall-EMMCs li għadhom kemm jintgħażlu, kopja ta' dan il-ftehim għandha tintbagħat lill-Aġenzija qabel l-għoti tal-ewwel Ftehim ta' Għotja Speċifiku.

“Ftehim tal-Istudenti”

Hija r-responsabbiltà tal-konsorzju li jassigura l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti kollha fl-attivitajiet tal-EMMC. Sabiex jiggarrantixxu t-trasparenza adegwata tar-regoli tal-parteċipazzjoni fl-EMMC, il-konsorzji huma mitluba li jiddefinixxu b’mod ċar id-drittijiet u l-obbligi tal-istudent fir-rigward tal-istudji tal-kors ta’ masters ta’ EM tiegħu/tagħha fi *Ftehim tal-Istudenti* li għandu jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet fil-bidu tal-programm. Dan il-ftehim għandu jiddefinixxi bl-aktar mod preċiż possibbli d-drittijiet u l-obbligi taż-żewġ partijiet u jkopri kwistjonijiet bħal:

- L-ispejjeż tal-parteċipazzjoni ddebitati lill-istudent, xi jkopru u (jekk rilevanti) x’ma jkopru.
- L-avvenimenti ewlenin fil-kalendarju tal-kors ta’ masters, flimkien mal-perjodi ta’ eżaminazzjoni.
- In-natura tal-eżamijiet/testijiet u s-sistema ta’ gradazzjoni użata biex jiġi evalwat ir-rendiment tal-istudent.
- L-obbligi tal-istudent/a f’dak li għandu x’jaqsam mal-attendenza tiegħu/tagħha fil-kors/attivitajiet u l-prestazzjoni akkademika, kif ukoll il-konsegwenzi li persuna jkollha tiffaċċja jekk tonqos milli tirrispetta dawn l-obbligi.

Detentur ta’ borża ta’ studju tal-Erasmus Mundus li jiddeċiedi li jirtira l-applikazzjoni tiegħu qabel jew matul il-perjodu ta’ studju tiegħu, jew li jiġi eskluż mill-Kors tal-Masters minħabba nuqqas ta’ rendiment (jew mhux biżżejjed), għandu – wara twissija/informazzjoni adegwata mill-konsorzju – jitwaqqaf milli jkompli jibbenifika mill-borża ta’ studju. Kopja ta’ dan il-ftehim għandha tintbagħat lill-Aġenzija qabel l-għoti tal-ewwel Ftehim ta’ Għotja Speċifiku.

Il-mudelli tal-*Ftehim ta’ Sħubija ta’ Qafas* u l-*Ftehimiet ta’ Għotjiet Speċifiċi*, kif ukoll l-annessi tagħhom, huma disponibbli fuq l-ispazju tal-Benefiċjarji tal-websajt ta’ Erasmus Mundus (ara http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/beneficiaries/beneficiaries_action_1_en.php).

Il-paġna ta’ "prattika tajba" tal-websajt tipprovdi wkoll eżempji ta’ Ftehimiet tal-EMMC u l-Ftehim tal-Istudenti, kif ukoll rekwiżiti minimi għal dawn id-dokumenti:

http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/tools/good_practices_en.php

4.6 EMMC – PROCĊEDURA TAL-GĦAŻLA U SKEDA TAŻ-ŻMIEN INDIKATTIVA

Minbarra l-elementi ppreżentati taħt is-sezzjoni 3.1 fuq, l-applikazzjonijiet tal-EMMC sottomessi lill-Aġenzija għandhom jiġu kkopjati u jintbagħtu lill-Istrutturi Nazzjonali ta’ Erasmus Mundus tal-pajjiżi Ewropej kollha rrappreżentati mill-imsieħba sħaħ fil-konsorzju propost (ara l-lista taħt il-Kapitolu 8).

L-EMMCs li diġà bbenefikaw minn ċiklu ta’ finanzjament ta’ ħames snin u li jixtiequ japplikaw għal ċiklu ta’ finanzjament ġdid ta’ Erasmus Mundus ta’ ħames snin ser ikollhom jissottomettu l-proposta ġdida tagħhom tal-EMMC għad-data tal-għeluq qabel il-ħames edizzjoni tal-kors tagħhom fil-livell ta’ masters.

Skeda taż-Żmien Indikattiva

L-applikanti għandhom jinnotaw li l-iskeda taż-żmien li ġejja hija pprovduta għal skopijiet ta’ informazzjoni biss u tista’ tinbidel fil-kuntest tas-Sejħa annwali għall-Proposti:

- 1) ***Novembru/Diċembru tas-“sena n-2”***: il-pubblikazzjoni tas-Sejħa annwali għall-Proposti (inkluża informazzjoni dwar il-formoli li jridu jintużaw u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra applikabbli għas-sena tal-għażla kkonċernata).

- 2) **30 ta' April⁴³ tas-“sena n-1”**: id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-proposti.
- 3) **Minn Mejju sa Lulju tas-“sena n-1”**: il-valutazzjoni u l-għażla tal-proposti.
- 4) **Settembru tas-“sena n-1”**: ir-riżultati tal-għażla jiġu kkomunikati u l-ftehimiet ta' sħubija ta' qafas jintbagħtu lill-konsorzji tal-EMMC magħżula.
- 5) **Settembru tas-“sena n-1” sa Frar tas-“sena n”**: kampanja ta' informazzjoni u promozzjoni mill-konsorzji tal-EMMC li sejrjn jirċievu applikazzjonijiet għal boroż ta' studju tal-istudenti kemm għall-Kategorija A kif ukoll għall-Kategorija B
- 6) **Novembru tas-“sena n-1”**: in-numru ta' boroż ta' studju ta' studenti u studjużi disponibbli għal kull kategorija jiġi kkomunikat lill-EMMCs kollha (dawk ġodda kif ukoll dawk magħżula fis-snin preċedenti u fi ħdan iċ-ċiklu ta' ħames snin tagħhom).
- 7) **Fl-aħħar ta' Frar tas-“sena n”**: il-konsorzji tal-EMMC jissottomettu l-listi tagħhom ta' kandidati għall-boroż ta' studju għall-istudenti ta' Kategorija A u ta' Kategorija B lill-Aġenzija; L-Aġenzija tivvalida l-listi u tipprepara d-dokumenti uffċjali għall-iffaċilitar tal-proċedura tal-visa. Il-konsorzji tal-EMMC m'għandhomx jissottomettu lill-Aġenzija l-listi ta' studjużi magħżula li jkunu qegħdin japplikaw għal borża ta' studju ta' EM. Din l-għażla tal-aħħar sejra tkun organizzata skont ir-rekwiżiti ta' EM taħt ir-responsabbiltà sħiħa ta' konsorzji li jkollhom jaġġornaw id-database tal-EM fi żmien xieraq.
- 8) **Mejju tas-“sena n”**: ftehimiet ta' għotjiet speċifiċi jiġu prodotti u ffirmati miż-żewġ partijiet; isir l-ewwel ħlas ta' prefinanzjament mill-Aġenzija lill-benefiċjarju.
- 9) **Sa mid-data tal-bidu tal-perjodu ta' eliġibiltà (jiġifieri Awwissu tas-“sena n”)**: l-EMMCs jibdedu l-attivitajiet tagħhom.

4.7 KUNDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TAL-ISEM KUMMERĊJALI TA' ERASMUS MUNDUS (EMBN)

Kif ġie ddikjarat taħt is-sezzjoni 3.5 "Pubbliċità", ir-referenza għall-programm Erasmus Mundus u l-ismijiet kummerċjali relatati miegħu – bħal “Kors ta' Erasmus Mundus fil-grad ta' Masters (EMMC)”, “Programm Konġunt ta' Erasmus Mundus fil-grad ta' Duttur (EMJD)”, “Sħubija ta' Erasmus Mundus” jew “Proġett ta' Erasmus Mundus” – għall-promozzjoni u d-disseminazzjoni tal-attivitajiet u r-riżultati tagħhom hija ristretta esklussivament għall-proposti magħżula.

L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola tikkonċerna dawk l-EMMCs li kienu ffinanzjati għal 5 snin/edizzjonijiet tal-kors konsekuttivi u li l-finanzjament tagħhom ma ġiex imġedded għal raġunijiet indipendenti mill-kwalità attwali tagħhom (pereżempju għal raġunijiet baġitarji).

Sabiex dawn il-korsijiet ikomplu jirreferu għall-isem tal-programm Erasmus Mundus, il-kundizzjonijiet huma dawn li ġejjin:

1. l-EMMCs ikkonċernati jridu jkunu ġew iffinanzjati mill-programm Erasmus Mundus għal minimu ta' ħames snin konsekuttivi/edizzjonijiet tal-EMMC;
2. iridu jkunu ssottomettew applikazzjoni fil-kuntest tas-sejħa annwali għall-proposti tal-Azzjoni 1A, li l-punteġġ tagħhom fi tmiem il-proċess tal-evalwazzjoni u l-għażla għandu jkun mill-inqas 75% tal-punteġġ massimu;

⁴³ Jekk it-30 ta' April jaħbat fi btala jew fi tmiem il-ġimgħa, l-iskadenza għas-sottomissjoni tkun l-aħħar ġurnata xogħol ta' April.

3. huma għandhom jimpenjaw ruħhom b'mod formali li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-Azzjoni 1 A tal-Erasmus Mundus kif speċifikat taħt is-sezzjoni 4.2.2 tal-Gwida, u li jżommu l-kwalità għolja tal-implimentazzjoni murija matul is-snin tagħhom ta' finanzjament.
4. huma għandhom juru li l-korpi rilevanti nazzjonali ta' akkreditazzjoni se jrin jirrikonoxxu d-degrees (konġunti, doppji jew multipli) maħsuba sabiex jingħataw lill-istudenti ta' suċċess fl-aħħar tal-edizzjoni tal-kors ta' masters ikkonċernat mill-EMBN.

Jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati, l-Aġenzija tirtira awtomatikament l-awtorizzazzjoni tal-kors biex tirreferi għall-programm Erasmus Mundus fl-attivitàjiet tagħha ta' informazzjoni jew promozzjoni.

Finalment, jekk jogħġbok innota li l-ġhoti ta' EMBN **japplika għal edizzjoni ta' kors (dħul ta' studenti) wieħed biss u jista' jiġġedded darba biss**, bil-kundizzjoni li tiġi sottomessa applikazzjoni ġdida għal Azzjoni 1 fil-kuntest tas-sejħa għall-proposti li jmiss għal Azzjoni 1 tal-Erasmus Mundus, u li l-erba' kundizzjonijiet tal-EMBN imsemmija hawn fuq jkomplu jiġu rispettati. Jekk, wara żewġ edizzjonijiet konsekuttivi tal-kors taħt l-EMBN, l-EMMC mhijiex fost il-programmi konġunti proposti għall-finanzjament, kull referenza għall-Erasmus Mundus ikollha titħassar mill-informazzjoni tal-konsorzju u mill-materjal ta' promozzjoni.

5 AZZZJONI 1 B: PROGRAMMI KONĠUNTI TA' ERASMUS MUNDUS FIL-GRAD TA' DUTTUR (EMJD)

5.1 INTRODUZZJONI

F'ħafna pajjiżi Ewropej u f'żoni oħrajn tad-dinja, it-taħriġ dottorali bħalissa għaddej minn ċiklu intensiv ta' riflessjoni u riformi li l-pass u n-natura tagħhom ivarjaw skont il-pajjiż, it-tip ta' HEI jew l-oqsma ta' studju kkonċernati.

Għalkemm ma hemm ebda kunsens Ewropew għal "Mudell ta' programm ta' dottorati" wieħed, jew għal kwalunkwe tip ta' "Dottorat Konġunt Ewropew", jistgħu jiġu identifikati xi tendenzi ċari. Minn naħa waħda, dawn huma mmirati biex jikkjarifikaw u, sa ċertu punt, jifformalizzaw in-natura tat-taħriġ dottorali (fuq kwistjonijiet bħall-objettivi, l-aċċess, l-istatus tal-kandidati dottorali, it-tul ta' żmien, ir-rikonoxximent, ir-rabtiet mar-riċerka u/jew is-settur ekonomiku, eċċ.) u, min-naħa l-oħra, biex jiġbru r-riżorsi u jimlew il-lakuni li jeżistu bejn l-oqsma tal-istudju, l-akkademji u s-soċjetà (permezz ta', pereżempju, il-ħolqien ta' skejjel ta' dottorati/gradwati/riċerka jew arranġamenti ta' "co-tutelle", impriżi konġunti u spin-offs bejn l-HEIs, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-intrapriżi.)

F'dan ir-rigward, il-mudell tal-EMMC, bil-livell għoli tiegħu ta' integrazzjoni mħallta mad-diversità wiesgħa tal-approċċi, jidher li huwa bażi ideali li fuqu l-HEIs parteċipanti ser ikunu jistgħu jesperimentaw u jibnu mudelli ġodda għad-Dottorati Konġunti Ewropej fil-futur.

Waqt li l-Kummissjoni Ewropea diġà għandha esperjenza twila fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju lir-riċerkaturi żgħażaġh, inkluż lill-kandidati dottorali, permezz tal-iskema tal-fellowship Marie Curie u, b'mod partikolari, in-Netwerks ta' Taħriġ Inizjali, l-EMJDs għandhom jitqiesu bħala kumplimentari għal dawn l-iskemi ta' finanzjament f'dak li għandu x'jaqsam mal-fokus li jagħtu lill-programmi tad-dottorat infushom u d-dimensjoni istituzzjonali tagħhom, kif ukoll il-kontribuzzjoni li jagħmlu lejn it-tiswir tal-istudji dottorali fil-Qasam tal-Edukazzjoni Ogħla Ewropea.

B'riżultat ta' dan, l-għan primarju tal-EMJDs huwa li jiżviluppaw kooperazzjoni strutturata u integrata fl-edukazzjoni ogħla, sabiex jiġu ddisinjati u implimentati programmi ta' dottorati komuni li jwasslu għall-għoti ta' degrees ta' dottorati konġunti, doppji jew multipli li jkun rikonnoxxuti b'mod reċiproku.

Għalhekk, 'lil hinn mill-attivitajiet ta' riċerka nfushom u l-individwi involuti, l-istituzzjonijiet għandhom jitqiesu bħala l-mira ewlenija tal-Programm. Huma mistennija jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' mudelli innovattivi għall-immodernizzar tal-istudji dottorali, billi jiffokaw fuq il-kooperazzjoni istituzzjonali u l-iżvilupp ta' mudelli ta' tmexxija konġunta (jiġifieri r-reklutaġġ, is-sorveljanza, il-valutazzjoni, l-għoti ta' degrees u l-politika tal-miżati).

F'dan il-kuntest, l-EMJDs għandhom:

- ✓ jikkontribwixxu għall-avvanz fl-għarfien, inkluż fil-kuntest professjonali tagħhom, permezz ta' riċerka oriġinali u indipendenti;
- ✓ jindirizzaw sfidi ġodda f'termini xjentifiċi, iżda wkoll f'termini soċjo-ekonomiċi;
- ✓ jikkontribwixxu għat-tiswih tar-rabtiet bejn l-universitajiet / l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u setturi oħrajn (inklużi l-industrija, il-kummerċ u s-settur tas-servizzi) sabiex isaħħu t-trasmissjoni u l-aħjar użu tal-għarfien u biex itejbu l-proċess tal-innovazzjoni;
- ✓ isiru referenza f'livell Ewropew u b'hekk jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità ġenerali tar-riċerka u l-edukazzjoni dottorali fl-Ewropa.

Mill-perspettiva tal-kandidati dottorali, l-EMJDs għandhom jindirizzaw b'mod espliċitu l-kwistjoni tal-impjegabilità u għalhekk għandhom:

- ✓ jipprovdu opportunitajiet ta' żvilupp fil-karrieri professjonali 'lil hinn mill-akkademiċi, lejn suq tax-xogħol usa';
- ✓ jipprovdu inċentivi xierqa għall-kandidati mill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex ikunu jistgħu jmorru lura lejn pajjiżhom u jagħmlu l-aħjar użu mill-esperjenza tagħhom għall-benefiċċju ta' pajjiżhom.

Minn perspettiva Prattika, l-EMJDs jiġu implimentati fuq bażi simili għall-EMMCs. Il-konsorzji tal-EMJD magħżula jiġu offruti appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-programm dottorali tagħhom għal ħames snin konsekuttivi. Kull sena, jiġu offruti ċertu numru ta' fellowships lil kandidati dottorali Ewropej u minn pajjiżi terzi magħżula mill-konsorzju.

Is-sezzjonijiet li ġejjin jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-HEIs Ewropej u minn pajjiżi terzi li juru x-xewqa li jiddisinjaw u jimplimentaw EMJD. Huma jipprovdu wkoll il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u finanzjarji minimi applikabbli għad-detenturi ta' għotjiet individwali tal-fellowship. Billi l-kompiti tal-għażla, ir-reklutaġġ u l-monitoraġġ ulterjuri ta' dawn id-detenturi tal-fellowships individwali jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-EMJD, il-konsorzji applikanti huma mistiedna jagħtu attenzjoni partikolari lil dawn il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà.

Għal aktar informazzjoni dwar ir-riċerka fl-Ewropa (drittijiet u obbligi, regolamenti nazzjonali, eċċ.) tista' wkoll iżżur il-portal tal-EURAXESS taħt din il-link: http://ec.europa.eu/euraxess/index_en.cfm.

5.2 EMJD – KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni u l-kriterji formali l-oħrajn kollha ta' eliġibbiltà speċifikati fis-Sejħa għall-Proposti annwali rilevanti u l-annessi tagħha (b' mod partikolari l-formola tal-applikazzjoni) għandhom jiġu rrispettati.

5.2.1 PARTEĊIPANTI ELIĠIBBLI U KOMPOŻIZZJONI TAL-KONSORZJU

KOMPOŻIZZJONI TAL-KONSORZJU TA' EMJD

- Il-Konsorzju inkarigat mill-implimentazzjoni tal-EMJD huwa kompost mill-organizzazzjoni applikanta u l-imsieħba tagħha. Għal kwistjonijiet ta' ġestjoni kuntrattwali u finanzjarja, l-“imsieħba assoċjati” mhumiex meqjusa bħala parti mill-konsorzju.
- **Il-konsorzju eliġibbli minimu** jikkonsisti minn tliet HEIs imsieħba sħaħ intitolati biex jagħtu degrees fil-livell ta' doktorat, li jinsabu f'pajjiżi Ewropej⁴⁴ differenti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE.

ISTITUZZJONI APPLIKANTA/LI TIKKOORDINA TAL-EMJD

- L-applikanti għandhom ikunu:
 - HEI li tkun tinsab f'pajjiż Ewropew⁴⁵, intitolata biex tagħti degrees ta' doktorat u rikonoxxuti bħala tali mill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż ikkonċernat⁴⁶.

⁴⁴ Ara d-definizzjoni ta' "pajjiż Ewropew" fil-Kapitolu 2 "Definizzjonijiet u Glossarju".

⁴⁵ Sabiex proġett sottomess minn pajjiż mhux membru tal-UE jkun eliġibbli taħt l-Azzjoni 1, ftehim (jew Memorandum ta' Fehim jew Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE) li jistabbilixxi l-partiċipazzjoni ta' dan il-pajjiż fil-programm Erasmus Mundus għandu jkun fis-seħħ sad-data tad-deċiżjoni tal-għażla (l-aktar tard sa Ottubru tas-sena ta' qabel l-ewwel edizzjoni tal-EMJD). Jekk dan ma jkunx il-każ, l-organizzazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat għandhom jitqiesu bħala organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi intitolati biex jipparteċipaw fi proġetti, iżda mhux biex jissottomettuhom jew jikkoordinawhom.

⁴⁶ Għall-fini tal-Programm Erasmus Mundus u għall-pajjiżi applikanti kkonċernati, HEI titqies bħala li hija rikonoxxuta jekk tkun ingħatat Karta ta' Erasmus mill-Università taħt il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja. Jekk applikant (jew imsieħeb Ewropew) ma jkunx ingħata Karta ta' Erasmus mill-Università, l-Aġenzija għandha tiċċekja mal-Istruttura Nazzjonali ta' Erasmus Mundus ikkonċernata biex tara jekk l-istituzzjoni inkwistjoni tikkorrispondix mad-definizzjoni ta' HEI mogħtija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Programm.

- Skola ta' Dottorat/Gradwat/Riċerka jew Organizzazzjoni ta' Riċerka li tinsab f'pajjiż Ewropew, intitolata biex tagħti degrees ta' dottorat u rikonoxxuta bħala tali mill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż ikkonċernat.

Jekk jogħġbok innota li (l-fergħat ta') HEIs ta' pajjiżi terzi li jinsabu fil-pajjiżi applikanti eliġibbli jew il-fergħat ta' HEIs Ewropej li jinsabu f'pajjiżi terzi mhumiex meqjusa bħala applikanti eliġibbli.

IMSIEĦBA SĦAĦ TAL-EMJD

- Kwalunkwe organizzazzjoni, b'mod partikolari HEIs, skejjel ta' dottorat/gradwat/riċerka u organizzazzjonijiet ta' riċerka, li tikkontribwixxi direttament u strutturalment għall-implimentazzjoni tal-EMJD billi tirrekluta/timpjega/tospita kandidati eliġibbli u tipprovdi moduli ta' taġġim/taħriġ jew opportunitajiet ta' riċerka, tista' titqies bħala msieħba sħaħ. L-imsieħba sħaħ mistennija jilagħbu rwol strutturali fl-istrutturi li jirregolaw l-EMJD.

IMSIEĦBA ASSOĊJATI TAL-EMJD

- Kwalunkwe organizzazzjoni oħra involuta fl-implimentazzjoni jew il-monitoraġġ tal-EMJD tista' titqies bħala "msieħba assoċjata" tal-konsorzju. Dan japplika b'mod aktar speċifiku għall-imsieħba soċjo-ekonomiċi (jiġifieri impriżi kummerċjali, b'mod partikolari SMEs, awtoritajiet jew organizzazzjonijiet pubbliċi, organizzazzjonijiet tal-karità u li ma jagħmlux profitt, organizzazzjonijiet tal-imġax internazzjonali/Ewropej, eċċ.) li jistgħu jipproponu, jappoġġjaw u jakkumpanjaw – fuq perspettiva b'perjodu ta' żmien medju u twil – proġetti speċifiċi ta' riċerka, jikkontribwixxu għat-trasferiment tal-għarfien u r-risultati, kif ukoll fil-proċess tal-innovazzjoni, jassistu fil-promozzjoni, l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-EMJD.

KANDIDATI DOTTORALI ELIĠIBBLI GĦAL FELLOWSHIP TAL-EMJD

- Hemm żewġ fellowships differenti tal-EMJD li jistgħu jingħataw lil kandidati dottoral:
 - **Fellowships tal-Kategorija A** jistgħu jingħataw lil kandidati dottoral minn pajjiżi terzi magħżula minn konsorzju tal-EMJD li jkunu ġejjin minn pajjiż li ma jkunx pajjiż Ewropew⁴⁷ u li ma jkunux residenti u lanqas ma jkunu wettqu l-attività prinċipali tagħhom (studji, xogħol, eċċ) għal aktar minn total ta' 12-il xahar matul l-aħħar ħames snin f'dawn il-pajjiżi⁴⁸. L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola tapplika għal dawk il-kandidati dottoral minn pajjiżi terzi li qabel kienu rċevew borża ta' studju ta' Erasmus Mundus fil-livell ta' masters sabiex isegwu EMMC.
 - **Il-fellowships tal-Kategorija B** jistgħu jingħataw lil kandidati dottoral Ewropej magħżula minn konsorzji tal-EMJD, kif ukoll lil kwalunkwe kandidati dottoral magħżula minn konsorzji tal-EMJD li ma jissodisfawx il-kriterji tal-Kategorija A definiti fuq.
 - Kandidati ta' fellowships li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibilità kemm għall-Kategorija kif ukoll għall-Kategorija B – eż. studenti b'nazzjonalità doppja - għandhom jagħżlu l-Kategorija tal-għażla tagħhom. Bħala risulatat, huma intitolati li japplikaw biss għal waħda miż-żewġ kategoriji ta' fellowship kull darba.
 - Kandidati ta' fellowship għandhom ikunu diġà kisbu l-ewwel grad post-graduate jew juru livell ekwivalenti ta' taġġim skont il-leġiżlazzjoni u l-prattiki nazzjonali⁴⁹.

⁴⁷ Ara d-definizzjoni ta' 'pajjiż Ewropew' fis-Sezzjoni 2" Definizjonijiet u Glossarju ".

⁴⁸ Il-perjodu ta' referenza ta' ħames snin għal din ir-regola ta' 12-il xahar huwa kkalkolat lura mill-iskadenza sottomissjoni għall-applikazzjonijiet ta' Kategorija A mill-konsorzja tal-EM għall-Aġenzija.

⁴⁹ Kandidati li sejrjn jiksbu biss il-grad ta' postgraduate tagħhom ta' edukazzjoni ogħla fl-aħħar tas-sena akkademika ta' qabel dik ikkonċernata bl-applikazzjoni ta' fellowship, jistgħu madankollu japplikaw għal fellowship ta' dottorat u jintgħażlu mill-konsorzju ikkonċernat, taħt il-kondizzjoni li huma jiksbu l-grad meħtieġ qabel il-bidu tal-programm ta' dottorat konġunt ikkonċernat.

- Il-fellowships individwali tal-EMJD jingħataw esklussivament għal reġistrazzjoni fuq bażi full-time f'wieħed mill-programmi ta' dottorat.
- Dawk l-individwi li diġà bbenifikaw minn fellowship tal-EMJD mhumiex eliġibbli għal għotja oħra.
- Il-kandidati dottorali li jibbenifikaw minn fellowship tal-EMJD ma jistgħux jibbenifikaw minn għotjiet tal-UE oħrajn waqt li jkunu qegħdin iwettqu l-attivitajiet dottorali tagħhom tal-Erasmus Mundus.
- Huma biss il-kandidati li applikaw u ġew aċċettati minn konsorzju tal-EMJD skont il-kriterji speċifiċi tiegħu tal-applikazzjoni u l-għażla tal-kandidati dottorali li huma eliġibbli għal fellowship.
- L-istudenti/kandidati Dottorali jistgħu japplikaw għal borża ta' studju/fellowship ta' Erasmus Mundus fil-programm konġunt (EMMC jew EMJD) tal-Azzjoni 1 ta' Erasmus Mundus tal-għażla tagħhom, iżda n-numru ta' applikazzjonijiet għandu jkun limitat sa massimu ta' tliet programmi konġunti differenti.

5.2.2 ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI

L-EMJDs huma mfassla u implimentati minn konsorzji ta' HEIs u msieħba soċjo-ekonomiċi mill-Ewropa u minn kull parti oħra tad-dinja. Il-kandidati dottorali rreġistrati ser jirċievu taħriġ ta' kwalità għolja u jwettqu l-attivitajiet ta' riċerka tagħhom f'mill-inqas tnejn mill-pajjiżi Ewropej irrappreżentati fil-konsorzju; wara li jtemmu l-programm b'suċċess, huma ser jingħataw degree doppja, multipla jew konġunta fil-livell ta' dottorat f'isem il-konsorzju.

EMJD għandu:

- Ikun iddisinjat bħala programm ta' taħriġ u riċerka li għandu jitlesta mill-kandidati fi żmien perjodu massimu ta' 4 snin. Għalkemm il-kandidat għandu jlesti l-attivitajiet dottorali tiegħu fi ħdan perjodu massimu ta' erba' snin, il-fellowship tal-EMJD ser ikopri perjodu massimu ta' tliet snin.
- Għal EMJDs li jdumu 4 snin, għandu jiġi żgurat li matul ir-raba sena d-detenturi tal-fellowship jiġu appoġġati taħt kondizzjonijiet simili għal dawk applikati matul it-tliet snin koperti mill-fellowship EM;
- Ikun żviluppat b'mod sħiħ fil-ħin tal-applikazzjoni u jkun lest biex idum għaddej għal mill-inqas ħames edizzjonijiet konsekuttivi mis-sena akkademika wara s-sena tal-applikazzjoni (eż. applikazzjoni għall-EMJD sottomessa f'April tas-“sena n-1” għandha tkun tista' tibda fl-ewwel edizzjoni tal-programm konġunt minn Awwissu/Settembru tas-“sena n”);
- Jinvolvi kandidati dottorali mill-Ewropa u minn pajjiżi terzi u kull sena jirriserva ċertu numru ta' postijiet għall-fellowships tal-Erasmus Mundus; dan in-numru ser ivarja minn sena għal oħra u ser jiġi kkomunikat lill-konsorzji tal-EMJD magħżula fil-ħarifa tas-sena qabel l-edizzjoni li jmiss tal-programm kongunt⁵⁰.
- Jassigura li, fuq bażi annwali, il-kandidati kollha rreklutati jibdeu l-attivitajiet dottorali tagħhom bejn Awwissu tas-“sena n” u Marzu tas-“sena n+1” u li jlestu dawn l-attivitajiet (inkluża d-difiża tat-teżi) l-aktar tard sa Ottubru tas-“sena n + 4”.
- Ikollu struttura ta' tmexxija konġunta ma' proċeduri konġunti ta' ammissjoni, għażla, sorveljanza, monitoraġġ u valutazzjoni.
- Jaqbel jekk għandhomx jiġu stabbiliti jew le miżati għat-tagħlim, b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-membri tiegħu. Meta jiġu stabbiliti l-miżati għat-tagħlim, il-konsorzji tal-EMJD

⁵⁰ Bħala indikazzjoni, in-numru ta' fellowships wisq probabbli ser ivarja bejn 6 u 10 għal kull edizzjoni tal-programm konġunt

għandhom jassiguraw li dawn il-miżati jkunu trasparenti u ċari għall-kandidati dottorali. Meta jiġu biex jistabbilixxu l-miżati għat-tagħlim, il-konsorzji għandhom iżommu f' moħħhom il-kontribuzzjoni fissa mogħtija lill-konsorzju għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-kandidati dottorali (ara s-sezzjoni 5.4 hawn taħt). Jekk il-miżati għat-tagħlim stabbiliti mill-konsorzju jkunu oġġla minn dan l-ammont, il-konsorzju għandu jagħti rinunzja tal-miżati lid-detenturi tal-fellowship tal-Erasmus Mundus għal kwalunkwe ammont ta' ħlas li jaqbeż din il-kontribuzzjoni fissa.

- Jinkludi perjodi ta' taħriġ/riċerka f' mill-inqas tnejn mill-pajjiżi Ewropej rrappreżentati fil-konsorzju. Kull wieħed minn dawn il-perjodi ta' mobilità għandu jkun strumentali għall-issodisfar tal-programm u jgħaddi għal mill-inqas sitt xhur (kumulattivi jew konsekuttivi).
- Jassigura li l-kandidati jgħaddu mill-inqas żewġ terzi tal-programm dottorali tagħhom fl-Ewropa għall-perjodu kopert mill-fellowship.
- Jiggarantixxi l-ġħoti f' isem il-konsorzju tad-degrees konġunti, doppji jew multipli lill-kandidati kollha li jiksbu suċċess⁵¹; il-programmi li jirriżultaw fl-ġħoti ta' degrees konġunti ser jiġu promossi; dan (dawn) il-degree(s) għandhom ikunu rikonoxxuti jew akkreditati mill-pajjiżi Ewropej li fihom l-istituzzjonijiet parteċipanti jinsabu.
- Joffri “kuntratti tax-xogħol⁵²” lil detenturi tal-fellowships tal-Erasmus Mundus⁵³ għajr f' każijiet iddokumentati b' mod adegwat fejn ir-regolament nazzjonali jipprojbixxi din il-possibiltà. Jekk tali kuntratt ma jkunx jista' jingħata (dan se jkollu jiġi ġġustifikat fil-formola ta' applikazzjoni), il-konsorzju tal-EMJD jista' jagħżel approċċ ieħor kompatibbli mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-kopertura meħtieġa tas-sigurtà soċjali għall-detenturi tal-fellowships.
- Jassigura li l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà kollha applikabbli għad-detenturi tal-fellowships ta' Erasmus Mundus irreġistrati fil-programm tad-dottorat jiġu ssodisfati b' mod sħiħ skont il-kriterji definiti taħt is-sezzjoni 5.2.1 hawn fuq.
- Jassigura b' konferma bil-miktub li rċieva (a) opinjoni(jiet) favorevoli tal-kumitat(i) tal-etika rilevanti u, jekk applikabbli, l-approvazzjoni(jiet) regolatorji tal-awtorità(jiet) nazzjonali jew lokali kompetenti fil-pajjiż fejn għandha titwettaq ir-riċerka qabel tinbeda kwalunkwe riċerka approvata li tkun tirrikjedi tali opinjonijiet jew approvazzjonijiet. Il-kopja tal-approvazzjoni uffiċjali mill-kumitati tal-etika nazzjonali jew lokali rilevanti tista' tiġi pprovduta wkoll lill-Aġenzija, jekk tintalab⁵⁴.
- Ikun ibbażat fuq Ftehim tal-EMJD iffirmit mill-awtoritajiet xierqa tal-organizzazzjonijiet imsieħba sħaħ u li jkopri l-aktar aspetti rilevanti tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programm.
- Mingħajr preġudizzju għal-lingwa tal-istruzzjoni, jipprovi għall-użu ta' mill-inqas żewġ lingwi Ewropej mitkellma fil-pajjiżi fejn tkun tinsab l-HEI involuta fl-EMJD u, kif xieraq, joffri preparazzjoni lingwistika u assistenza għall-kandidati dottorali, b' mod partikolari permezz ta' korsijiet organizzati mill-istituzzjonijiet inkwistjoni.

⁵¹ Degrees doppji jew multipli huma definiti bħala żewġ diplomi/degrees nazzjonali jew aktar maħruġa uffiċjalment minn żewġ istituzzjonijiet jew aktar involuti fi programm ta' studju integrat. Degree konġunta hija definita bħala diploma/degree waħda maħruġa minn mill-inqas tnejn mill-istituzzjonijiet li joffru programm ta' studju integrat.

⁵² Ara d-definizzjoni taħt il-Kapitolu 2

⁵³ Għalkemm ir-reqwizit fuq kuntratti tax-xogħol japplika speċifikament għal detenturi tal-fellowship Erasmus Mundus, l-estensjoni ta' dan l-approċċ ta' reklutaġġ għall-kandidati dottorali rreġistrati fl-EMJD hija rakkomandata.

⁵⁴ Il-verifika fuq il-kwistjonijiet ta' etika ser issir fl-istadju tal-għażla tal-kandidati. Id-dettalji dwar il-kwistjonijiet ta' etika rilevanti huma pprovduti fil-formola tal-applikazzjoni li hija mibgħuta direttament lill-konsorzja għall-għażla tal-kandidati dottorali. Aktar informazzjoni rigward il-kwistjonijiet ta' etika b' mod ġenerali hija disponibbli wkoll fis-Sejħa għall-Proposti FP7-PEOPLE-2010-ITN taħt din il-link:

http://cordis.europa.eu/fp7/dc/index.cfm?fuseaction=UserSite.PeopleDetailsCallPage&call_id=247 u wkoll fil-link li ġejja:
http://cordis.europa.eu/fp7/ethics_en.html

Għalkemm l-oqsma kollha tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku huma eliġibbli għal finanzjament, l-ambitu ta' dawn l-oqsma għandu jiġi definit b'mod ċar fil-proposta sabiex tiġi garantita l-implimentazzjoni ta' approċċi innovattivi u jiġi assigurat li l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-programm Erasmus Mundus jiġu indirizzati b'mod sħiħ.

L-EMJDs proposti għandhom ikopru oqsma identifikati u rikonossuti ta' eċċellenza fejn hemm bżonn ta' mudelli ġodda u approċċi ġodda. Fuq il-bażi ta' approċċ minn isfel għal fuq, l-applikanti ser ikunu liberi li jidentifikaw dawn l-oqsma. Jekk rilevanti, is-Sejħa għall-Proposti annwali tista' tiddefinixxi prijoritajiet tematiċi speċifiċi.

Il-kandidati dottorali li jkollhom fellowship ta' Erasmus Mundus għandhom:

- Jimpenjaw ruħhom li jipparteċipaw fil-programm ta' dottorat skont it-termini definiti mill-konsorzju fil-***Ftehim tal-kandidati Dottorali*** (ara s-sezzjoni 5.5 hawn taħt). In-nuqqas ta' dan jista' jwassal għall-kanċellazzjoni tal-fellowship;
- Jagħmlu l-perjodi ta' taħriġ/riċerka tagħhom f'mill-inqas żewġ pajjiżi Ewropej rrappreżentati fil-konsorzju; għad-detenturi tal-fellowships tal-Kategorija B, tnejn mill-pajjiżi miżjura waqt l-attivitajiet EMJD għandhom ikunu differenti mill-pajjiżi fejn il-kandidat dottorali jkun kiseb l-aħħar lawrja universitarja tiegħu⁵⁵;
- Iqattgħu l-maġġoranza tal-perjodu tad-dottorat fil-pajjiżi Ewropej irrappreżentati fil-konsorzju jew fost l-imsieħba assoċjati. Madankollu, jekk il-konsorzju tal-EMJD ikun jinkludi msieħba sħaħ u/jew assoċjati minn pajjiżi terzi:
 - Id-detenturi tal-fellowship tal-Kategorija A jistgħu jqattgħu perjodu ta' taħriġ/riċerka/fieldwork b'tul ta' żmien massimu ta' semestru wieħed (jew 6 xhur, kumulattivi jew konsekuttivi) f'dawn il-pajjiżi u biss jekk huma differenti mill-pajjiż tal-oriġini tal-istudent; perjodi li jaqbżu dan it-tul ta' żmien ma jistgħux jiġu koperti mill-fellowship tal-EMJD;
 - Id-detenturi tal-fellowships tal-Kategorija B jistgħu jqattgħu sa sena waħda (kumulattiva jew konsekuttiva) tal-attivitajiet tad-dottorat tagħhom f'dawn il-pajjiżi; perjodi li jaqbżu dan it-tul ta' żmien ma jistgħux jiġu koperti mill-fellowship tal-EMJD.

5.3 EMJD - KRITERJI TA' AĠĠUDIKAZZJONI

L-għażla tal-EMJDs ser tkun proċess kompetittiv organizzat mill-Aġenzija u bbażat fuq il-valutazzjoni tal-kwalità tal-proposta mill-perspettiva akkademika, ta' riċerka u organizzattiva. Din il-valutazzjoni ser tkun ibbażata fuq il-**ħames kriterji ta' aġġudikazzjoni li ġejjin** (għal kull kriterju ta' aġġudikazzjoni, il-formola tal-applikazzjoni ser tinkludi mistoqsijiet speċifiċi li jindirizzaw fid-dettall kull waħda mill-kwistjonijiet ikkonċernati):

Kriterja	Koeffiċjent
Kwalità akkademika u tar-riċerka	25%
Esperjenza u kompożizzjoni tas-sħubija	25%
L-Integrazzjoni Ewropea u l-funzjonament tal-programm	20%
Dispożizzjonijiet għal kandidati mogħtija fellowship tal-EMJD	15%
Il-ġestjoni, is-sostenibbiltà u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-programm	15%
Total	100%

⁵⁵ Il-kandidati dottorali b' degree konġunta, multipla jew doppja jistgħu jagħżlu l-pajjiż ta' aġġudikazzjoni tal-għażla tagħhom.

Kwalità Akkademika u tar-Riċerka (25% tal-marka finali)

Skont dan il-kriterju ta' aġġudikazzjoni, l-applikanti ser ikollhom jippreżentaw l-għanijiet tal-proposta tal-EMJD tagħhom minn perspettiva akkademika u tar-riċerka u l-kontribuzzjoni possibbli tagħha għall-eċċellenza, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-oqsma tar-Riċerka u l-Edukazzjoni Ogħla Ewropea.

Esperjenza u kompożizzjoni tas-sħubija (25% tal-marka finali)

Dan il-kriterju ta' aġġudikazzjoni ser jintuża biex tiġi vvalutata l-adeqgatezza tas-sħubija għall-għanijiet tal-programm u, b'mod partikolari, l-eċċellenza xjentifika tal-imsieħba tal-konsorzju, kif ukoll il-kapaċitajiet tagħhom fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

L-Integrazzjoni Ewropea u l-funzjonament tal-programm (20% tal-marka finali)

Dan il-kriterju ser jiffoka fuq kwistjonijiet relatati mal-mod kif ser jiġi implimentat l-EMJD fi u bejn l-istituzzjonijiet imsieħba f'dak li għandu x'jaqsam mat-twassil tal-programm dottorali nnifsu.

Dispożizzjonijiet għal kandidati tal-EMJD u detenturi tal-fellowships (15% tal-marka finali)

Dan il-kriterju ser jindirizza aspetti bħall-istrateġija globali ta' promozzjoni u kummerċjalizzazzjoni, l-eżistenza ta' arranġamenti għall-amministrazzjoni tal-fellowships, il-kundizzjonijiet tar-reklutaġġ u l-appoġġ lill-kandidati fir-rigward ta' aspetti lingwistiċi, il-prospetti tal-karriera u s-servizzi.

Il-Ġestjoni tal-Programm u l-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-EMJD (15% tal-marka finali)⁵⁶

Dan il-kriterju ser jesplora l-arranġamenti organizzattivi u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni globali fi ħdan il-konsorzju u ser jistħarreġ ukoll il-pjanijiet tal-evalwazzjoni u s-sostenibbiltà previsti, kif ukoll l-eżistenza ta' finanzjament kumplimentari.

5.4 EMJD - KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI

Kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż operattivi tal-EMJD

Kull proġett jista' jagħti lok għall-għoti ta' għotja mill-UE waħda biss għal kull użu aħħari tal-benefiċjarju (jiġifieri konsorzju, student jew studjuż) għall-istess programm konġunt matul it-tul tal-programm ikkonċernat.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż tal-ġestjoni interna tal-EMJD ser tikkorrespondi għal somma f'daqqa ta' € 50 000 għal kull edizzjoni tal-programm konġunt (jiġifieri € 15 000 għal kull organizzazzjoni parteċipanta, b'limitu sa total massimu ta' € 45 000, u ammont addizzjonali ta' € 5 000 għall-organizzazzjoni li tikkoordina).

Barra minn hekk, kull fellowship ser jinkludi ammont fiss meħmuż mal-għotja u maħsub biex jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-kandidat fl-EMJD (ara t-*Tabella tal-Fellowships Individwali tal-EMJD* hawn taħt).

Il-benefiċjarju mhuwiex ser jintalab jirrapporta dwar l-użu tas-somma f'daqqa u lanqas dwar il-kontribuzzjoni tal-fellowship għall-ispejjeż tal-EMJD.

⁵⁶ L-applikanti għandhom jikkonsultaw ukoll ir- għall-Assikurazzjoni Ewropea tal-Kwalità għall-Edukazzjoni Ogħla - Ara <http://www.eqar.eu>

Fellowships ta' dottorati individwali

Il-proċedura u l-kriterji applikabbli għall-**għoti ta' fellowships individwali lil kandidati dottorali** huma r-responsabbiltà tal-EMJDs magħżula. Sabiex jiggarrantixxu għażla trasparenti u oġġettiva tal-kandidati dottorali, l-EMJDs magħżula ser ikollhom jissottomettu lill-Aġenzija, bħala parti mill-obbligi kuntrattwali tagħhom, deskrizzjoni komprensiva tal-proċedura u l-kriterji tal-għażla tal-kandidati dottorali tagħhom qabel l-għoti tal-ewwel Ftehim ta' Għotja Speċifiku⁵⁷ tagħhom.

Dawk l-individwi li jixtiequ japplikaw għal fellowship tal-EMJD għandhom jikkonsultaw il-lista tal-programmi magħżula u l-informazzjoni dettaljata disponibbli fuq il-websajts korrispondenti.

Għal kull waħda mill-ħames edizzjonijiet tal-EMJDs, numru limitat ta' fellowships tal-Kategorija A u B ser jingħataw lill-kandidati dottorali li jipparteċipaw fi programm konġunt. In-numru ta' fellowships għal kull kategorija ser jiġi definiti fuq bażi annwali u kkomunikati lill-EMJDs fil-ħarifa tas-sena ta' qabel id-data tal-bidu tal-edizzjoni tal-EMJD ikkonċernata. Bħala indikazzjoni, dan in-numru wisq probabbli ser ikun iwarja bejn 6 u 10 fellowships għaż-żewġ kategoriji.

Bħala regola ġenerali, u skont il-prinċipji definiti fil-*Karta Ewropea għar-Riċerkaturi* u l-*Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi*, il-konsorzji tal-EMJD għandhom jirreklutaw id-detenturi tal-fellowship ta' Erasmus Mundus tagħhom taħt “kuntratti tax-xogħol”, għajr f'każijiet iddokumentati b'mod adegwat fejn ir-regolament nazzjonali jipprojbixxi din il-possibbiltà). Jekk dan il-kuntratt ma jkunx jista' jingħata (dan għandu jiġi debitament ġustifikat fil-formola tal-applikazzjoni), il-konsorzju tal-EMJD jista' jagħżel approċċ ieħor kompatibbli mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-kopertura tas-sigurtà soċjali meħtieġa għad-detenturi tal-fellowships.

Mingħajr preġudizzju għall-istandards akkademiċi għolja, sabiex tiġi assigurata d-diversità ġeografika fost il-kandidati dottorali, mhux aktar minn żewġ kandidati dottorali tal-istess nazzjonalità għandhom jingħataw fellowship tal-EMJD fl-istess programm tad-Dottorat. Jekk il-konsorzji jkunu jixtiequ jitbiegħdu minn dan il-kriterju, il-permess minn qabel biex ikunu jistgħu jagħmlu dan għandu jinkiseb mill-Aġenzija.

⁵⁷ Ara http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/beneficiaries/beneficiaries_action_1_en.php

Tabella ta' Fellowships Individwali

		Fellowship tal-Kategorija A (ammonti għal fellowship dottorali ta' 3 snin)	Fellowship tal-Kategorija B (ammonti għal fellowship dottorali ta' 3 snin)
I	Kontribuzzjoni fissa għall-ispejjeż tal-ivjaġġar, ta' installazzjoni, spejjeż relatati mal-viża u kull tip ta' spejjeż oħra	€ 7 500	€ 3 000 – jekk ikun hemm mobilità prevista għal imsieħba sħaħ/assoċjati minn pajjiżi terzi
II	Kontribuzzjoni fissa għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-kandidati dottorali ⁵⁸	€ 300 fix-xahar (€ 10 800 għal 36 xahar) għal EMJDs mhux ibbażati fil-laboratorju jew € 600 fix-xahar (€ 21 600 għal 36 xahar) għall-EMJDs ibbażati fil-laboratorju	
III	Benefiċċju Fiss għall-Għajxien (36 xahar b'kollox)	- € 2 800 fix-xahar (jiġifieri € 100 800 għal 36 xahar) għal "kuntratt tax-xogħol" - € 1 400 fix-xahar (jiġifieri € 50 400 għal 36 xahar) għal stipendju	
Ammont totali għall-fellowship		Bejn € 61 200 (għal fellowship tal-Kategorija B f'qasam mhux ibbażat ma' laboratorju, b'kontribuzzjoni fissa għall-ispejjeż ta' parteċipazzjoni u mingħajr ebda mobilità għal imsieħba sħaħ/assoċjati minn pajjiżi terzi u bbażata fuq stipendji) u € 129 900 (għal fellowship tal-Kategorija A f'qasam ibbażat fil-laboratorju u b'"kuntratt tax-xogħol")	

L-ammonti tal-fellowships ser jitħallsu lill-konsorzji tal-EMJD fil-kuntest tal-ftehimiet ta' għotjiet speċifiċi maħruġa għal kull waħda mill-ħames edizzjonijiet tal-programm tad-dottorat⁵⁹.

Hija r-responsabbiltà tal-konsorzju li jassigura li l-fellowships jitħallsu lill-kandidati kif ġej:

- **L-Ammont I** (*Il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivjaġġar, ta' installazzjoni, u spejjeż relatati mal-viża u spejjeż personali oħra tal-kandidat*) għandhom jitħallsu f'pagamenti bin-nifs skont il-ħtiġijiet tal-kandidat.
- **L-Ammont II** (*Kontribuzzjoni fissa għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-kandidati dottorali*) jista' jiġi ddebitat direttament lill-kandidat dottorali mill-konsorzju bil-kundizzjoni li tal-ewwel ikun iffirma "ftehim tal-kandidati dottorali" li jispeċifika l-ammont li jrid jiġi ddebitat u l-ispejjeż/attivitàjiet koperti minnu. Il-konsorzju jiġġestixxi din il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż relatati mal-parteċipazzjoni tal-kandidati fl-edukazzjoni u l-attivitàjiet ta' riċerka (spejjeż relatati mal-edukazzjoni u r-riċerka, attendenza f'laqgħat, konferenzi, eċċ.). Għalkemm il-konsorzju tal-EMJD huwa liberu li jiddefinixxi l-ammont xieraq tal-ispejjeż għall-parteċipazzjoni li jridu jiġu ddebitati lill-kandidati dottorali, meta jiġi biex jiddetermina dawn l-ispejjeż, il-konsorzju għandu jżomm f'moħħu l-kontribuzzjoni fissa mogħtija mill-Programm għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-kandidat dottorali. Jekk il-miżati stabbiliti mill-konsorzju jkunu ogħla minn dan l-ammont, il-konsorzju għandu jagħti rinunzja tal-

⁵⁸ Dawn l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni għandhom ikopru l-ispejjeż obligatorji kollha għall-parteċipazzjoni tal-kandidati fl-EMJD, ikunu stabbiliti, irrISPettivament mill-post attwali tal-istudju u r-riċerka tal-kandidati dottorali u jkunu trasparenti għall-kandidati dottorali (jiġifieri jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-EMJD u deskritti fil-Ftehim tal-Kandidati Dottorali).

⁵⁹ Għall EMJDs għadhom jintgħażlu, l-ewwel Ftehim Speċifiku ta' Għotja għandu jinħareġ matul it-tieni kwart tas-sena wara l-għażla tagħhom mill-Aġenzija.

miżati lid-detenturi tal-fellowships ta' Erasmus Mundus għal kwalunkwe ammont ta' ħlas li jaqbeż din il-kontribuzzjoni fissa.

- **L-Ammont III** (*Benefiċċju Fiss għall-Għajxien*) għandu jitħallas fuq bażi ta' kull xahar fil-kont personali tal-kandidat dottorali.
 - Għall-“kuntratti tax-xogħol”, il-konsorzju jista' jnaqqas il-ħlasijiet u t-taxxi rilevanti mehmuża ma' dan it-tip ta' kuntratt. F'dak il-każ, dan il-benefiċċju għall-għajxien huwa kontribuzzjoni gross tal-UE għall-ispejjeż tas-salarju tal-kandidat. Is-salarju nett li jirriżulta mit-tnaqqis tal-ħlasijiet obligatorji kollha skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandu jkun ekwivalenti għall-ammont tal-istipendji (tal-inqas EUR 1 400 għal kull xahar).
 - Għall-istipendji, l-ammont ta' € 1 400 € / xahar għandu jitħallas b'mod sħiħ lill-kandidat għal dottorat f'pagamenti mensili

L-organizzazzjoni ospitanti tista' tħallas ammont extra ('top-up') lill-kandidati sabiex tikkomplimenta din il-kontribuzzjoni sakemm hija tirrispetta r-regoli nazzjonali u l-kriterju tal-eliġibbiltà tal-ispejjeż ta' dawn ir-riżorsi komplimentari.

L-ammont tal-fellowship jista' jizjed sabiex jgħin biex ikopri l-ispejjeż addizzjonali ta' kandidati tad-dottorat bi bżonnijiet speċjali; l-EMJDs ikkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija dwar dan fil-kuntest tal-applikazzjonijiet annwali tagħhom għall-applikazzjonijiet annwali tagħhom għall-fellowship ta' kandidati dottorali.

L-EMJDs għandhom ikunu konxji tal-linji politiċi dwar it-tassazzjoni applikati fil-pajjiżi parteċipanti differenti għal fellowships individwali u għandhom jinformaw lid-detenturi tal-fellowships b'mod xieraq. Għal aktar informazzjoni, l-EMJDs huma mistiedna jikkonsultaw l-Istruttura Nazzjonali ta' Erasmus Mundus ikkonċernata (ara l-lista taħt il-Kapitolu 8).

Għal aktar informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-fellowships, jekk jogħġbok irreferi għall-Manwal Finanzjarju u Amministrattiv tal-EM ippubblikat fuq il-websajt tal-EACEA:

http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/beneficiaries/beneficiaries_action_1_en.php

5.5 EMJD – KUNDIZZJONIJIET KUNTRATTWALI

“Ftehim ta' Sħubija ta' Qafas”

Jekk il-proposta tal-EMJD tintgħażel, l-Aġenzija tikkonkludi *“Ftehim ta' Sħubija ta' Qafas”* ta' ħames snin mal-istituzzjoni li tikkoordina tal-konsorzju. Dan il-ftehim ta' sħubija ta' qafas ser jiġi konkluż għal perjodu ta' ħames snin suġġett għat-tiġdid tal-programm wara l-2013. Dan jimplika li l-konsorzji tal-EMJD magħżula għandhom jimpenjaw ruħhom li jżommu l-kontenut tal-programm b'mod sostanzjali fil-forma approvata matul dak il-perjodu (suġġett, ovvjament, għall-aġġornar u l-adattazzjonijiet għall-ħtiġijiet).

Il-bidliet fil-kompożizzjoni tal-konsorzju jew il-modifikazzjonijiet kbar fil-kontenut/struttura tal-programm konġunt (kuntrarju għall-aġġornar regolari tal-korsijiet individwali jew il-moduli tat-taħriġ) għandhom jintalbu minn qabel lill-Aġenzija u jiġu approvati formalment fil-kuntest ta' proċedura ta' emendi. Jekk jiġu approvati, dawn il-bidliet għandhom jibdedw japplikaw biss mill-edizzjoni li jmiss tal-programm ta' dottorat konġunt.

“Ftehimiet ta' Għotjiet Speċifiċi”

Fi ħdan il-ftehim ta' sħubija ta' qafas, se jrin jinħarġu *“Ftehimiet ta' Għotjiet Speċifiċi”* fuq bażi annwali sabiex ikopru l-finanzjament għal ħames edizzjonijiet konsekuttivi tal-programm dottorali. Il-ftehim ta' għotja speċifiku ser ikopri l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija lill-programm tal-EMJD għall-

organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tiegħu (somma f'daqqa ta' € 50 000) kif ukoll il-fellowships individwali ta' Erasmus Mundus allokatu għall-kandidati dottoralu għal kull edizzjoni tal-EMJD.

Il-ftehimiet ta' għotjiet speċifiċi jiġu analizzati regolarment permezz tar-rapporti sottomessi mill-istituzzjoni li tikkoordina f'isem l-EMJD. Id-deċiżjoni dwar jekk il-ftehimiet speċifiċi għandhomx jiġġeddu jew le ser tkun ibbażata fuq jekk il-programm kienx qiegħed jitwassal skont il-proposta u r-regoli tal-programm Erasmus Mundus, jekk il-benefiċjarji ta' Erasmus Mundus segwewx il-programm konġunt u jekk inżammux standards għolja ta' kwalità.

F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità tal-privattivi mal-istandards ta' kwalità għolja, l-Aġenzija tista' tirrifjuta li għegged l-għotja u l-għażla tal-programm EMJD, jew saħansitra titlob għar-rimborż tal-ammonti ta' għotjiet diġà mħallsa. L-Istruttura Nazzjonali rispettiva u, possibbilment, id-detenturi tal-fellowships involuti fil-programm EMJD inkwistjoni jistgħu jiġu kkonsultati.

Il-ħlas tal-għotja

L-għotja ta' Erasmus Mundus li tkopri kemm il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż operattivi tal-EMJD kif ukoll il-fellowships tal-kandidati dottoralu ser titħallas lill-konsorzju f'żewġ ħlasijiet bin-nifs ta' prefinanzjament maħsuba biex jipprovdu lill-benefiċjarju b'likwidità:

- L-ewwel ħlas ta' prefinanzjament li jikkorrispondi għal 70% tal-għotja ser jitħallas wara l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja speċifiku annwali miż-żewġ partijiet. Dan il-ħlas ser isir fi żmien 45 ġurnata mid-data meta l-aħħar waħda miż-żewġ partijiet (jiġifieri l-Aġenzija) tkun iffirmat il-ftehim u jkunu ġew irċevuti l-garanziji kollha meħtieġa;
- It-tieni ħlas ta' prefinanzjament li jikkorrispondi għall-parti tal-għotja li jibqa' ser jitħallas wara li l-Aġenzija tirċievi talba għal ħlas formali sottomessa mill-benefiċjarju u li tikkonferma li ntużaw mill-inqas 70% tal-ammont tal-ewwel prefinanzjament.

“Ftehim tal-Konsorzju tal-EMJD”

Sabiex jiġi assigurat l-impenn istituzzjonali xieraq tal-istituzzjonijiet imsieħba lill-EMJD, għandu jiġi ffirmat “*Ftehim tal-EMJD*” mill-korp regolatorju tal-istituzzjonijiet involuti, sabiex jiġu koperti bl-aktar mod preċiż possibbli l-aspetti akkademiċi, ta' riċerka, amministrattivi u finanzjarji kollha relatati mal-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-programm EMJD, inkluża l-ġestjoni ta' fellowships individwali.

Għall-EMJDs li għadhom kemm jintgħażlu, kopja ta' dan il-ftehim għandha tintbagħat lill-Aġenzija qabel l-għoti tal-ewwel Ftehim ta' Għotja Speċifiku.

“Ftehim tal-Kandidati Dottoralu”

Hija r-responsabbiltà tal-konsorzju li jassigura l-parteciċipazzjoni attiva tal-kandidati dottoralu kollha fl-attivitajiet tal-EMJD. Sabiex jiġġarantixxu t-trasparenza adegwata tar-regoli tal-parteciċipazzjoni fl-EMJD, il-konsorzji huma mitluba li jiddefinixxu b'mod ċar l-obbligi tal-kandidat fil-“*Ftehim tal-Kandidati Dottoralu*” li għandu jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet fil-bidu tal-programm. Dan il-ftehim għandu jiddefinixxi bl-aktar mod preċiż possibbli d-drittijiet u l-obbligi taż-żewġ partijiet u jkopri kwistjonijiet bħal:

- L-ispejjeż tal-parteciċipazzjoni ddebitati lill-kandidat, xi jkopru u (jekk rilevanti) x'ma jkopru.
- Is-suġġett tal-attivitajiet ta' riċerka tal-kandidat u l-istruttura ewlenija, l-attivitajiet u l-punti ewlenin tal-programm dottoralu tiegħu/tagħha.
- In-natura tal-proċeduri ta' superviżjoni/monitoraġġ/valutazzjoni u l-kriterji użati biex jiġi vvalutat ir-rendiment tal-kandidat.

- L-obbligi tal-kandidat fir-rigward tat-twassil tar-riżultati tar-riċerka preliminari u l-istat tal-progress fit-tnejn tat-teżi tiegħu/tagħha, kif ukoll il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' rispettt ta' dawn l-obbligi.

Id-detenturi tal-fellowships ta' Erasmus Mundus li jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn il-konsorzju għandhom, wara twissija adegwata, jitwaqqfu milli jkomplu jibbenifikaw mill-fellowship.

Kopja ta' dan il-ftehim għandha tintbagħat lill-Aġenzija qabel l-għoti tal-ewwel Ftehim ta' Għotja Speċifiku.

Il-mudelli tas-*Sħubija ta' Qafas* u l-*Ftehimiet ta' Għotjiet Speċifiċi*, kif ukoll l-annessi tagħhom, huma disponibbli fuq l-ispazju tal-Benefiċjarji fuq il-websajt ta' [Erasmus Mundus](http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/beneficiaries/beneficiaries_action_1_en.php) (ara http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/beneficiaries/beneficiaries_action_1_en.php).

5.6 EMJD - PROCĊEDURA TAL-GĦAŻLA U SKEDA TAŻ-ŻMIEN INDIKATTIVA

Minbarra l-elementi ppreżentati taħt is-sezzjoni 3.1 fuq, l-applikazzjonijiet tal-EMJD sottomessi lill-Aġenzija għandhom jiġu kkopjati u jintbagħtu lill-Istrutturi Nazzjonali ta' Erasmus Mundus tal-pajjiżi Ewropej irrappreżentati mill-imsieħba sħaħ fil-konsorzju propost (ara l-lista taħt il-Kapitolu 8).

Skeda taż-Żmien Indikattiva

L-applikanti għandhom jinnotaw li l-iskeda taż-żmien li ġejja hija pprovduta għal skopijiet ta' informazzjoni biss u tista' tinbidel fil-kuntest tas-Sejħiet annwali għall-Proposti:

- 1) ***Novembru/Diċembru tas-"sena n-2"***: il-pubblikazzjoni tas-Sejħa annwali għall-Proposti (inkluża informazzjoni dwar il-formola li trid tintuża u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra applikabbli għas-sena tal-għażla kkonċernata).
- 2) ***30 ta' April⁶⁰ tas-"sena n-1"***: is-sottomissjoni tal-proposti tal-EMJD.
- 3) ***Minn Mejju sa Lulju tas-"sena n-1"***: il-valutazzjoni u l-għażla tal-proposti tal-EMJD.
- 4) ***Settembru tas-"sena n-1"***: ir-riżultati tal-għażla jiġu kkomunikati u l-ftehimiet ta' sħubija ta' qafas jintbagħtu lill-EMJDs magħżula.
- 5) ***Settembru tas-"sena n-1" sa Frar tas-"sena n"***: kampanja ta' informazzjoni u promozzjoni mill-konsorzji tal-EMJD li ser jirċievu applikazzjonijiet mingħand il-kandidati li qed japplikaw għal fellowships tal-Kategorija A jew tal-Kategorija B.
- 6) ***Novembru tas-"sena n-1"***: in-numru ta' fellowships disponibbli għall-Kategorija A u B jiġi kkomunikat lill-EMJDs kollha (dawk ġodda kif ukoll dawk magħżula fis-snin preċedenti u fi ħdan iċ-ċiklu ta' ħames snin tagħhom).
- 7) ***Fl-aħħar ta' Frar tas-"sena n"***: il-konsorzji tal-EMJD jissottomettu l-listi tagħhom ta' kandidati magħżula mill-Kategorija A u l-fellowships ta' Kategorija B lill-Aġenzija, li min-naħa tagħha tivvalida l-listi u ttippara d-dokumenti uffċjali għall-iffaċilitar tal-proċedura tal-visa tal-kandidat.
- 8) ***Mejju tas-"sena n"***: ftehimiet ta' għotjiet speċifiċi jiġu prodotti u ffirmati miż-żewġ partijiet; isir l-ewwel ħlas ta' prefinanzjament mill-Aġenzija lill-kont bankarju tal-benefiċjarju.
- 9) ***Sa mid-data tal-bidu tal-perjodu ta' eliġibilità (jiġifieri Awwissu tas-"sena n")***: l-EMJDs jibdeu l-attivitajiet tagħhom.

⁶⁰ Jekk it-30 ta' April jaħbat fi btala jew fi tmiem il-ġimgħa, l-iskadenza għas-sottomissjoni tkun l-aħħar ġurnata xogħol ta' April.

6 AZZJONI 2 : SĦUBIJI TAL-ERASMUS MUNDUS

6.1 EMA2 - FAXXA 1: SĦUBIJI MA' PAJJIŻI KOPERTI MILL-ISTRUMENTI⁶¹ ENPI, DCI, EDF U IPA

L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi l-importanza tal-edukazzjoni ogħla għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali. L-edukazzjoni ogħla tilgħab irwol kruċjali fil-produzzjoni ta' riżorsi umani ta' kwalità għolja, fid-disseminazzjoni tal-iskoperta xjentifika u l-għarfien avanzat permezz tat-tagħlim u l-edukazzjoni tal-ġenerazzjonijiet futuri taċ-ċittadini, il-professjonisti ta' livell għoli u l-mexxejja politiċi, li min-naħa tagħhom jikkontribwixxu għal tmexxija aħjar u għal koeżjoni soċjali fl-Ewropa u barra minnha.

Il-ħeffa dejjem tiżdied li biha l-għarfien eżistenti qiegħed jitlef l-użu, u l-bidliet rapidi fil-mezzi li permezz tagħhom qiegħed jiġi mwassal u mġedded, ser jeħtieġu adattabilità għolja tas-settur tal-edukazzjoni biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-ekonomija u tas-soċjetà kollha kemm hi. F'kuntest ta' globalizzazzjoni, il-pajjiżi li huma biss konnessi b'mod dgħajjef mal-ekonomija tal-għarfien globali se jrin isibu ruħhom dejjem aktar fi żvantaġġ u mhux ser ikunu jistgħu jiġġeneraw kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi adegwati għall-popolazzjoni.

Kontra dan l-isfond, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni strutturata bejn l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla tal-pajjiżi terzi u, b'mod partikolari, il-faċilitazzjoni tal-mobilità bbażata fuq l-istituzzjonijiet hija sitwazzjoni li fiha jirbaħ kulħadd mhux biss biex jiżdied l-impatt tal-edukazzjoni ogħla fl-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi terzi, iżda wkoll biex jinħolqu rabtiet dejjiema u jiġu ġġenerati arrikkiment u fehim reċiproċi bejn il-popli.

Matul il-perjodu 2004-2008, boroż ta' studju speċifiċi għall-pajjiżi u r-reġjuni kienu ffinanzjati permezz tal-Istrumenti ta' Kooperazzjoni Esterna tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet u l-ispeċifitàjiet ta' dawk il-pajjiżi/reġjuni. Dawn ma kinux koperti mill-programm globali tal-boroż ta' studju ta' Erasmus Mundus I. F'dan il-qafas, "infetħu" diversi "Opportunitajiet ta' Kooperazzjoni Esterna ta' Erasmus Mundus" (EMECW) speċifiċi għal studenti u ħaddiema li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi fil-mira, filwaqt li għadd ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla mill-pajjiżi Ewropej u minn pajjiżi terzi kienu mistiedna biex jiffirmaw proġetti ta' sħubija mmirati biex jospitaw studenti, riċerkaturi u membri tal-persunal akkademiku. Minħabba s-suċċess illi kiseb, il-kopertura ġeografika tal-programm ta' Opportunitajiet ta' Kooperazzjoni Esterna ta' Erasmus Mundus kompliet tikber b'mod progressiv. Minn Frar 2009, il-programm ta' Opportunitajiet ta' Kooperazzjoni Esterna (ECW) ġie inkluż taħt l-umbrella tal-programm usa' Erasmus Mundus 2009-2013 u issa sar: "Sħubiji tal-Azzjoni 2 Faxxa 1 ta' Erasmus Mundus".

EMA2 – FAXXA 1 hija mmirata biex tippromwovi l-edukazzjoni ogħla Ewropea, biex tgħin sabiex jittejbu u jtkabbru l-prospetti tal-karrieri tal-istudenti u biex tippromwovi l-fehim interkulturali permezz tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi, b'konformità mal-għanijiet tal-politika esterna tal-UE sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi terzi fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla. Hija tinkludi sħubiji bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla fl-Ewropa u fil-pajjiżi terzi, skambju u mobilità fil-livelli kollha tal-edukazzjoni ogħla, inkluża skema ta' borża ta' studju. Dan kollu jfisser għoti ta' appoġġ għall-mobilità għall-istudenti (li jkun qegħdin jistudjaw għall-ewwel degree, masters, dottorali u post-dottorali) u għall-membri tal-persunal (akkademiċi u amministrattivi).

Kif kien il-każ taħt l-EMECW, l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni speċifiċi għall-pajjiżi huma previsti fl-EMA2-FAXXA1 (l-hekk imsejħa "opportunitajiet ġeografiċi"), li tfisser għażla politika ta' diversi pajjiżi jew

⁶¹ ENPI - Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija

DCI - Strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-Iżvilupp

IPA - Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni

EDF - Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) huwa l-istrument Ewropew ewlieni għall-għoti ta' għajnuna għall-kooperazzjoni ta' żvilupp skont il-Ftehim ta' Cotonou: "il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku minn naħa u mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra".

reġjuni f'"lott". Dawn huma kumplimentari għal azzjonijiet oħrajn tal-Unjoni Ewropea żviluppati fiż-żona jew reġjun fil-mira.

L-għanijiet speċifiċi tal-EMA2 – FAXXA 1 huma:

- Li tikkontribwixxi għall-arrikkiment reċiproku tas-soċjetajiet billi tiżviluppa l-kwalifiki tal-irġiel u n-nisa biex b'hekk ikollhom ħliet xierqa, b'mod partikolari fir-rigward tas-suq tax-xogħol, ikunu moħħhom miftuħ u jkollhom esperjenza internazzjonali;
- Li tippromwovi l-mobilità għall-istudenti, ir-riċerkaturi, l-akkademiċi u l-persunal amministrattiv minn pajjiżi terzi, speċjalment minn gruppi vulnerabbli, magħżula fuq il-bażi tal-eċċellenza akkademika, sabiex jinkisbu l-kwalifiki u/jew l-esperjenza fl-Unjoni Ewropea;
- Li tikkontribwixxi lejn l-iżvilupp tar-riżorsi umani u l-kapaċità tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla fil-pajjiżi terzi permezz tal-mobilità miżjuda bejn l-UE u l-pajjiżi terzi b'konformità mal-prinċipji tal-opportunitajiet indaqs u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-programm għandha tikkontribwixxi b'mod sħiħ għall-promozzjoni tal-linji politiki orizzontali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari billi dan:

- Itejjeb l-ekonomija u s-soċjetà Ewropea bbażata fuq l-għarfien u jikkontribwixxi sabiex jinħolqu aktar impjiegi skont l-għanijiet tal-Istrateġija ta' Lisbona⁶² u sabiex jissaħħu l-kompetittività globali tal-Unjoni Ewropea, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli tagħha u l-koeżjoni soċjali akbar tagħha;
- Jinkoraġġixxi l-kultura, l-għarfien u l-ħliet għal żvilupp paċifiku u sostenibbli f'Ewropa ta' diversità;
- Jippromwovi kuxjenza dwar l-importanza tad-diversità kulturali u lingwistika fl-Ewropa, kif ukoll tal-ħtieġa tal-għieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija u l-promozzjoni tal-edukazzjoni interkulturali;
- Jagħmel dispożizzjoni għal dawk l-istudenti bi bżonnijiet speċjali, u b'mod partikolari billi jgħin biex jippromwovi l-integrazzjoni tagħhom fl-edukazzjoni ogħla tal-*mainstream*, u jippromwovi l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd;
- Jippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jikkontribwixxi biex jikkumbatti l-forom kollha tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;
- Jippromwovi l-iżvilupp tal-pajjiżi terzi.

6.1.1 OQSMA TEMATIĊI TA' STUDJU U L-ĦTIĠIJET TAR-REĠJUNI/PAJJIŻI

L-EMA2-FAXXA1 hija miftuħa għal-livelli kollha tal-edukazzjoni ogħla (mil-livell tal-istudju għall-ewwel degree sa dak post-dottorat u l-persunal) u topera fl-oqsma kollha ta' studju. F'dan il-kuntest, il-proġetti huma mħeġġa ferm biex jimplimentaw l-attivitajiet li jkopru kemm jista' jkun oqsma ta' studju u dixxiplini li huma identifikati taħt lott speċifiku fil-Linji Gwida għas-Sejħa għall-Proposti possibbli.

6.1.2 KRITERJI TA' ELIĠIBILTÀ

F'din is-sezzjoni jiġu deskritti r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ġenerali għas-sħubiji. Kwalunkwe rekwiżit speċifiku għal lott ġeografiku individwali għandu jiġi rrispettat fir-rigward tal-pajjiż eliġibbli, l-eliġibbiltà tas-sħubija, l-attivitajiet, il-gruppi fil-mira u t-tip ta' mobilità kif ġie ppubblikat fil-Linji Gwida rrispettivi għas-Sejħa għall-Proposti.

⁶² L-Istrateġija ta' Lisbona tnediet f'Marzu 2000 matul il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Lisbona u ġiet riveduta fl-2005. Din l-Istrateġija għandha l-għan li tiffoka l-isforzi fuq il-kisba ta' tkabbir aktar b'saħħtu u fit-tul u l-ħolqien ta' aktar impjiegi li huma aħjar.

Kull applikant jista' jissottometti biss proposta waħda għal kwalunkwe lott speċifiku. L-istess sħubija Ewropea tista' tissottometti proposti għal massimu ta' erba' lottijiet, li kull wieħed minnhom għandu jintbagħat f' envelop separat.

6.1.2.a KOMPOŻIZZJONI TAS-SĦUBIJA U PARTEĊIPANTI ELIĠIBBLI

KOMPOŻIZZJONI TAS-SĦUBIJA

Is-sħubija minima ser tkun komposta minn

- ✓ Ħames Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Ogħla (HEIs) fl-Ewropa, wara li jkunu ngħataw Karta tal-Erasmus minn mill-inqas tliet Stati Membri tal-Unjoni Ewropea flimkien ma'
- ✓ Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Ogħla (HEIs) mill-pajjiżi terzi fil-mira fil-lott korrispondenti: l-informazzjoni dettaljata dwar ir-regoli applikabbli għal kull lott hija pprovduta fit-taqsima rispettiva tal-Linji Gwida annwali għas-Sejħa għall-proposti.

Sabiex tiġi assigurata l-ġestjoni soda tas-sħubija mill-applikant, id-daqs massimu tas-sħubija huwa limitat għal 20 imsieħba.

Koordinazzjoni konġunta:

Koordinazzjoni konġunta ta' sħubiji bejn HEIs ta' pajjiżi Ewropej u ta' pajjiżi terzi hija kkunsidrata mekkaniżmu adegwat li sejjer jippermetti effiċjenza, vijabilità u sostenibilità aħjar tal-isħubija. Il-koordinazzjoni konġunta tiffaċilita trasferiment ta' esperjenza minn entitajiet aktar esperjenzati lil dawk f'sitwazzjoni vulnerabbli. Għalhekk, dan jgħin biex jiġi żgurat l-involvement u l-parteċipazzjoni tal-imsieħba f'kundizzjonijiet mhux daqshekk favorevoli.

Għalhekk huwa mħeġġeġ ferm li l-koordinazzjoni tas-sħubija tinqasam bejn l-istituzzjoni applikanta li tikkordina (Ewropea) u l-istituzzjoni ta' pajjiż terz li tikkordina. Barra minn hekk, l-appoġġ finanzjarju huwa previst għall-attivitajiet konġunti ta' koordinazzjoni (ara l-punt 6.3 Kundizzjonijiet finanzjarji, spejjeż Konġunti ta' koordinazzjoni).

L-applikant ("il-benefiċjarju") għandu jkun HEI Ewropew - jekk proġett jiġi approvat, din l-istituzzjoni għandha tiffirma l-ftehim ta' Għotja mal-Aġenzija. L-applikant għandu r-responsabbiltà legali primarja lejn l-Aġenzija għall-eżekuzzjoni xierqa tal-ftehim. Dan ifisser li l-applikant jassumi responsabbiltà legali u jikkoordina l-aspetti finanzjarji tal-kuntratt, filwaqt li wieħed mill-imsieħba mir-reġjun l-ieħor jassumi r-responsabbiltà għall-koordinazzjoni teknika.

Applikanti / Istituzzjoni li tikkordina

L-applikanti għandhom:

1. Ikunu persuna legali ("entità legali");
2. Ikunu Istituzzjoni tal-Edukazzjoni Ogħla. Sabiex ikunu eliġibbli bħala istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla, l-applikanti għandhom jipprovdu korsijiet fil-livell tal-istudju għall-ewwel degree, gradwat u/jew dottorali tal-edukazzjoni ogħla li jwasslu għal kwalifika rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż tagħhom stess; huma jistgħu jissejħu "Università" jew iġorru xi isem rilevanti ieħor (eż. "Politeknika", "Kulleġġ", "Istitut", eċċ.). Il-fergħat tal-HEIs tal-pajjiżi terzi lokalizzati f'pajjiżi Ewropej eliġibbli jew fergħat ta' HEIs Ewropej lokalizzati f'pajjiżi terzi mhumiex meqjusin bħala applikanti eliġibbli.
3. Jiġu rreġistrati f'wieħed mill-pajjiżi Ewropej (ara d-definizzjoni ta' pajjiż Ewropew fit-taqsima "Definizzjonijiet u glossarju")
4. Ikunu responsabbli direttament għat-tmexxija tal-attivitajiet mal-imsieħba tagħhom, mingħajr ma jaġixxu bħala intermedjarju;

5. Ikunu ngħataw il-Karta tal- Erasmus qabel id-data tal-pubblikazzjoni tas-Sejħa.

Istituzzjonijiet minn pajjiżi terzi li jikkoordinaw konġuntament:

L-istituzzjoni li tikkoordina konġuntament għandha tkun involuta b'mod attiv fil-kompiti ta' koordinazzjoni u ta' ġestjoni tas-sħubija, u - flimkien mal-applikant - hija responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ġestjoni ta' kuljum tal-proġett. Din l-istituzzjoni sejra tgħin ukoll biex ittejjeb il-kapaċitajiet meħtieġa fl-istituzzjonijiet imsieħba l-oħra minn pajjiżi terzi għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-attivitajiet tas-sħubija, u għall-kooperazzjoni internazzjonali msaħħa.

L-irwol u l-kompiti ta' din l-istituzzjoni - relatati ma' aspetti akkademiċi, amministrattivi u finanzjarji - għandhom jiġu definiti b'mod ċar u spjegati fl-applikazzjoni.

Huwa mistenni li l-koordinazzjoni konġunta minn istituzzjonijiet ta' pajjiżi terzi sejra żżid il-kapaċità tagħhom li jamministraw aħjar programmi internazzjonali ta' mobbiltà.

L-istituzzjoni li tikkoordina konġuntament;

1. Tkun persuna ġuridika ("entità ġuridika");
2. Tkun Istituzzjoni tal-Edukazzjoni Ogħla (HEI). Sabiex tkun eliġibbli bħala istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla, għandha tippovdi korsijiet fl-livell undergraduate, gradwat u/jew dottorat ta' edukazzjoni ogħla li jwasslu għal kwalifika rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż tagħhom stess, jistgħu jiġu msejħa "Università" jew iġorru xi isem rilevanti ieħor (eż. "Politeknika", "Kulleġġ", "Istitut", eċċ). Fergħat ta' HEIs ta' pajjiżi terzi li jinsabu f'pajjiżi eliġibbli jew f'fergħat ta' HEIs Ewropej li jinsabu f'pajjiżi terzi mhumiex meqjusa bħala msieħba eliġibbli;
3. Tkun reġistrata f'wieħed mill-pajjiżi terzi eliġibbli tas-Sejħa (ara d-definizzjoni ta' Ewropej u ta' Pajjiż terz fis-sezzjoni "Definizzjonijiet u glossarju"). L-obbligu li tkun fil-pussess ta' Karta ta' Erasmus ma japplikax għal imsieħba universitajiet minn pajjiżi terzi.

Imsieħba

1. Ikunu persuna legali ("entità legali");
2. Ikunu Istituzzjoni tal-Edukazzjoni Ogħla. Sabiex ikunu eliġibbli bħala istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla, l-applikanti għandhom jipprovdu korsijiet fil-livell tal-istudju għall-ewwel degree, gradwat u/jew dottorali tal-edukazzjoni ogħla li jwasslu għal kwalifika rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż tagħhom stess; huma jistgħu jissejħu "Università" jew iġorru xi isem rilevanti ieħor (eż. "Politeknika", "Kulleġġ", "Istitut", eċċ.). Il-fergħat ta' l-HEIs tal-pajjiżi terzi lokalizzati f'pajjiżi eliġibbli jew fergħat ta' HEIs Ewropej lokalizzati f'pajjiżi terzi mhumiex meqjusa bħala msieħba eliġibbli.
3. Ikunu rreġistrati f'wieħed mill-pajjiżi eliġibbli tas-Sejħa (ara d-definizzjoni ta' Ewropea u pajjiż-terz fit-taqsimha "Definizzjonijiet u glossarju"). L-obbligu li jkunu fil-pussess ta' Karta ta' Erasmus ma japplikax għal universitajiet imsieħba ta' pajjiżi terzi. L-Aġenzija ser titlob lid-Delegazzjonijiet tal-UE biex jikkomunikaw mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż ikkonċernat sabiex jiġi assigurat li l-HEIs tal-pajjiżi terzi inklużi fis-sħubija jikkorrespondu għad-definizzjoni ta' HEI mogħtija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Programm.

Membri assoċjati

Fil-proġett jistgħu jiġu involuti tipi oħrajn ta' organizzazzjonijiet mill-pajjiżi eliġibbli. Tali membri assoċjati jilagħbu rwol attiv fl-azzjoni, iżda dawn mhumiex benefiċjarji u ma jistgħux jirċievu finanzjament mill-għotja. Il-membri assoċjati mgħandhomx bżonn jilħqu l-kriterji tal-eliġibbiltà tal-applikanti u tal-imsieħba.

Il-membri assoċjati jridu jissemmew fl-applikazzjoni, u l-irwol li jilagħbu fil-kuntest tal-proġett propost għandu jiġi deskritt. F'każijiet speċifiċi, il-membri assoċjati jistgħu jkunu istituzzjoni li tospita, pereżempju jekk perjodu ta' apprendistat jiġi previst bħala parti mill-perjodu ta' studju.

Xi tipi ta' membri assoċjati li jistgħu jkunu partikolarment rilevanti għall-għanijiet u l-attivitajiet ta' dan il-programm huma:

- Impriżi, kmamar tal-industrija u l-kummerċ, entitajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali, kif ukoll ċentri tar-riċerka, istituzzjonijiet reġjonali tal-edukazzjoni ogħla li ma jappartjenux għal xi sistema nazzjonali, iżda li huma formalment rikonnoxxuti minn wieħed mill-pajjiżi eliġibbli;
- Organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali li ma jagħmlux profitt li jittrattaw ma' refuġjati, benefiċjarji tal-ażil, popolazzjonijiet spostati u popolazzjonijiet indiġeni.

Huwa mistenni li l-membri assoċjati jikkontribwixxu għat-trasferiment tal-għarfien u r-riżultati, u jassistu fil-promozzjoni, l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-proġetti.

Studenti Ewropej

Sabiex ikunu eliġibbli, l-istudenti Ewropej li jkunu qegħdin jistudjaw għall-ewwel degree u dawk li jkunu qegħdin jistudjaw għall-grad ta' Masters, kif ukoll il-kandidati għal dottorati u post-dottorati, li ssir referenza għalihom bħala "Studenti Ewropej":

1. Għandhom ikunu ċittadini nazzjonali ta' wieħed mill-pajjiżi Ewropej eliġibbli;
2. Għall-Grupp fil-Mira 1 (TGI): l-istudenti għandhom ikunu rreġistrati f'waħda mill-HEIs tal-pajjiżi Ewropej fi ħdan is-sħubija fil-ħin li jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għas-sħubija. L-istudenti li jkunu qegħdin jistudjaw għall-ewwel degree għandhom ikunu lestew b'suċċess mill-inqas sena waħda tal-istudji tagħhom fl-istituzzjoni lokali tagħhom;
3. Għall-Grupp fil-Mira 2 (TGII): l-istudenti għandhom jew ikunu rreġistrati f'HEI (mhux inkluża fis-sħubija) ta' xi pajjiż Ewropew jew ikunu kisbu grad universitarju jew l-ekwivalenti tiegħu permezz ta' HEI ta' xi pajjiż Ewropew;
4. Għandu jkollhom biżżejjed għarfien tal-lingwa tal-korsijiet jew ta' waħda mil-lingwi li qegħdin jiġu mitkellma bħalissa fil-pajjiżi ospitanti;
5. L-istudenti li jkunu qegħdin jistudjaw għall-ewwel degree għandhom ikunu lestew b'suċċess mill-inqas sena waħda tal-istudji tagħhom fl-ewwel livell tal-edukazzjoni ogħla.

Studenti minn pajjiżi terzi

Sabiex ikunu eliġibbli, l-istudenti minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jistudjaw għall-ewwel degree u dawk li jkunu qegħdin jistudjaw għall-grad ta' Masters, kif ukoll il-kandidati dottorali u post-dottorali, li ssir referenza għalihom bħala "Studenti minn pajjiżi terzi":

1. Għandhom ikunu ċittadini nazzjonali ta' wieħed mill-pajjiżi terzi koperti mil-lott rilevanti;
2. Jeħtieġ li ma jkunux għexu u lanqas wettqu l-attività ewlenija tagħhom (studji, xogħol, eċċ.) għal aktar minn total ta' 12-il xahar matul l-aħħar ħames snin f'pajjiż Ewropew eliġibbli fil-ħin li jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għas-sħubija. Din ir-regola ma tapplikax għal kandidati tal-MIRA 3 (TGIII);
3. Għall-Grupp fil-Mira 1 (TGI): l-istudenti għandhom ikunu rreġistrati f'waħda mill-HEIs tal-pajjiżi terzi fi ħdan is-sħubija fil-ħin li jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għas-sħubija. L-istudenti li jkunu qegħdin jistudjaw għall-ewwel degree għandhom ikunu lestew b'suċċess mill-inqas sena waħda tal-istudji tagħhom fl-istituzzjoni lokali tagħhom;

4. Għall-Grupp fil-Mira 2 (TGII): l-istudenti għandhom jew ikunu rreġistrati f'HEI (mhux inkluża fis-sħubija) tal-pajjiż terz ikkonċernat mil-lot jew ikunu kisbu grad universitarju jew l-ekwivalenti tiegħu minn HEI ta' dawn il-pajjiżi terzi;
5. Għall-Grupp fil-Mira 3 (TGIII): l-istudenti jridu jkunu ċittadini nazzjonali ta' wieħed mill-pajjiżi terzi kkonċernati mil-lott u jkunu jagħmlu parti mill-gruppi vulnerabbli fil-mira;
6. Għandu jkollhom biżżejjed għarfien tal-lingwa tal-korsijiet jew ta' waħda mil-lingwi li qegħdin jiġu mitkellma bħalissa fil-pajjiżi ospitanti.

Persunal akkademiku u amministrattiv

Sabiex ikunu eliġibbli, il-membri tal-persunal akkademiku u amministrattiv, li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom bħala "persunal":

1. Għandhom ikunu ċittadini nazzjonali ta' wieħed mill-pajjiżi eliġibbli;
2. Għall-Grupp fil-Mira 1 (TGI): Il-persunal ta' pajjiż terz għandu jaħdem fi jew ikun assoċjat ma' HEI fi ħdan is-sħubija. Il-persunal tal-UE għandu jaħdem fi jew ikun assoċjat ma' HEI tal-UE fi ħdan is-sħubija;
3. Għall-Grupp fil-Mira 2 (TGII): Il-persunal ta' pajjiż terz għandu jaħdem fi jew ikun assoċjat ma' HEI (li mhijiex inkluża fl-isħubija) ta' xi pajjiż terz ikkonċernat mil-lott. Il-persunal tal-UE għandu jaħdem fi jew ikun assoċjat ma' HEI (li mhijiex inkluża fl-isħubija) ta' xi pajjiż Ewropew

L-assenjamenti tal-mobilità għandhom ikunu bbażati fuq ftehimiet ta' sħubija bejn il-membri tas-sħubija.

L-universitajiet lokali u ospitanti u l-persunal individwali għandhom jaqblu dwar il-programm ta' lekkers li jridu jingħataw mill-membri tal-persunal viżitaturi, dwar l-attivitajiet ta' riċerka jew dwar it-tip ta' taħriġ li għandu jiġi segwit.

6.1.2.b ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI

Il-proġett ser jinvolvi l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-mobilità tal-istudenti u l-persunal fil-livelli kollha tal-edukazzjoni ogħla, il-provvediment ta' edukazzjoni/taħriġ u servizzi oħrajn lil studenti barranin, kif ukoll il-provvediment ta' tagħlim/taħriġ u assenjamenti ta' riċerka u servizzi oħrajn lill-persunal mill-pajjiż/i kopert/i mill-proġett.

L-attivitajiet għandhom isiru f'wieħed mill-pajjiżi eliġibbli koperti mil-Linji Gwida rispettivi għas-Sejħa u li jipparteċipaw fis-sħubija.

L-organizzazzjoni tal-mobilità, għandu jibda fl-istess sena tal-applikazzjoni. Is-sħubiji jistgħu jorganizzaw il-mobilità tal-istudenti f'diversi koorti skont il-preżentazzjoni kronoloġika li ġejja.

- **L-Ewwel koorti** - il-mobilità tista' tibda minn Settembru fis-sena "n". L-aħħar data għall-bidu ta' mobilità għandha tkun il-31 ta' Diċembru tas-sena "n +1". Kull mobilità fuq perjodu ta' żmien twil (jiġifieri 36 xahar) għandha tibda fl-ewwel koorti, sabiex jiġi żgurat li d-data ta' tmiem taqa' fil-perjodu eliġibbli.
- **It-Tieni koorti** - il-mobilità tista' tibda minn Settembru fis-sena "n +1". L-aħħar data għall-bidu ta' mobilità għandha tkun il-31 ta' Diċembru tas-sena "n +2".
- **It-Tielet koorti** - il-mobilità tista' tibda minn Settembru fis-sena "n +2". L-aħħar data għall-bidu ta' mobilità għandha tkun il-31 ta' Diċembru tas-sena "n +3".

Il-mobilità tal-persunal tista' tibda fi kwalunkwe żmien tul iż-żmien tal-proġett u għandha tintemm fil-perjodu tal-eliġibbiltà tal-proġett.

L-applikanti għandhom jinnotaw li jekk il-proposta tagħhom tiġi approvata, huma ser ikollhom bżonn jissottomettu lill-Aġenzija l-lista tal-istudenti u l-persunal attwali magħżula biex jibbenefikaw minn attività ta' mobilità, kif ukoll lista ta' riserva li tindika l-isem, is-sess, il-grupp fil-mira, in-nazzjonalità, l-istituzzjoni li tibgħat u li tospita, il-qasam ta' studju, it-tip ta' mobilità (ara s-sezzjoni "Mobilità individwali") u t-tul ta' żmien. Barra minn hekk, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar in-numru ta' kandidati rrifjutati għal kull tip ta' mobilità, il-pajjiż ta' oriġini u s-sess. **Il-lista għal kull tip ta' mobilità għandha tiġi sottomessa għallinqas 15-il ġurnata qabel il-bidu tal-ewwel mobilità ta' kull tip u lista kompleta għall-mobilitajiet kollha sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru tas-sena "n+1" l-aktar tard għall-ewwel koort, tas-sena "n+2" għat-tieni koort u tas-sena "n+3" għat-tielet koort.**

Il-proġett għandu jkun kompost minn żewġ partijiet ewlenin:

- L-organizzazzjoni tal-mobilità;
- Il-mobilità individwali għall-istudenti u l-persunal.

L-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta' mobilità timmira biex toħloq kundizzjonijiet ottimali, permezz ta' miżuri ta' appoġġ ta' kwalità, għall-istudenti u l-persunal biex ikunu jistgħu jagħmlu perjodi ta' studju tagħlim/riċerka/taħriġ f'universitajiet imsieħba f'pajjiżi parteċipanti oħrajn.

Sabiex torganizza l-mobilità, is-shubija għandha:

- Tfassal Memorandum ta' Fehim fost l-imsieħba bil-għan li tinkiseb ġestjoni soda tas-sħubija u jiġu indirizzati l-aspetti kollha marbuta mal-organizzazzjoni tal-iskema tal-mobilità. Il-Memorandum ta' Fehim għandu jstabbilixxi:
 - l-irwol tal-imsieħba u l-involvement individwali tagħhom fl-attivitajiet organizzattivi (attivitajiet ta' viżibilità, strateġija ta' komunikazzjoni, attivitajiet akkademiċi ta' preparazzjoni, flimkien ma' oħrajn);
 - ir-rwol tal-istituzzjoni minn pajjiż terz li tikkoordina konġuntament fil-koordinazzjoni u l-ġestjoni ta' kuljum tal-isħubija;
 - proċeduri u kriterji għall-għażla tal-kandidati (eż. mekkaniżmi tal-għażla ċentralizzata applikati mill-imsieħba kollha. Dawn il-mekkaniżmi ser jieħdu f'kunsiderazzjoni l-kriterji differenti li jridu jiġu applikati għall-gruppi fil-mira differenti);
 - definizzjoni tal-arranġamenti akkademiċi speċifiċi (eż. għall-istudenti: kriterji tal-eżaminazzjoni miftiehma, rikonoxximent akkademiku tal-perjodi ta' studju barra l-pajjiż; għall-persunal: l-inklużjoni ta' korsijiet mgħallma fil-programm regolari tal-HEI li tospita; arranġamenti għall-valutazzjoni tal-istudenti u l-korsijiet, programmi ta' taħriġ eċċ.);
 - arranġamenti finanzjarji ċari fost l-imsieħba rigward l-ispejjeż tal-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' boroż ta' studju.
- Tiżviluppa strateġija ċara ta' promozzjoni u viżibilità għas-sħubija, inkluża, b'mod partikolari, websajt iddedikata għas-sħubija, li tirreferi b'mod espliċitu għall-Azzjoni 2 – Sħubiji ta' Erasmus Mundus u li tipprovdri l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar is-sħubija mill-perspettiva akkademika, finanzjarja u amministrattiva. Din għandha tinkludi strateġija ta' networking solida li tilħaq kemm jista' jkun possibbli universitajiet fil-pajjiżi terzi kkonċernati u gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari meta dawn ikunu prijoritajiet stabbiliti minn Pajjiżi Terzi.
- Iddaħħal fis-seħħ mekkaniżmu għall-għażla tal-istudenti, ir-riċerkaturi, il-persunal akkademiku u ta' edukazzjoni ogħla li jiggwarantixxi t-trasparenza tal-proċess tal-għażla u trattament ekwitabbli tal-applikazzjonijiet individwali;

- Tistabilixxi proċeduri u kriterji għall-għażla ta' studenti u persunal biex jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-mobilità individwali. Is-shubji għandhom jiggarrantixxu tul ta' żmien minimu ta' mill-inqas 45 ġurnata wara t-tneġġja għal kull Sejħa għall-espressjoni ta' interess għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet tal-kandidati għall-boroż ta' studju. Il-proċedura tal-applikazzjoni u d-data tal-ghelug għall-kandidati għandha tiġi ddisinjata b'tali mod li ttipprovdi lill-kandidat bl-informazzjoni kollha meħtieġa minn qabel sew u b'biżżejjed żmien biex ikun jista' jipprepara u jissottometti l-applikazzjoni tiegħu;
- Tindirizza kwistjonijiet trasversali bħall-bilanċ bejn is-sessi, l-opportunitajiet indaqs u l-parteċipazzjoni tal-gruppi żvantaġġjati (studenti b'diżabilità, studenti ekonomikament żvantaġġjati). Id-dispożizzjonijiet inklussivi ċari li jippermettu l-parteċipazzjoni reali tal-gruppi żvantaġġjati f'dan il-programm huma rekwizit⁶³;
- Tipprevedi miżuri mmirati biex jipprevjenu l-effetti possibbli tat-tluq tal-aqwa mħuħ mill-pajjiżi terzi li jipparteċipaw fl-iskema tal-mobilità;
- Tipprovdi appoġġ lingwistiku adegwat;
- Toffri l-faċilitajiet meħtieġa lill-istudenti (eż. uffiċċju internazzjonali, akkomodazzjoni, *coaching*, għajjuna bil-visas u permessi tar-residenza eċċ.), inkluż, fejn ikun meħtieġ, servizzi għall-membri familjari tal-benefiċjarji u benefiċjarji bi bżonnijiet speċjali;
- Iddaħħal fis-seħħ skema ta' assigurazzjoni li tiggarrantixxi li l-istudenti jkunu koperti b'mod adegwat f'każ ta' inċident, korriment, mard, eċċ. waqt li jipparteċipaw fl-EMA2 –FAXXA1;
- Tistabilixxi ftehimiet ma' studenti fuq programm ta' ħidma individwali u fuq l-ammont ta' xogħol meħtieġ biex jgħaddu minn kwalunkwe eżamijiet jew forom oħrajn ta' valutazzjoni (jiġifieri ftehimiet ta' tagħlim);
- Tiffaċilita r-rikonoxximent akkademiku tal-perjodi ta' studju, taħriġ, riċerka u tagħlim (permezz tal-ECTS – Sistema Ewropea għat-Trasferiment tal-Krediti jew sistemi kompatibbli oħrajn) bil-għan li tiffavorixxi l-ħolqien u/jew l-implimentazzjoni ta' Oqsma Komuni ta' Edukazzjoni ogħla. F'dan is-sens, huwa rekwiżit minimu għall-imsieħba kollha li jikkunsidraw il-perjodu ta' studju barra l-pajjiż bħala parti integrali mill-programm ta' studju. Rikonoxximent akkademiku sħiħ ser jingħata mill-HEI lokali għall-perjodu ta' studju (inklużi eżamijiet jew forom oħrajn ta' valutazzjoni) fl-HEI(s) li jospitaw. Fl-aħħar tal-perjodu ta' studju barra l-pajjiż, l-HEI li tospita ser ttipprovdi lill-istudent li jidħol, kif ukoll lill-HEI li tibgħat bi traskrizzjoni tar-riżultati tal-istudju li tikkonferma li l-programm ġie kkompletat. L-għoti ta' suppliment tad-diploma huwa wkoll rakkomandat;
- Tfassal ftehimiet mal-akkademiċi dwar il-ħinijiet tal-lezzjonijiet li jridu jiġu mgħallma mill-akkademiċi viżitaturi, li għandhom jiformaw parti mill-korsijiet li jiġu vvalutati bħala parti minn degree/diploma offruta mill-istituzzjoni li tospita;
- Tipprevedi arranġamenti għall-monitoraġġ tal-istudenti li jispiċċaw;
- Tistabilixxi mekkaniżmi ta' evalwazzjoni interna u valutazzjoni tal-kwalità;
- Tiżviluppa strateġija ta' sostenibbiltà li tispjega b'liema mod dawn l-iskambji tal-mobilità jistgħu jiffavorixxu l-ħolqien ta' rabtiet b'saħħithom ma' pajjiżi terzi, kif dawn jistgħu jwieġbu għall-ħtiġijiet soċjali, ekonomiċi u politiċi tal-pajjiżi terzi kkonċernati u kif dawn ser jgħinu fid-disseminazzjoni tal-valuri soċjali u demokratiċi Ewropej.

⁶³ Jekk jogħġbok ikkunsidra d-differenza bejn gruppi żvantaġġjati u gruppi vulnerabbli: l-ewwel waħda tirreferi għal kwistjonijiet trasversali u għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni waqt l-għażla tal-kandidati għat-**tliet gruppi fil-mira kollha**, waqt li tal-aħħar tirreferi esklussivament għall-għażla tal-kandidati skont it-TG III.

Mobilità individwali

Hemm tliet gruppi fil-mira għall-flussi tal-mobilità individwali u ħames tipi differenti ta' mobilità individwali għall-istudenti u l-persunal.

Grupp fil-Mira	Benefiċjarji fil-mira	Tipi ta' mobilità	Pajjiżi ta' individwi li japparteċipaw fil-mobilità
GRUPP FIL-MIRA 1	<p>Ċittadini nazzjonali tal-pajjiżi terzi kkonċernati mil-lott ġeografiku, li huma rreġistrati f'waħda mill-HEI ta' pajjiż terz li huwa membru tas-sħubija.</p> <p>Ċittadini nazzjonali tal-pajjiżi Ewropej li huma rreġistrati f'wieħed mill-HEIs Ewropej li huwa membru tas-sħubija.</p>	studju għall-ewwel degree, master, dottorat, post-dottorat, persunal	Pajjiżi terzi tal-lott ikkonċernat u Pajjiżi Ewropej
GRUPP FIL-MIRA 2	<p>Ċittadini nazzjonali tal-pajjiżi terzi kkonċernati mil-lott ġeografiku, li:</p> <ul style="list-style-type: none"> • huma rreġistrati/jaħdmu f'istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla ta' dawn il-pajjiżi li mhijiex inkluża fis-sħubija (studenti u persunal); • ikunu kisbu degree mill-università jew l-ekwivalenti tagħha minn istituzzjoni ta' dawn il-pajjiżi (studenti biss). <p>Din tinkludi l-possibbiltà li jiġu pprovduti opportunitajiet ta' mobiltà lil ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jaħdmu fl-amministrazzjoni pubblika, f'impriżi pubbliċi u privati u f'organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ.</p> <p>Ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi Ewropej li:</p> <ul style="list-style-type: none"> • huma jew irreġistrati/jaħdmu f'HEI (mhux inkluża fl-isħubija) ta' xi pajjiż Ewropew (studenti u persunal); • jkunu kisbu degree mill-università jew l-ekwivalenti tagħha minn HEI ta' xi pajjiż Ewropew (studenti biss). 	master, dottorat, post-dottorat, persunal	Pajjiżi terzi tal-lott ikkonċernat u Pajjiżi Ewropej
GRUPP FIL-MIRA 3	<p>Ċittadini nazzjonali tal-pajjiżi terzi kkonċernati mil-lott ġeografiku li, b'mod partikolari, ikunu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, għal raġunijiet soċjali u politiċi. Pereżempju:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1) li jkollhom status ta' refuġjat jew benefiċjarji tal-ażil (internazzjonali jew skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' wieħed mill-pajjiżi riċevituri Ewropej) jew 2) jista' jiġi pprovat li huma kienu l-oġġett ta' tkeċċija mhux ġustifikata mill-università fuq bażi razzjali, etnika, reliġjuża, politika, tas-sess jew inklinazzjoni sesswali, jew 3) li jappartjenu għal popolazzjoni indiġena mmirata minn politika nazzjonali speċifika jew IDPs (Persuni Spostati Internament) 	studju għall-ewwel degree, master, dottorat, post-dottorat	Pajjiżi-terzi biss tal-lott ikkonċernat.

Jekk jogħġbok innota li:

- ✓ **Il-Grupp fil-Mira 1 għandu jirrappreżenta mill-inqas 50%** tal-mobilità individwali koperta mill-proġett;
- ✓ **L-istudenti u l-persunal minn pajjiżi terzi għandhom jirrappreżentaw mill-inqas 70%** tal-mobilità individwali koperta mill-proġett;
- ✓ **L-istudenti u l-persunal Ewropej ma jistgħux jaqbu t-30%** tal-flussi tal-mobilità individwali koperti mill-proġett.

B'mod ġenerali, il-mobilità promossa hija mqassma skont it-tip li ġej ta' mobilità: Studenti, Masters, Dottorati, Post-dottorati u Persunal.

It-tip, id-distribuzzjoni u n-numru ta' flussi ta' mobilità eliġibbli jistgħu jvarjaw skont il-lott ikkonċernat. L-informazzjoni dettaljata hija pprovduta fis-sezzjonijiet rispettivi tal-Linji Gwida annwali għas-Sejħa għall-proposti. Kull proposta tkun teħtieġ tkopri mill-inqas in-numru minimu ta' flussi ta' mobilità individwali u għandha tirrispetta l-perċentwali minimi u massimi għal kull tip ta' mobilità kif mitlub fil-Linji Gwida rispettivi għas-Sejħa għall-proposti.

Fl-applikazzjonijiet tagħhom, l-applikanti għandhom jindikaw in-numru ta' mobilitajiet, il-gruppi fil-mira, it-tipi ta' mobilità u l-oqsma tematiċi li għandhom il-ħsieb li jkopru. Id-distribuzzjoni għal kull tip ta' mobilità għandha tiġi rrispettata u taqa' fil-firxa indikata fil-Linji Gwida għas-Sejħa għall-proposti.

La l-istudenti Ewropej u lanqas dawk minn pajjiżi terzi ma jistgħu jibbenifikaw minn borża ta' studju oħra għall-istess tip ta' mobilità taħt proġett ieħor taħt l-EMA2-FAXXA1. Barra minn hekk, il-kandidati ma jistgħux jibbenifikaw minn aktar minn attività ta' mobilità waħda fi ħdan l-istess proġett.

Il-flussi tal-mobilità għall-istudenti u l-persunal bejn l-istituzzjonijiet Ewropej jew bejn istituzzjonijiet ta' pajjiżi terzi involuti fis-sħubija mhumiex eliġibbli.⁶⁴

Il-mobilità tal-istudenti tista' tinkludi perjodu ta' apprendistat (massimu ta' 3 xhur) fl-istess pajjiż tal-imsieħba tal-HEIs li jospitaw, diment li jkun ippreċedut minn perjodu minimu ta' studju barra l-pajjiż ta' sitt xhur u li jkun rikonoxxut bħala parti integrali mill-programm tal-istudenti. Għandu jintlaħaq qbil dwar l-apprendistat mill-imsieħba kollha kkonċernati u għandu jiġi assigurat monitoraġġ mill-qrib tal-istudenti.

L-universitajiet Ewropej huma rrakkomandati li jkunu konxji għal kollox tal-kundizzjonijiet speċifiċi f'kull wieħed mill-Pajjiżi Terzi kkonċernati qabel jiddeċiedu li jibagħtu studenti jew persunal u li jsewgu l-pariri tal-Ministeri tal-Affarijiet Barranin tagħhom.

Il-mobilità tal-persunal għandha tikkontribwixxi biex issaħħaħ il-kapaċità tal-kooperazzjoni internazzjonali ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla f'pajjiżi terzi.

Hija għandha timmira li tikkonsolida u testendi r-rabtiet bejn id-dipartimenti u l-fakultajiet u li tħejji għal proġetti ta' kooperazzjoni futura bejn l-universitajiet. Il-mobilità tal-Persunal hija mistennija wkoll li ttejjeb l-applikazzjoni ta' ECTS jew sistemi oħrajn għall-għarfien ta' studji fl-istituzzjoni msieħba.

Tul ta' żmien

It-tul ta' żmien ta' proġett jista' jvarja skont il-lott ikkonċernat iżda ma jistax jaqbeż it-tul ta' 48 xahar. Informazzjoni dettaljata ser tiġi pprovduta fil-Linji Gwida rispettivi għas-Sejħa għall-proposti.

Is-sħubija tista' tiddeċiedi fuq it-tul ta' żmien tal-attivitajiet tal-mobilità fi ħdan il-limiti stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt:

⁶⁴ L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza għall-persunal tas-sħubija għall-iskop tal-organizzazzjoni tal-mobilità għandhom jiġu koperti mis-somma globali allokata għas-sħubija għal dak il-għan.

Tip ta' mobilità individwali	GRUPP FIL-MIRA I		GRUPP FIL-MIRA II	GRUPP FIL-MIRA III ⁶⁵
	Pajjiżi Ewropej	Imsieħba minn pajjiżi terzi		
Undergraduate	minn semestru akkademiku wieħed sa sena akkademika waħda (massimu ta' 10 xhur)		Mhux applikabbli	minn semestru akkademiku wieħed sa 3 snin akkademiċi (massimu ta' 36 xahar)
Master	minn semestru akkademiku wieħed sa sena akkademika waħda (massimu ta' 10 xhur)	minn semestru akkademiku wieħed sa sentejn akkademiċi (massimu ta' 24 xahar)	minn semestru akkademiku wieħed sa sentejn akkademiċi (massimu ta' 24 xahar)	minn semestru akkademiku wieħed sa sentejn akkademiċi (massimu ta' 24 xahar)
Dottorat	6-36 xahar		6-36 xahar	6-36 xahar
Post-dottorat	6-10 xhur		6-10 xhur	6-10 xhur
Persunal	1-3 xhur		1-3 xhur	Mhux applikabbli

6.1.3 KRITERJI TA' AĠĠUDIKAZZJONI

L-għażla tas-sħubiji ser tkun proċess kompetittiv organizzat mill-Aġenzija u bbażat fuq il-valutazzjoni tal-kwalità tal-proposta mill-perspettiva akkademika u organizzattiva. L-applikazzjonijiet kollha ser jgħaddu minn valutazzjonijiet minn esperti indipendenti esterni skont il-ħames kriterji ta' aġġudikazzjoni elenkati hawn taħt. Il-massimu li proposta tista' tikseb huwa ta' 100%. Fil-prinċipju, dawk il-proposti li ma jilħqux il-limitu minimu tal-kwalità ta' 50% mhumiex ser jiġu kkunsidrati għall-finanzjament.

Kriterja	Koeffiċjent
1. Rilevanza	25%
2. Kwalità	65%
2.1 Kompożizzjoni tas-sħubija u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni	20%
2.2 Organizzazzjoni u implimentazzjoni tal-mobilità	25%
2.3 Faċilitajiet għall-istudenti/persunal u s-segwitu	20%
3. Sostenibbiltà	10%
Total	100%

⁶⁵ Għat-TG II u III, jekk it-tul tal-mobilità ikun iqsar minn terminu akkademiku sħiħ u ma tinħareġ ebda diploma, is-sħubija għandha tiggarrantixxi li l-perjodi ta' studju, kif ukoll il-krediti, jiġu rikonoxxuti mill-universitajiet tal-oriġini. Għal dan il-għan, hemm bżonn ta' arranġamenti akkademiċi minn qabel mal-universitajiet imsieħba tal-pajjiżi terzi kkonċernati.

1. Rilevanza (25% tal-marka finali)

Skont dan il-kriterju, jeħtieġ li l-applikanti jiddikjaraw ir-relevanza tal-proposta tagħhom fir-rigward tal-għanijiet tal-EMA2-FAXXA1 (sezzjoni 6.1), u kif ir-riżultati mistennija jikkontribwixxu biex jissodisfaw ir-rekwiżiti definiti fil-Linji Gwida rispettivi għas-Sejħa għall-proposti.

2. Kwalità (65% tal-marka finali)

Taħt dan il-kriterju l-applikant jeħtieġ li jispjega l-miżuri meħuda biex jiżgura l-organizzazzjoni ta' kwalità għolja u l-implimentazzjoni tal-mobbiltà. Dan il-kriterju ser jiffoka fuq l-għarfien espert tas-sħubija proposta biex jintlaħqu l-għanijiet tal-proġett, l-istrategġiji/il-proċeduri u l-attivitajiet sabiex jiġu organizzati u implimentati l-mobbiltà, is-servizzi u l-faċilitajiet offruti lill-istudenti rreġistrati, kif ukoll il-mod kif is-sħubija għandha l-ħsieb li tassigura l-parteċipazzjoni effiċjenti ta' dawn l-istudenti fl-iskema tal-mobbiltà.

2.1 Kompożizzjoni tas-sħubija u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni (20% tal-marka finali)

Skont dan il-kriterju, l-applikanti jridu jiddeskrivu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni proposti fi hdn l-isħubiji, l-involvement ta' kull imsieħeb fil-proġett, il-kapaċità operattiva tagħhom u l-kompetenza sabiex jintlaħqu l-għan tal-proġett.

2.2 L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-mobbiltà (25% tal-marka finali)

Skont dan il-kriterju l-applikanti jeħtieġu jiffokaw fuq il-mod kif is-sħubija għandha l-intenzjoni li tmexxi l-mobbiltà sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti u effikaċi. L-applikanti għandhom jipprovdu miżuri konkreti biex jattiraw in-numru xieraq ta' studenti u persunal, il-metodoloġija biex jiġi żgurat proċess ta' għażla imparzjali u trasparenti, mekkaniżmi miftiehma biex jassiguraw ir-rikonoxximent tal-perjodu ta' studju barra l-pajjiż u l-istrategġija ta' evalwazzjoni.

2.3 Faċilitajiet għall-istudenti / persunal u s-segwitu (20% tal-marka finali)

Taħt dan il-kriterju għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-servizzi u l-faċilitajiet offruti lill-istudenti rreġistrati u lill-persunal involuti, kif ukoll il-mod kif is-sħubija biħsiebha tiżgura l-parteċipazzjoni effiċjenti ta' dawn l-istudenti u l-persunal fl-attivitajiet ta' sħubija.

3. Sostenibbiltà (10% tal-marka finali)

Dan il-kriterju jiffoka fuq il-miżuri meħuda mis-sħubija sabiex jiġu assigurati d-disseminazzjoni u l-esplotazzjoni xierqa tar-riżultati tal-proġett, kif ukoll l-impatt u s-sostenibbiltà ta' dawn ir-riżultati fuq perjodu ta' żmien twil (finanzjarjament, istituzzjonalment) 'lil hinn mill-perjodu tal-finanzjarjament.

Wara l-evalwazzjoni u għal kull wieħed mil-lottijiet ġeografiċi, ser tiġi stabbilita lista bl-aqwa proposti. Fi hdn l-envelop finanzjarju disponibbli, ser tiġi stabbilita l-lista ta' proġett(i) magħżul(a) għal kull lott, kif ukoll lista ta' riserva (jekk applikabbli).

Għall-kundizzjonijiet finanzjarji u l-kundizzjonijiet kuntrattwali, jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni 6.2 u 6.3.

6.2 EMA 2 – FAXXA 2: SĦUBIJI MA' PAJJIŻI U TERRITORJI KOPERTI MILL-ISTRUMENT TAL-PAJJIŻI INDUSTRIJALIZZATI (ICI)

L-Istrument tal-Pajjiżi Industrijalizzati (ICI) jipromwovi l-kooperazzjoni ma' 17-il pajjiż industrijalizzat u ma' pajjiżi u territorji oħrajn bi dħul għoli fl-Amerika ta' Fuq, fir-reġjun tal-Ażja-Paċifiku u fir-reġjun tal-Golf (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom bħala pajjiżi/territorji terzi). Fuq il-bażi tal-Artikolu 181A tat-Trattat, l-ICI ser jikkontribwixxi – flimkien ma' strumenti oħrajn tal-UE – biex itejjeb ir-

relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ma' pajjiżi u territorji li sikwit iħaddnu valuri simili, huma msieħba politiċi u kummerċjali importanti, u jilagħbu rwol attiv fil-fora multilaterali u fil-governanza globali.

L-UE u l-pajjiżi terzi jirrikonoxxu l-importanza tal-kooperazzjoni u l-iskambji akkademiċi bħala mezz għall-promozzjoni tal-fehim reċiproku, l-innovazzjoni u l-kwalità tal-edukazzjoni. Is-sistemi tal-edukazzjoni ogħla fl-UE u fil-pajjiżi/territorji terzi laħqu livelli ta' żvilupp tal-kwalità li huma komparabbli. Dawn huma fornituri ewlenin ta' servizzi tal-edukazzjoni ogħla u qegħdin jinternazzjonalizzaw is-sistemi tagħhom biex jattiraw numri kbar ta' studenti barranin. Huma joffru potenzjal sostanzjali għal attivitajiet ta' kooperazzjoni akkademika ta' benefiċċju b'mod reċiproku, inklużi skambji ta' studenti, professuri u riċerkaturi.

F'dan il-qafas, l-Azzjoni 2 – Faxxa 2 ta' Erasmus Mundus tiffoka fuq il-kooperazzjoni fuq bażi reġjonali (jiġifieri kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE u aktar minn pajjiż/territorju terz wieħed f'żona ġeografika partikolari). Approċċ ta' reġjun għal reġjun għandu jiddiversifika l-għażliet ta' sħubija għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla fl-UE, jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi msieħba u jsolvi jew itaffi l-iżbilanċi bejn is-settur edukattiv tal-UE u dak ta' wħud mill-pajjiżi/territorji terzi individwali. F'ċerti każijiet, dawn l-iżbilanċi minnhom infushom jistgħu jikkostitwixxu impediment għall-kooperazzjoni bilaterali sostnuta u l-approċċ reġjonali jista' jipprovi qafas aktar flessibbli għal ċerti pajjiżi u territorji sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'kooperazzjoni mal-Unjoni Ewropea.

Dawn is-sħubiji għandhom irawmu l-mobilità fil-kategoriji li ġejjin: studenti fil-grad ta' masters, kandidati dottoralni u post-dottoralni, u persunal akkademiku u amministrattiv tal-edukazzjoni ogħla. Is-sħubiji ser jikkontribwixxu għat-titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni. Dawn il-proġetti għandhom ikunu konformi mal-irwol dejjem jikber tal-Unjoni Ewropea fl-isfera ekonomika u politika u għandhom jirriflettu t-temi ewlenin tar-relazzjoni tal-UE mal-imsieħba industrijalizzati tagħha.

L-għanijiet speċifiċi tal-attivitajiet ta' EMA2-FAXXA2 huma:

- Li jappoġġjaw il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla bil-għan li jippromwovu l-programmi ta' studju u l-mobilità;
- Li jrawmu l-mobilità tal-istudenti, il-kandidati għal doktorat u post-dottorat bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi/territorji terzi billi jippromwovu t-trasparenza, ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki u l-perjodi ta' studju, riċerka u taħriġ, u, fejn ikun xieraq, il-portabilità tal-krediti;
- Li jappoġġjaw il-mobilità tal-professjonisti (persunal akkademiku u amministrattiv) bil-għan li jitjiebu l-fehim reċiproku u l-għarfien espert ta' kwistjonijiet rilevanti għar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi msieħba;
- Li jiżviluppaw valur distintiv għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni minn reġjun għal reġjun.

L-implimentazzjoni tal-programm għandha tikkontribwixxi b'mod sħiħ għall-promozzjoni tal-linji politiċi orizzontali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari billi dan:

- Itejjeb l-ekonomija u s-soċjetà Ewropea bbażata fuq l-għarfien u jikkontribwixxi sabiex jinħolqu aktar impjiegi skont l-għanijiet tal-Istrateġija ta' Liżbona u sabiex tissaħħaħ il-kompetittività globali tal-Unjoni Ewropea, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli tagħha u l-koeżjoni soċjali akbar tagħha;
- Jinkoraġġixxi l-kultura, l-għarfien u l-ħiliet għal żvilupp paċifiku u sostenibbli f'Ewropa ta' diversità;
- Tippromwovi l-għarfien tal-importanza tad-diversità kulturali u lingwistika fl-Ewropa, kif ukoll il-ħtieġa tal-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija u l-promozzjoni tal-edukazzjoni interkulturali;
- Jagħmel dispożizzjoni għal dawk l-istudenti bi bżonnijiet speċjali, u b'mod partikolari billi jgħin biex jippromwovi l-integrazzjoni tagħhom fl-edukazzjoni ogħla tal-*mainstream*, u jippromwovi l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd;

- Jippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jikkontribwixxi biex jikkumbatti l-forom kollha tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

6.2.1 OQSMA TEMATIĊI TA' STUDJU U L-ĦTIĠIJET TAR-REĠJUNI/PAJJIŻI

L-EMA2-FAXXA2 topera fl-oqsma kollha ta' studju. F'dan il-kuntest, il-proġetti huma mħeġġa ferm biex jimplimentaw l-attivitajiet li jkopru oqsma ta' studju u dixxiplini li huma identifikati fil-lott speċifiku tal-Linji Gwida rispettivi għas-Sejħa għall-proposti.

6.2.2 KRITERJI TA' ELIĠBBILTÀ

F'din is-sezzjoni ser issib ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ġenerali għas-sħubiji. Kwalunkwe rekwiżit speċifiku għal lott individwali għandu jiġi rrispettat fir-rigward tal-pajjiż eliġibbli, l-eliġibbiltà tas-sħubija, l-attivitajiet u t-tip ta' mobilità, ippubblikati fil-Linji Gwida rispettivi għas-Sejħa għall-Proposti.

Kull applikant jista' jissottometti biss proposta waħda għal kwalunkwe lott speċifiku. L-istess sħubija Ewropea tista' tissottometti proposti għal massimu ta' żewġ lottijiet, li kull wieħed minnhom għandu jintbagħat f'envelop separat.

6.2.2.a PARTEĊIPANTI ELIĠBBLI U L-KOMPOŻIZZJONI TAL-KONSORZJU

Kompożizzjoni tas-sħubija

Is-sħubija minima ser tkun komposta minn

- ✓ Ħames Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Ogħla (HEIs) fl-Ewropa, wara li jkunu ngħataw Karta tal-Erasmus minn mill-inqas tliet Stati Membri tal-Unjoni Ewropea flimkien ma'
- ✓ Mill-inqas tliet Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Ogħla li jkopru żewġ pajjiżi/territorji tal-lott korrispondenti jew aktar: l-informazzjoni dettaljata dwar ir-regoli applikabbli għal kull wieħed mill-lottijiet huma pprovduti fit-taqsimiet rispettivi tal-Linji Gwida annwali għas-Sejħa għall-proposti

Sabiex tiġi assicurata l-ġestjoni soda tas-sħubija mill-applikant, id-daqs massimu tas-sħubija huwa limitat għal 12-il imsieħba.

Applikanti / Istituzzjoni li Tikkoordina

L-applikanti għandhom:

1. Ikunu persuna legali ("entità legali");
2. Ikunu istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla. Sabiex ikunu eliġibbli bħala istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla, l-applikanti għandhom jipprovdu korsijiet fil-livell tal-istudju għall-ewwel degree, gradwat u/jew dottorali tal-edukazzjoni ogħla li jwasslu għal kwalifika rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż tagħhom stess; huma jistgħu jissejħu "Università" jew iġorru xi isem rilevanti ieħor (eż. "Politeknika", "Kulleġġ", "Istitut", eċċ.). Il-Ferġhat ta' l-HEIs tal-pajjiżi/territorji terzi lokalizzati f'Pajjiżi Ewropej jew ferġhat ta' HEIs Ewropej lokalizzati f'pajjiżi/territorji terzi mhumiex meqjusa bħala applikanti eliġibbli (ara d-definizzjoni ta' pajjiż Ewropew fis-sezzjoni "Definizzjonijiet u glossarju");
3. Ikunu rreġistrati fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
4. Ikunu direttament responsabbli għall-ġestjoni tal-attivitajiet mal-imsieħba tagħhom, li ma jaġixxux bħala intermedjarji;
5. Ikunu ngħataw Karta tal-Erasmus qabel id-data tal-pubblikazzjoni tas-Sejħa.

L-imsieħba

L-imsieħba għandhom:

1. Ikunu persuna legali ("entità legali");
2. Ikunu istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla. Sabiex ikunu eliġibbli bħala istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla, l-applikanti għandhom jipprovdu korsijiet fil-livell tal-istudju għall-ewwel degree, gradwat u/jew dottorali tal-edukazzjoni ogħla li jwasslu għal kwalifika rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż tagħhom stess; huma jistgħu jissejju "Università" jew iġorru xi isem rilevanti ieħor (eż. "Politeknika", "Kulleġġ", "Istitut", eċċ.). Il-Ferġhat ta' l-HEIs tal-pajjiżi/territorji terzi lokalizzati f'pajjiż eliġibbli jew ferġhat ta' HEIs Ewropej lokalizzati f'pajjiżi/territorji terzi mhumiex meqjusa bħala applikanti eliġibbli;
3. Ikunu rreġistrati f'wieħed mill-pajjiżi eliġibbli tas-Sejħa (ara d-definizzjoni ta' Ewropea u pajjiż-terz fit-taqsimha "Definizzjonijiet u glossarju").

Jekk jogħġbok innota li l-obbligu li jkunu fil-pussess ta' Karta ta' Erasmus ma japplikax għal universitajiet imsieħba ta' pajjiżi/territorji terzi. L-Aġenzija ser titlob lid-Delegazzjonijiet tal-UE biex jikkomunikaw mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż ikkonċernat sabiex jiġi assigurat li l-HEIs tal-pajjiżi terzi inklużi fil-konsorzju jikkorrespondu għad-definizzjoni ta' HEI mogħtija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Programm.

Membri assoċjati

Fl-azzjoni jistgħu jiġu involuti tipi oħrajn ta' organizzazzjonijiet mill-pajjiżi eliġibbli. Tali membri assoċjati jilagħbu rwol attiv fl-azzjoni, iżda dawn mhumiex benefiċjarji u ma jistgħux jirċievu finanzjament mill-għotja. Il-membri assoċjati mgħandhomx bżonn jilhqqu l-kriterji tal-eliġibbiltà meħtieġa mill-applikanti u l-imsieħba.

Il-membri assoċjati jridu jissemew fl-Applikazzjoni, u l-irwol li jilagħbu fil-kuntest tal-proġett propost għandu jiġi deskritt. F'każijiet speċifiċi, il-membri assoċjati jistgħu jkunu istituzzjoni li tospita, pereżempju jekk perjodu ta' apprendistat jiġi previst bħala parti mill-perjodu ta' studju.

Xi tipi ta' membri assoċjati li jistgħu jkunu partikolarment rilevanti għall-għanijiet u l-attivitajiet ta' dan il-programm huma: impriżi, kmamar tal-industrija u l-kummerċ, entitajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali, kif ukoll ċentri tar-riċerka, istituzzjonijiet reġjonali tal-edukazzjoni ogħla li ma jappartjenux għal xi sistema nazzjonali, iżda li huma formalment rikonoxxuti minn wieħed mill-pajjiżi eliġibbli.

Huwa mistenni li l-membri assoċjati jikkontribwixxu għat-trasferiment tal-għarfien u r-riżultati kif ukoll fil-proċess tal-innovazzjoni, filwaqt li jassistu fil-promozzjoni, l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-proġetti.

Studenti Ewropej

Sabiex ikunu eliġibbli, l-istudenti Ewropej li jkunu qegħdin jistudjaw għall-grad ta' Masters, kif ukoll il-kandidati fil-livell ta' dottorati u post-doratori, li ssir referenza għalihom bħala "Studenti Ewropej":

1. Għandhom ikunu ċittadini nazzjonali ta' Stat Membru tal-UE;
2. Għall-mobilità fil-grad ta' masters, għandhom ikunu kisbu l-ewwel degree fl-edukazzjoni ogħla jew f'livell ekwivalenti rikonoxxut ta' taġlim minn HEI tal-UE fi ħdan is-sħubija fis-sena akkademika li tikkoinċidi mal-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà tal-proġett; jew għandhom ikunu preżentament irreġistrati f'kors fil-livell ta' masters f'HEI li tkun membru tas-sħubija;
3. Għal mobilità dottorali, għandhom ikunu kisbu t-tieni degree fl-edukazzjoni ogħla jew f'livell ekwivalenti rikonoxxut ta' taġlim mill-HEI tal-UE fi ħdan is-sħubija fis-sena akkademika li tikkoinċidi

mal-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà tal-proġett; jew għandhom ikunu preżentament irreġistrati fi programm dottorali f'HEI fi ħdan is-sħubija;

4. Għal mobilità post-dottorali, għandhom ikunu kisbu d-dottorat tagħhom fl-aħħar sentejn u għandu jkollhom l-appoġġ ta' waħda mill-HEIs tal-UE fi ħdan is-sħubija biex ikunu jistgħu jwettqu l-mobilità post-dottorali. Dan jista' jkun għar-riċerka, it-taħriġ u l-attendenza ta' korsijiet speċjalizzati ħafna;
5. Għandu jkollhom biżżejjed għarfien tal-lingwa tal-korsijiet jew ta' waħda mil-lingwi li qegħdin jiġu mitkellma bħalissa fil-pajjiżi ospitanti.

Studenti minn pajjiżi terzi

Sabiex ikunu eliġibbli, l-istudenti minn pajjiżi/territorji terzi li jkunu qegħdin jistudjaw għall-grad ta' Masters u l-kandidati dottorali, li ssir referenza għalihom bħala "Studenti minn pajjiżi terzi":

1. Għandhom ikunu ċittadini nazzjonali ta' wieħed mill-pajjiżi/territorji koperti mil-lott rilevanti;
2. Għall-mobilità fil-grad ta' masters, għandhom ikunu kisbu l-ewwel degree fl-edukazzjoni ogħla jew f'livell ekwivalenti rikonoxxut ta' taġlim minn HEI ta' pajjiż/territorju terz fi ħdan is-sħubija fis-sena akkademika li tikkoinċidi mal-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà tal-proġett; jew għandhom ikunu preżentament irreġistrati f'kors fil-livell ta' masters f'HEI fi ħdan is-sħubija;
3. Għal mobilità dottorali, għandhom ikunu kisbu t-tieni degree fl-edukazzjoni ogħla jew f'livell ekwivalenti rikonoxxut ta' taġlim minn HEI ta' pajjiż/territorju terz fi ħdan is-sħubija fl-istess sena akkademika li tikkoinċidi mal-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà tal-proġett; jew għandhom ikunu preżentament irreġistrati fi programm dottorali f'HEI fi ħdan is-sħubija;
4. Għal mobilità post-dottorali, għandhom ikunu kisbu d-dottorat tagħhom fl-aħħar sentejn u għandu jkollhom l-appoġġ ta' waħda mill-HEIs ta' pajjiż/territorju terz fi ħdan is-sħubija biex ikunu jistgħu jwettqu l-mobilità post-dottorali. Dan jista' jkun għar-riċerka, it-taħriġ u l-attendenza ta' korsijiet speċjalizzati ħafna;
5. Għandu jkollhom biżżejjed għarfien tal-lingwa tal-korsijiet jew ta' waħda mil-lingwi li qegħdin jiġu mitkellma bħalissa fil-pajjiżi ospitanti.

Persunal akkademiku u amministrattiv

Sabiex ikunu eliġibbli, il-membri tal-persunal akkademiku u tal-edukazzjoni ogħla, li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom bħala "persunal":

1. Għandhom jaħdmu fi jew ikunu assoċjati ma' waħda mill-HEIs fi ħdan is-sħubija;
2. Għandhom ikunu ċittadini nazzjonali ta' Stat Membru tal-UE jew ta' wieħed mill-pajjiżi/territorji terzi koperti mil-lott rilevanti;
3. L-assenjamenti tal-mobilità għandhom ikunu bbażati fuq ftehimiet ta' sħubija bejn il-membri tas-sħubija;
4. L-universitajiet lokali u ospitanti u l-persunal individwali għandhom jaqblu dwar il-programm ta' lekċers li jridu jingħataw mill-għalliema viżitaturi, dwar l-attivitajiet ta' riċerka jew dwar it-tip ta' taħriġ li għandu jiġi segwit mill-persunal;
5. L-iskambju jista' jikkostitwixxi skambju ta' kariga għal kariga jew fluss ta' viżitaturi f'direzzjoni waħda lejn jew minn pajjiż terz.

6.2.2.b ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI

Il-proġett ser jinvolvi l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-mobilità tal-istudenti, ir-riċerkaturi u l-persunal, il-provvediment ta' edukazzjoni/taħriġ u servizzi oħrajn lil studenti barranin, kif ukoll il-provvediment ta' taġlim/taħriġ u assenjamenti ta' riċerka u servizzi oħrajn lil persunal mill-pajjiż/i kopert/i mill-proġett.

L-attivitajiet għandhom isiru f'wieħed mill-pajjiżi/territorji eliġibbli koperti mil-lott rispettiv għas-Sejħa u li jipparteċipaw fis-sħubija.

L-organizzazzjoni tal-mobilità, għandha tibda fl-istess sena tal-applikazzjoni. Is-sħubiji jistgħu jorganizzaw il-mobilità tal-istudenti f'diversi koorti skont l-iskeda ta' żmien li ġejja.

- **L-Ewwel koorti** - il-mobilità tista' tibda minn Settembru fis-sena "n". L-aħħar data għall-bidu ta' mobilità għandha tkun il-31 ta' Diċembru tas-sena "n +1". Kull mobilità għal żmien twil (jiġifieri 36 xahar) għandha tibda fl-ewwel koorti, sabiex jiġi żgurat li d-data ta' tmiem taqa' fil-perijodu eliġibbli.
- **It-Tieni koorti** - il-mobilità tista' tibda minn Settembru fis-sena "n +1". L-aħħar data għall-bidu ta' mobilità għandha tkun il-31 ta' Diċembru tas-sena "n +2".
- **It-Tielet koorti** - il-mobilità tista' tibda minn Settembru fis-sena "n +2". L-aħħar data għall-bidu ta' mobilità għandha tkun il-31 ta' Diċembru tas-sena "n +3".

Il-mobilità tal-persunal tista' tibda fi kwalunkwe żmien tul iż-żmien tal-proġett u għandha tintemm fil-perjodu tal-eliġibbiltà tal-proġett.

L-applikanti għandhom jinnotaw li jekk il-proposta tagħhom tiġi approvata, huma ser ikollhom bżonn jissottomettu lill-Aġenzija l-lista tal-istudenti u l-persunal attwali magħżul biex jibbenifikaw minn attività ta' mobilità, kif ukoll lista ta' riserva li tindika l-isem, is-sess, il-grupp fil-mira, in-nazzjonalità, l-istituzzjoni li tibgħat u li tospita, il-qasam ta' studju, it-tip ta' mobilità (ara s-sezzjoni "Mobilità individwali") u t-tul ta' żmien. Barra minn hekk, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar in-numru ta' applikazzjonijiet totali riċevuti għal kull tip ta' mobilità, pajjiż ta' oriġini u s-sess. Il-lista għal kull tip ta' mobilità għandha tiġi sottomessa 15-il ġurnata qabel il-bidu tal-ewwel mobilità ta' kull tip u lista kompleta tal-mobilitajiet kollha sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru tas-sena "n+1" għall-ewwel koort, tas-sena "n+2" għat-tieni koort u tas-sena "n+3" għat-tielet koort.

Il-proġett ser ikun kompost minn żewġ partijiet ewlenin:

- L-organizzazzjoni tal-mobilità;
- Il-mobilità individwali għall-istudenti u l-persunal.

L-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta' mobilità tinvolvi l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ottimali, permezz ta' miżuri ta' appoġġ ta' kwalità, għall-istudenti u l-persunal biex ikunu jistgħu jagħmlu perjodi ta' studju/apprendistat/tagħlim/riċerka/taħriġ f'universitajiet imsieħba f'pajjiżi parteċipanti oħrajn.

Sabiex torganizza l-mobilità, is-shubija għandha:

- Tfassal Memorandum ta' Fehim fost l-imsieħba bil-għan li tinkiseb ġestjoni soda tas-sħubija u jiġu indirizzati l-aspetti kollha marbuta mal-organizzazzjoni tal-iskema tal-mobilità. Il-Memorandum ta' Fehim għandu jstabbilixxi:
 - l-irwol tal-imsieħba u l-involvement individwali tagħhom fl-attivitajiet organizzattivi (attivitajiet ta' viżibiltà, strateġija ta' komunikazzjoni, attivitajiet akkademiċi ta' preparazzjoni, eċċ.);
 - il-proċeduri u l-kriterji għall-għażla tal-kandidati;

- definizzjoni tal-arranġamenti akkademiċi speċifiċi (eż. għall-istudenti: kriterji tal-eżaminazzjoni miftiehma, rikonossiment akkademiku tal-perjodi ta' studju barra l-pajjiż; għall-persunal: l-inklużjoni ta' korsijiet mgħallma fil-programm regolari tal-università li tospita; arranġamenti għall-valutazzjoni tal-istudenti u l-korsijiet, programmi ta' taħriġ eċċ.);
- arranġamenti finanzjarji ċari fost l-imsieħba rigward l-ispejjeż tal-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' boroż ta' studju.
- Tiżviluppa strateġija ċara ta' promozzjoni u viżibilità għas-sħubija, inkluża, b'mod partikolari, websajt iddedikata għas-sħubija, li tirreferi b'mod espliċitu għall-EMA2-FAXXA2 u li tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar is-sħubija mill-perspettiva akkademika, finanzjarja u amministrattiva. Din għandha tinkludi strateġija ta' networking solida li tilħaq kemm jista' jkun possibbli universitajiet fil-pajjiżi terzi kkonċernati;
- Iddaħħal fis-seħħ mekkaniżmu għall-għażla tal-istudenti, ir-riċerkaturi, il-persunal akkademiku u amministrattiv li jggarantixxi t-trasparenza tal-proċess tal-għażla u trattament ekwitabbli tal-applikazzjonijiet individwali;
- Tistabbilixxi proċeduri u kriterji għall-għażla tal-istudenti u persunal akkademiku u amministrattiv biex ikunu jistgħu jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-mobilità individwali. Is-sħubiji għandhom jggarantixxu tul ta' żmien minimu ta' mill-inqas 45 ġurnata wara t-tnedija tas-Sejħa għall-espressjoni ta' interess għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet tal-kandidati għall-boroż ta' studju tal-mobilità. Il-proċedura tal-applikazzjoni u d-data tal-għeluq għall-kandidati għandha tiġi ddisinjata b'tali mod li tipprovdi lill-kandidat bl-informazzjoni kollha meħtieġa minn qabel sew u b'biżżejjed żmien biex ikun jista' jipprepara u jissottometti l-applikazzjoni tiegħu;
- Tipprovdi appoġġ lingwistiku adegwat;
- Toffri l-faċilitajiet meħtieġa lill-istudenti (eż. uffiċċju internazzjonali, akkomodazzjoni, *coaching*, għajjnuna bil-visas u permessi tar-residenza eċċ.), inkluż, fejn ikun meħtieġ, servizzi għall-membri familjari tal-benefiċjarji u benefiċjarji bi bżonnijiet speċjali;
- Tkun daħħlet fis-seħħ skema ta' assigurazzjoni li tiggarrantixxi li l-istudenti jkunu koperti b'mod adegwat f'każ ta' inċident, korrimment, mard, eċċ. waqt li jipparteċipaw fl-EMA2 –FAXXA2;
- Tistabbilixxi ftehimiet ma' studenti fuq programm ta' ħidma individwali u fuq l-ammont ta' xogħol meħtieġ biex jgħaddu minn kwalunkwe eżamijiet jew forom oħrajn ta' valutazzjoni (jiġifieri ftehimiet ta' tagħlim);
- Tiffaċilita r-rikonossiment akkademiku tal-perjodi ta' studju, taħriġ, riċerka u tagħlim (permezz tal-ECTS – Sistema Ewropea għat-Trasferiment tal-Krediti jew sistemi kompatibbli oħrajn) bil-għan li tiffavorixxi l-ħolqien u/jew l-implimentazzjoni ta' Oqsma Komuni ta' Edukazzjoni oġhla. F'dan is-sens, huwa rekwiżit minimu għall-imsieħba kollha li jikkunsidraw il-perjodu ta' studju barra l-pajjiż bħala parti integrali mill-programm ta' studju. Rikonossiment akkademiku sħiħ ser jingħata mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla lokali għall-perjodu ta' studju (inklużi eżamijiet jew forom oħrajn ta' valutazzjoni) fl-HEI(s) li jospitaw. Fl-aħħar tal-perjodu ta' studju barra l-pajjiż, l-HEI li tospita ser tipprovdi lill-istudent li jidħol, kif ukoll lill-HEI li tibgħat bi traskrizzjoni tar-riżultati tal-istudju li tikkonferma li l-programm ġie kkompletat. L-għoti ta' suppliment tad-diploma huwa wkoll rakkomandat;
- Tfassal ftehimiet mal-akkademiċi dwar il-ħinijiet tal-lezzjonijiet li jridu jiġu mgħallma mill-akkademiċi viżitaturi, li għandhom jiformaw parti mill-korsijiet li jiġu vvalutati bħala parti minn degree/diploma offruta mill-istituzzjoni li tospita;

- Tipprevedi arranġamenti għall-monitoraġġ tal-istudenti li jispiċċaw;
- Tistabbilixxi mekkaniżmi ta' evalwazzjoni interna u valutazzjoni tal-kwalità;
- Tiżviluppa strateġija ta' sostenibbiltà billi tispjega b'liema mod dawn l-iskambji tal-mobilità jsaħħu r-rabtiet eżistenti ma' pajjiżi terzi, kif dawn jinkoraġġixxu l-fehim reċiproku, l-innovazzjoni u l-kwalità tal-edukazzjoni mal-pajjiżi terzi kkonċernati.

Mobilità tal-individwi

L-EMA2-FAXXA2 hija mmirata għal ċittadini tal-pajjiżi terzi kkonċernati skont il-lott ġeografiku li huma rreġistrati f'waħda mill-HEIs ta' pajjiżi terzi li huma membri tas-sħubija, u ċittadini ta' pajjiżi Ewropej li huma rreġistrati f'waħda mill-HEIs Ewropej li hija membru tas-sħubija.

Informazzjoni dettaljata dwar it-tip, id-distribuzzjoni u n-numru ta' flussi ta' mobilità eliġibbli dwar il-lottijiet speċifiċi hija pprovduta fis-sezzjonijiet rispettivi tal-Linji gwida annwali għas-Sejħa għall-proposti. Kull proposta se jkollha tkopri mill-inqas in-numru minimu ta' flussi tal-mobilità individwali u għandha tirrispetta l-perċentwal minimu u massimu għal kull tip ta' mobilità kif mitlub fil-Linji gwida annwali għas-Sejħa għall-proposti.

Il-mobilità tal-istudenti tista' tinkludi perjodu ta' apprendistat (massimu ta' 3 xhur) fl-istess pajjiż tal-imsieħba jew l-assoċjati tal-HEIs li jospitaw, diment li jkun ippreċedut minn perjodu minimu ta' studju barra l-pajjiż ta' sitt xhur u li jkun rikonoxxut bħala parti integrali mill-programm tal-istudenti. Għandu jintlaħaq qbil dwar l-apprendistat mill-imsieħba kollha kkonċernati u għandu jiġi assigurat monitoraġġ mill-qrib tal-istudenti.

L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla Ewropej huma rrakkomandati li jkunu konxji għal kollox tal-kundizzjonijiet speċifiċi f'kull wieħed mill-pajjiżi/territorji terzi kkonċernati qabel jiddeċiedu li jibagħtu studenti jew persunal akkademiku u li jsegwu l-pariri tal-Ministeri tal-Affarijiet Barranin tagħhom.

Il-mobilità tal-persunal għandha tikkontribwixxi biex issaħħaħ il-kapaċità tal-kooperazzjoni internazzjonali ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla fil-pajjiżi terzi.

Hija għandha timmira li tikkonsolida u testendi r-rabtiet bejn id-dipartimenti u l-fakultajiet u li tħejji għal proġetti ta' kooperazzjoni futura bejn l-universitajiet. Il-mobilità tal-persunal hija mistennija wkoll li ttejjeb l-applikazzjoni ta' ECTS jew ta' sistemi oħrajn għall-għarfien ta' studji fl-istituzzjoni msieħba.

Tul ta' żmien

It-tul ta' żmien ta' proġett jista' jvarja skont il-lott ikkonċernat iżda ma jstax jaqbeż it-tul ta' 48 xahar. Informazzjoni dettaljata ser tiġi pprovduta fil-Linji Gwida rispettivi għas-Sejħa għall-proposti.

Is-sħubija tista' tiddeċiedi fuq it-tul ta' żmien tal-attivitajiet tal-mobilità fi ħdan il-limiti stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt:

Tip ta' mobilità individwali	Studenti u persunal mis-sħubija	
	Imsieħba Ewropej	Imsieħba minn Pajjiżi / Territorji Terzi
Master	minn semestru akkademiku wieħed sa sena akkademika waħda (massimu ta' 10 xhur)	minn semestru akkademiku wieħed sa sentejn akkademiċi (massimu ta' 24 xahar)
Dottorat	6-36 xahar	
Post-dottorat	6-10 xhur	
Persunal	1-3 xhur	

6.2.3 KRITERJI TA' AĠĠUDIKAZZJONI

L-għażla tas-sħubiji ser tkun proċess kompetittiv organizzat mill-Aġenzija u bbażat fuq il-valutazzjoni tal-kwalità tal-proposta mill-perspettiva akkademika u organizzattiva. L-applikazzjonijiet kollha ser jgħaddu minn valutazzjonijiet minn esperti indipendenti esterni skont il-ħames kriterji ta' aġġudikazzjoni elenkati hawn taħt. Il-massimu li proposta tista' tikseb huwa ta' 100%. Fil-prinċipju, daww il-proposti li ma jilhqax il-limitu minimu tal-kwalità ta' 50% mhumiex ser jiġu kkunsidrati għall-finanzjament.

Kriterja	Koeffiċjent
1. Rilevanza	25%
2. Kontribut għall-eċċellenza	25%
3. Kwalità	50%
<i>3.1 Kompożizzjoni tas-sħubija u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni</i>	15%
<i>3.2 L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-mobilità</i>	20%
<i>3.3 Il-faċilitajiet tal-istudenti/tal-persunal u s-segwitu</i>	15%
Total	100%

1. Rilevanza (25% tal-marka finali)

Skont dan il-kriterju ta' aġġudikazzjoni, jeħtieġ li l-applikanti jiddikjaraw ir-relevanza tal-proposta tagħhom fir-rigward tal-għanijiet tal-programm EMA2-FAXXA2 (sezżjoni 6.2), u kif ir-riżultati mistennija jikkontribwixxu biex jissodisfaw ir-rekwiżiti definiti fil-Linji Gwida rispettivi għas-Sejħa għall-proposti.

2. Kontribut għall-eċċellenza (25% tal-marka finali)

Skont il-kriterju tal-aġġudikazzjoni, l-applikanti ser ikollhom bżonn jippreżentaw kif il-proposta tagħhom minn perspettiva akkademika u istituzzjonali għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi għall-eċċellenza, l-innovazzjoni permezz tat-trasferiment tal-konnoxxenza u l-għarfien.

3. Kwalità (50% tal-marka finali)

Skont dan il-kriterju, l-applikant jeħtieġ li jispjega l-miżuri mwettqa sabiex jassiguraw l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni kwalitattiva tal-mobilità. Dan il-kriterju ser jiffoka fuq l-għarfien espert tas-sħubija proposta biex jintlaħqu l-għanijiet tal-proġett, l-istrategġiji/il-proċeduri u l-attivitajiet sabiex jiġu organizzati u implimentati l-mobilità, is-servizzi u l-faċilitajiet offruti lill-istudenti rreġistrati, kif ukoll il-mod kif is-sħubija għandha l-ħsieb li tassigura l-parteciġazzjoni effiċjenti ta' dawn l-istudenti fl-iskema tal-mobilità.

3.1 Kompożizzjoni tas-sħubija u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni (15% tal-marka finali)

Taħt dan il-kriterju, l-applikanti jeħtieġu li jispjegaw mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, l-involvement ta' msieħba fil-proġett, il-kapaċità operattiva tagħhom u l-kompetenza tagħhom sabiex jintlaħqu l-oġġettiv tal-proġett

3.2 L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-mobilità (20% tal-marka finali)

Taħt dan il-kriterju l-applikanti jeħtieġu jiffokaw fuq il-mod li s-sħubija għandha l-intenzjoni li tmexxi l-mobilità sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti u effikaċi tagħha. L-applikanti għandhom jipprovdu miżuri konkreti biex jattiraw in-numru xieraq ta' studenti u persunal, il-metodoloġija biex jiġi żgurat proċess ta' għażla imparzjali u trasparenti, mekkaniżmi miftiehma biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent tal-perjodu ta' studju barra, strategġija ta' evalwazzjoni, miżuri u strategġiji biex tiżgura s-sostenibbiltà eċċ

3.3 *Faċilitajiet għall-istudenti / persunal u s-segwitu (15% tal-marka finali)*

Taħt dan il-kriterju sejra tingħata attenzjoni partikolari għas-servizzi u għall-faċilitajiet offruti lill-istudenti rreġistrati kif ukoll għall-mod kif is-sħubija għandha l-intenzjoni li tiżgura l-parteċipazzjoni effiċjenti ta' dawn l-istudenti fl-attivitajiet ta' sħubija

Wara l-evalwazzjoni u għal kull wieħed mil-lottijiet ġeografiċi, ser tiġi stabbilita lista bl-aqwa proposti. Fi ħdan l-envelop finanzjarju disponibbli, ser tiġi stabbilita l-lista ta' proġett(i) magħżul(a) għal kull lott ġeografiku, kif ukoll lista ta' riserva (jekk applikabbli).

6.3 KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI

L-għotja mogħtija tista' tintuża biex tkopri l-ispejjeż imġarrba għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet eliġibbli kif deskritti taħt is-sezzjoni 6.1.2.b u 6.2.2.b

L-organizzazzjoni tal-mobilità

Il-parti tal-għotja mogħtija biex tkopri l-ispejjeż imġarrba mill-HEIs għall-organizzazzjoni tal-mobilità ser tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-ammonti tas-somma globali. L-ammont ta' din is-somma globali ser jikkorrespondi għal **EUR 10 000** għal kull istituzzjoni fi ħdan is-sħubija għat-tul kollu tal-proġett.

Boroż ta' studju individwali

L-appoġġ tal-UE għall-mobilità individwali għall-istudenti u l-persunal ser jikkontribwixxi biex ikopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż tas-sussistenza, l-ispejjeż tal-assigurazzjoni u l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni għall-istudenti u l-persunal mobbli.

L-ammont tal-għotja allokata għall-kopertura ta' dawn l-ispejjeż ser jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-ispejjeż għal kull unità deskritti fid-dettall fit-tabelli ta' hawn taħt.

Spejjeż ta' koordinazzjoni konġunta

Parti speċifika tal-għotja mogħtija sejra tintuża biex tkopri l-ispejjeż għall-koordinazzjoni konġunta: din is-somma f'daqqa tikkorrispondi għal EUR 10 000 u tkopri t-tul kollu tal-proġett.

Spejjeż tal-ivvjaġġar

HEIs parteċipanti għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ivvjaġġar imġarrba mill-istudenti u l-persunal parteċipanti fil-mobilità.

Sabiex tkopri spejjeż ta' vjaġġar għall-istudenti u l-persunal parteċipanti fil-mobilità sejra tingħata spiża ta' unità. L-ispejjeż ta' unità li ġejjin huma applikati għall-biljetti bir-ritorn għad-distanza diretta/lineari ("f'linja dritta")⁶⁶:

- Għall-Grupp Fil-Mira 1 (EMA2-STRAND1 u EMA2-STRAND2) fuq naħa waħda l-lokazzjoni tal-HEI li qed tibgħat u fuq in-naħa l-oħra, il-post tal-HEI li qed tospita;
- Għall-Grupp fil-Mira 2 (EMA2-STRAND1), fuq naħa waħda l-post tal-oriġini tal-istudent / persunal u fuq in-naħa l-oħra il-post tal-HEI li qed tospita;
- Għall-Grupp fil-Mira 3 (EMA2-STRAND1) il-lok ta' residenza tal-istudent u fuq in-naħa l-oħra il-post tal-HEI li qed tospita.

⁶⁶ Għal aktar informazzjoni irreferi għal: www.mapcrow.info

Distanza (km)	Ammont fiss (€)
< 500	250
500– 1 000	500
>1 000– 1 500	750
>1 500 – 2 500	1 000
>2 500 – 5 000	1 500
>5 000 – 10 000	2 000
>10 000	2 500

Spejjeż tas-sussistenza

L-HEIs li jipparteċipaw għandhom jipprovdu t-totalità tal-allokazzjoni tas-sussistenza speċifikata fit-tabella rikapitulattiva ta' hawn taħt lill-istudenti/persunal viżitaturi. Parti minnha għandha tiġi pprovduta mal-wasla biex tkopri l-ispejjeż tal-installazzjoni, waqt li l-parti li jifdal għandha tiġi pprovduta fuq bażi regolari.

Spejjeż tal-parteċipazzjoni

HEIs Parteċipanti jridu jkopru l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni relatati għall-istudenti kollha/ persunal kollu indipendentement mit-tul tal-mobilità. L-ispejjeż tal-parteċipazzjoni jistgħu jkopru tagħlim u/jew ħlas ta' reġistrazzjoni, librerija addizzjonali, unjins tal-istudenti, spejjeż tal-affarijiet li jikkunsmaw ruħhom tal-laboratorji, permess ta' residenza, spejjeż ta' korsijiet tal-lingwi eċċ fuq bażi ugwali għal dak impost għal studenti lokali u internazzjonali. L-HEIs parteċipanti għandhom japplikaw politika rinunzja ta' miżata għal mobilità ta' inqas minn 10 xhur. Studenti minn HEIs imsieħba ser ikomplu jħallsu l-miżati tat-tagħlim u/jew tar-reġistrazzjoni tagħhom fl-HEI tal-orijini tagħhom, iżda l-HEI li tospita għandha tapplika politika ta' rinunzja ta' miżati Sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni doppja tal-miżati, f'dawk il-każijiet fejn l-HEI li tospita tirrikjedi l-ħlas tal-miżati għar-reġistrazzjoni/għat-tagħlim, l-istudenti mgħandhomx jiġu ddebitati l-istess miżati mill-HEIs tal-orijini. Miżati ma jistgħux jiġu addebitati għal mobilità ta' post-dottorat għal skopijiet ta' riċerka. Miżati li jikkonċernaw l-istudji post-dottorat għandhom jiġu ġġustifikati fid-dettall fl-applikazzjoni.

Sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni għall-istudenti li deħlin sejjer jingħata ammont unitarju ta' EUR 3 000 għall-istudenti u ta' EUR 5 000 għal studji post-dottorat speċjalizzati. Dawn l-ispejjeż jingħataw biss għall-mobilitajiet ta' minimu ta' 10 xhur.

L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla parteċipanti ma jistgħu, taħt l-ebda ċirkostanza, jitolbu spejjeż għall-parteċipazzjoni mingħand l-istudenti viżitaturi li jaqbu l-ammonti indikati fil-paragrafu preċedenti jew iżommu l-finanzjament previst bħala allokazzjoni tas-sussistenza biex tkopri dawn l-ispejjeż.

Spejjeż tal-assigurazzjoni

L-HEIs parteċipanti għandhom jieħdu kopertura⁶⁷ ta' assicurazzjoni sħiħa (tas-saħħa, tal-ivvjaġġar, f'każ ta' inċident) biex tkopri l-istudenti li jidħlu u l-persunal li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-mobilità individwali.

Sabiex ikopru l-ispejjeż ta' assicurazzjoni, sejjer jingħata ammont unitarju ta' EUR 75 għal kull xahar għall-istudenti u l-persunal parteċipanti fl-attivitajiet ta' mobilità.

⁶⁷ Ara r-rekwiżiti minimi għal kopertura ta' assicurazzjoni fuq il-websajt tal-Erasmus Mundus.

Spejjeż tal-visa

HEIs parteċipanti għandhom ikopru l-ispejjeż relatati mal-visa għall-istudenti u għall-persunal li jipparteċipaw fil-mobbiltà individwali.

Sabiex titħaffef u tiġi ffaċilitata l-proċedura għall-ksib tal-visa għall-istudenti u l-persunal magħżula, is-sħubiji magħżula huma rakkomandati ħafna li jikkuntattjaw u jikkollaboraw mad-Delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi terzi/territorji terzi, kif ukoll mal-Konsulati u l-Ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE fil-pajjiżi kkonċernati hekk kif dawn jirċievu l-konferma uffiċjali li jkunu ntgħażlu.

L-HEI parteċipanti ma jistgħu taħt ebda ċirkostanza jitolbu spejjeż tal-visa minn studenti li jkunu qegħdin iżuru jew iżommu l-finanzjament previst bħala konċessjoni ta' sussistenza biex ikopru dawn l-ispejjeż.

Is-sħubiji għandhom ikunu konxji tal-politiki ta' tassazzjoni applikati għall-boroż ta' studju individwali fil-pajjiżi parteċipanti differenti u għandhom jinformat lid-detenturi ta' boroż ta' studju bix-xieraq. Għal aktar informazzjoni, is-sħubiji huma mistiedna jikkonsultaw l-Istruttura Nazzjonali ta' Erasmus Mundus ikkonċernata (ara l-lista taħt il-Kapitolu 8).

Għal aktar informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-borża ta' studju, jekk jogħġbok irreferi għall-Manwal Finanzjarju u Amministrattiv tal-EM ippublikat fuq il-websajt tal-EACEA.

Tip ta' mobiltà	Allokazzjoni ta' sussistenza kull xahar	Tul ta' żmien	Spejjeż tal-Parteċipazzjoni	Assigurazzjoni	Ammont massimu (eskluż l-ispejjeż tal-ivvjaġġar)
STUDJU GĦALL-EWWEL DEGREE	EMA2-FAXXA1 (Grupp fil-Mira 1)				
	€ 1 000 fix-xahar	1 semestru akkademiku-10 xhur ⁶⁸	€ 3 000 għal mobiltà ta' minimu ta' 10 xhur	€ 75 fix-xahar	€ 13 750
	EMA2-FAXXA1 (Grupp fil-Mira 3)				
	€ 1 000 fix-xahar	1 semestru akkademiku - 36 xahar	€ 3 000 għal mobiltà ta' minimu ta' 10 xhur	€ 75 fix-xahar	€ 47 700
MASTERS	EMA2-FAXXA1 (Grupp fil-Mira 1) u EMA2-FAXXA2				
	€ 1 000 fix-xahar	1 semestru akkademiku - 10 xhur għall-Ewropej	€ 3 000 għal mobiltà ta' minimu ta' 10 xhur	€ 75 fix-xahar	€ 13 750
		1 semestru akkademiku - 24 xahar għal ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi	€ 3 000 għal mobiltà ta' minimu ta' 10 xhur		€ 31.800
	EMA2-FAXXA1 (Gruppi fil-Mira 2 u 3)				
€ 1 000 fix-xahar	6-24 xahar	€ 3 000 għal mobiltà ta' minimu ta' 10 xhur	€ 75 fix-xahar	€ 31.800	

⁶⁸ Għal dawk li qegħdin jistudjaw għall-ewwel degree u fil-livell ta' Masters, il-mobiltà ta' tul ta' żmien iqsar hija permessa f'każijiet debitament ġustifikati u soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-Aġenzija.

DOTTORAT	EMA2-FAXXA1 (Il-gruppi fil-mira kollha) u EMA2-FAXXA2				
	€ 1 500 fix-xahar	6-36 xahar	€ 3 000 għal mobbiltà ta' minimu ta' 10 xhur	€ 75 fix-xahar	€ 65.700
POST-DOTTORAT	EMA2-FAXXA1 (Il-gruppi fil-mira kollha) u EMA2-FAXXA2				
	€ 1 800 fix-xahar	6-10 xhur	Ebda spiża unitarja għall-attivitajiet ta' riċerka € 5 000 għal kull sena akkademika għal studji post-dottorali speċjalizzati (li jridu jiġu deskritti fl-applikazzjoni)	€ 75 fix-xahar	€ 23 750
PERSUNAL	EMA2-FAXXA1 (Gruppi fil-Mira 1 u 2) u EMA2-FAXXA2				
	€ 2 500 fix-xahar	1-3 xhur	Mhux applikabbli	€ 75 fix-xahar	€ 7 725

6.4 KUNDIZZJONIJIET KUNTRATTWALI

“Ftehim ta’ għotja”

Jekk tintgħażel il-proposta tal-EMA2, l-Aġenzija ser toħroġ ftehim ta’ għotja, imfassal fil-munita euro u li jiddeskrivi l-kundizzjonijiet u l-kontribuzzjoni finanzjarja fid-dettall. Il-ftehim ta’ għotja ser ikopri l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-organizzazzjoni tal-iskema tal-mobilità, kif ukoll il-boroż ta’ studju individwali allokatu għall-istudenti u l-persunal. Dan il-ftehim ta’ għotja ser jiġi ffirmat bejn l-Aġenzija u l-benefiċjarju u t-tul ta’ żmien tiegħu ser ivarja sa 48 xahar.

Kwalunkwe modifikazzjoni fil-ftehim ta’ għotja għandha tintalab bil-miktub u tiġi approvata mill-Aġenzija. It-tipi ta’ modifikazzjonijiet u l-modalitajiet tal-implimentazzjoni tagħhom huma speċifikati fil-manwal Amministrattiv u Finanzjarju, li huwa anness mal-ftehim ta’ għotja.

“Ħlas tal-għotja”

Il-Benefiċjarju ser jirċievi ħlasijiet ta’ finanzjament minn qabel f’diversi pagamenti (ħlas bin-nifs), normalment b’konformità mal-iskeda taż-żmien ta’ hawn taħt.

Sena “n”	Sena “n+1”	Sena “n+2”
L-ewwel finanzjament minn qabel	It-tieni finanzjament minn qabel	It-tielet finanzjament minn qabel
50% tal-għotja	30% tal-għotja	20% tal-għotja

L-ewwel ħlas ta’ finanzjament minn qabel ser isir fi żmien 45 ġurnata mid-data tal-iffirmar tal-ftehim ta’ għotja mill-Aġenzija.

Il-ħlasijiet sussegwenti ta’ finanzjament minn qabel jistgħu jsiru mas-sottomissjoni mill-Benefiċjarju u l-approvazzjoni mill-Aġenzija ta’ rapport tal-Progress u lista tal-mobilità u talba għall-ħlas li turi li mill-inqas 70% tal-ammonti tal-finanzjament minn qabel diġà mħallsa mill-Aġenzija kienu ntefqu mis-sħubija.

L-Aġenzija ser tikkalkula l-ammont tal-għotja finali fuq il-bażi tar-rapport finali u lista tal-mobilità sottomessi mat-tlestija tal-proġett. Dan l-ammont ser ikun ibbażat fuq kalkolazzjoni li tuża somom f’daqqa u ammonti ta’ spejjeż għal kull unità speċifikati fil-kundizzjonijiet finanzjarji (ara s-sezzjoni 6.3).

“Memorandum ta’ Fehim”

Ir-rappreżentanti legali u/jew ir-rappreżentanti maħtura tagħhom tal-istituzzjonijiet kollha involuti fis-sħubija għandhom jiffirmaw Memorandum ta’ Fehim sabiex jassiguraw l-impenn istituzzjonali xieraq tal-HEIs li jipparteċipaw fis-sħubija. Dan il-ftehim ser ikollu jkopri bl-aktar mod preċiż possibbli l-aspetti akkademiċi, amministrattivi u finanzjarji kollha relatati mal-implimentazzjoni, il-ġestjoni, proċeduri ta’ proċess ta’ għażla, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet, inkluża l-ġestjoni ta’ boroż ta’ studju individwali.

“Ftehim tal-Istudenti”

Hija r-responsabbiltà tas-sħubija li tassigura l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti kollha fl-attivitajiet tas-sħubija. Sabiex jiggwarantixxu t-trasparenza adegwata tar-regoli tal-parteċipazzjoni tal-EMA2, is-sħubiji huma mitluba li jiddefinixxu b’mod ċar l-obbligi u d-drittijiet tal-istudenti fi Ftehim tal-Istudenti li għandu jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet fil-bidu tal-programm. Dan il-ftehim għandu jiddefinixxi bl-aktar mod preċiż possibbli d-drittijiet u l-obbligi taż-żewġ partijiet u jkopri kwistjonijiet bħal:

- L-ispejjeż tal-parteċipazzjoni ddebitati lill-istudent, dak li jkopru u (jekk ikun rilevanti) dak li ma jkoprox.
- L-avvenimenti ewlenin fil-kalendarju tal-kors, flimkien mal-perjodi tal-eżamijiet.
- L-obbligi tal-istudenti f’dak li għandu x’jaqsam mal-attendenza tagħhom għall-kors/attivitajiet u l-prestazzjoni akkademika, kif ukoll il-konsegwenzi li persuna jkollha tiffaċċja jekk tonqos milli tirispetta dawn l-obbligi.

“Ftehim ta’ Tagħlim”

Hija r-responsabbiltà tas-sħubija li tiżgura l-għarfien tal-istudji speċjalment ir-rikonoxximent tal-perjodu ta’ studju barra l-pajjiż. F’dan il-kuntest, il-ftehim ta’ tagħlim u t-traskrizzjoni tar-reġistri għandhom ikunu d-dokumenti bażiċi li jiżguraw l-għarfien mill-istituzzjoni domestika tal-perjodu ta’ studju barra mill-pajjiż, li tirreferi għal Supplement tad-Diploma, jekk ikun xieraq. Il-ftehim ta’ tagħlim għandu jiġi ffirmat mill-awtoritajiet lokali xierqa, HEIs ospitanti u l-istudent qabel tibda l-mobilità . Kull bidla għandha tiġi miftehma mit-tliet partijiet kollha involuti.

Il-mudell tal-*Ftehim ta’ Għotja* kif ukoll l-annessi, huma disponibbli fuq il-websajt ta’ Erasmus Mundus: http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/beneficiaries/beneficiaries_action_2_en.php

6.5 PROĊEDURA TA’ GĦAŻLA U SKEDA INDIKATTIVA

Il-proposti magħżula ser ikunu suġġetti għal analiżi finanzjarja, li b’konnessjoni magħha l-persuni responsabbli għall-azzjonijiet proposti jistgħu jintalbu jipprovdu informazzjoni addizzjonali.

Skeda Indikattiva

L-applikanti għandhom jinnotaw li l-iskeda li ġejja hija pprovduta għal skopijiet ta’ informazzjoni biss u tista’ tinbidel fil-kuntest tas-Sejħa annwali għall-Proposti:

- 1) **Diċembru “sena n-1”**: il-pubblikazzjoni tas-Sejħa annwali għall-Proposti (inkluża informazzjoni dwar il-forma li trid tintuża u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra applikabbli għas-sena tal-għażla kkonċernata).
- 2) **April “sena n”**: Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-proposti.
- 3) **Mejju – Ġunju “sena n”**: il-valutazzjoni u l-għażla tal-proposti.

- 4) **Lulju "sena n"**: deċiżjoni dwar l-aġġudikazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-għażla
- 5) **Lulju "sena n" sa Settembru "sena n"**: l-iffirmar tal-ftehim tal-għotja mas-sħubija.
- 6) **Settembru "sena n" sal-31 ta' Diċembru "sena n+1"**: il-bidu tal-ewwel koort tal-mobilità għall-istudenti.
- 7) **Settembru "sena n+1" sal-31 ta' Diċembru "sena n+2"**: il-bidu ta' t-tieni koort tal-mobilità għall-istudenti.
- 8) **Settembru "sena n+2" sal-31 ta' Diċembru "sena n+3"**: il-bidu ta' t-tielet koort tal-mobilità għall-istudenti.
- 9) **Settembru "sena n" sal-aħħar tal-proġett**: il-bidu possibbli tal-mobilità għall-persunal akkademiku u amministrattiv.
- 10) **Settembru "sena n+1", Settembru "sena+2", Settembru "sena+3" "** l-aħħar data biex jintbagħtu l-listi tal-mobilità kompleti għal kull tip ta' mobilità lill-Aġenzija (għal kull koort tal-istudenti).

7. AZZZJONI 3: PROĠETTI TA' PROMOZZJONI TA' ERASMUS MUNDUS

7.1 INTRODUEZZJONI

L-Azzjoni 3 tipprovdi appoġġ għal inizjattivi transnazzjonali, studji, proġetti, avvenimenti u attivitajiet oħrajn immirati biex itejbu l-attrazzjoni, il-profil, l-immaġini u l-viżibilità ta', u l-aċċessibilità għall-edukazzjoni ogħla Ewropea fid-dinja. Il-proġetti tal-Azzjoni 3 għandhom jikkontribwixxu għal⁶⁹:

- il-promozzjoni u t-tqajjim ta' kuxjenza tas-settur tal-edukazzjoni ogħla Ewropea, kif ukoll il-programmi ta' kooperazzjoni u l-iskemi ta' finanzjament rilevanti;
- id-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programm u l-eżempji ta' prattika tajba;
- l-aħjar użu u l-integrazzjoni ta' dawn ir-riżultati f'livell istituzzjonali u individwali.

Taħt l-ewwel fażi tal-Programm, din l-azzjoni (ex-Azzjoni 4) appoġġjat attivitajiet ta' interess partikolari għall-proċess tar-riforma li għaddej bħalissa fil-Qasam tal-Edukazzjoni Ogħla Ewropea. Intgħażlu aktar minn 50 proġett żgħar sa daqs medju skont is-sejħiet annwali għall-proposti li jkopru oqsma bħall-assigurazzjoni tal-kwalità, ir-rikonoxximent tal-krediti u l-kwalifiki, il-promozzjoni tad-dixxiplini akkademiċi jew iż-żoni ġeografiki, l-appoġġ għall-mobilità internazzjonali, eċċ. Il-finanzjament ġie pprovdut ukoll lil istituzzjonijiet minn pajjiżi terzi għall-estensjoni tan-Netzwerke Tematiċi ta' Erasmus Mundus. L-informazzjoni dwar il-proġetti appoġġjati kollha taħt l-ex-Azzjoni 4 u l-Azzjoni 3 attwali hija disponibbli fuq: http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/results_compendia/selected_projects_promote_ehe_en.php

Barra minn hekk, proġetti oħrajn kienu appoġġjati permezz ta' Sejhhiet għal Offerti sabiex jirrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi relatati mal-għan ġenerali li jagħmlu l-Qasam tal-Edukazzjoni Ogħla Ewropea aktar attraenti, viżibbli u trasparenti madwar id-dinja, eż.:

- *Perċezzjonijiet tal-Edukazzjoni Ogħla Ewropea fil-pajjiżi terzi* (<http://ec.europa.eu/education/programmes/mundus/doc/acareport.pdf>)
- *L-Assoċjazzjoni tal-Istudjanti u l-Alumni ta' Erasmus Mundus (EMA)* (<http://www.em-a.eu>)
- *Proġett ta' Promozzjoni Globali (GPP) ta' Erasmus Mundus / "Studju fl-Ewropa"*
 - Portal tal-internet (ara <http://ec.europa.eu/education/study-in-europe>)
 - Tool-Kit ta' Komunikazzjoni għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla Ewropea (http://ec.europa.eu/education/programmes/mundus/doc/toolkit_en.pdf)

Għat-tieni fażi tal-programm, il-proġetti tal-Azzjoni 3 tqassmu f'5 kategoriji:

	<i>Kategorija ta' proġetti</i>	<i>Metodu ta' implimentazzjoni</i>
1	Proġetti maħsuba biex itejbu l-attraenza tal-HE Ewropej; Internazzjonalizzazzjoni tan-Netzwerke Tematiċi ta' ERASMUS.	Sejħiet għall-proposti ⁷⁰
2	Raggruppar tal-proġetti eżistenti ta' Erasmus Mundus	Sejħiet għall-offerti
3	Attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni tal-Istrutturi Nazzjonali ta' Erasmus Mundus	Sejħiet għall-proposti ristretti indirizzati b' mod esklussiv lill-Istrutturi Nazzjonali ta' Erasmus Mundus.
4	Servizzi pprovduti lill-Assoċjazzjoni tal-Istudjanti u l-Alumni ta' Erasmus Mundus (EMA)	Sejħa għall-offerti li tirriżulta f'kuntratt ta' qafas.
5	Proġetti oħrajn bħal: studji u attivitajiet oħrajn ta' promozzjoni	Sejħiet għall-offerti

⁶⁹ Ara l-Kapitolu 2 għad-definizzjonijiet tal-kliem fil-korsiv.

⁷⁰ Iż-żmien magħżul għal dawn is-sejħiet ser jiddependi fuq il-prijoritajiet u l-attivitajiet definiti mill-Kummissjoni fil-programm ta' ħidma annwali tagħha.

Is-sezzjonijiet li ġejjin tal-Gwida tal-Programm japplikaw BISS għal proġetti li jaqgħu taħt l-ewwel kategorija.

7.2 KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni u l-kriterji formali l-oħrajn kollha ta' eliġibbiltà speċifikati fil-formola tal-applikazzjoni għandhom jiġu rrispettati.

7.2.1 PARTEĊPANTI ELIĠIBBLI

Benefiċjarji eliġibbli / organizzazzjonijiet parteċipanti:

- L-istituzzjoni applikanta/li tikkoordina għandha tiġi minn pajjiż **Ewropew**⁷¹;
- In-Networks ta' HEIs ser jitqiesu bħala organizzazzjoni parteċipanta waħda;
- L-organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli jinkludu:
 - Istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla (HEIs) mill-pajjiżi kollha tad-dinja;
 - Konsorzji tal-Erasmus Mundus;
 - Korpi pubbliċi jew privati attivi fil-qasam tal-edukazzjoni oġhla mill-pajjiżi kollha tad-dinja;
 - Networks Tematiċi ta' Erasmus magħżula taħt il-faxxa tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja ta' Erasmus (dawn ser jitqiesu bħala organizzazzjoni parteċipanta waħda).

L-organizzazzjonijiet nazzjonali li jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala Strutturi Nazzjonali ta' Erasmus Mundus mhumiex eliġibbli biex jipparteċipaw fil-proġetti ta' attraenza tal-Azzjoni 3.

Kompożizzjoni ta' sħubija minima:

Is-sħubija minima hija komposta minn:

- għat-*Titjib tal-proġetti ta' attraenza/promozzjoni*, daww l-organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli li jkunu minn mill-inqas tliet pajjiżi applikanti eliġibbli⁷² u minn mill-inqas pajjiż terz wieħed;
- għall-*Internazzjonalizzazzjoni tan-Networks Tematiċi ta' Erasmus*, in-Network u 15-il organizzazzjoni parteċipanti eliġibbli li jirrappreżentaw mill-inqas 10 pajjiżi terzi differenti.

7.2.2 ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI

L-attivitajiet tal-Azzjoni 3 jistgħu jsiru fi kwalunkwe post fid-dinja.

Bħala regola ġenerali, il-proġetti tal-Azzjoni 3 għandhom:

- ikollhom dimensjoni Ewropea ċara u ambitu ġeografiku wiesa';
- ikollhom dimensjoni internazzjonali (ta' pajjiżi terzi) ċara;
- jikkontribwixxu għat-trawwim tad-djalogo interkulturali u l-fehim reċiproku bejn il-kulturi;
- jassiguraw li ma jikkoinċidux ma' programmi tal-UE oħrajn fil-qasam tal-edukazzjoni oġhla; daww il-proġetti li jaqgħu primarjament fi ħdan l-ambitu ta' programmi tal-UE oħrajn (eż. it-Tagħlim Tul il-

⁷¹ Ara d-definizzjoni ta' "pajjiż Ewropew" fis-Sezzjoni 2 "Definizzjonijiet u Glossarju".

⁷² L-applikanti għandhom jinnotaw li jekk is-sħubija minima tal-proġett tinvolti istituzzjoni minn pajjiż li mhuwiex Stat Membru tal-UE u jekk dak il-pajjiż ma jkunx issieħeb uffiċjalment fil-programm sad-data tal-għeluq għall-applikazzjoni, l-applikazzjoni ssir ineliġibbli. Sakemm jidħol fis-seħħ il-fehim li jstabbilixxi l-parteeipazzjoni tagħhom, huwa għalhekk irrakkomandat li jiġu inklużi istituzzjonijiet minn daww il-pajjiżi bħala msieħba addizzjonali għall-isħubija minima tal-proġett.

Ħajja, Tempus, Iż-Żgħażaġħ fl-Azzjoni (Youth in Action), Ċittadini għall-Ewropa (Citizens for Europe), eċċ.) mhumiex ser jiġu ffinanzjati;

- ikollhom miri ċari li jwieġbu għall-ħtiġijiet murija, għal riżultati definiti b'mod ċar u għar-riżultati mistennija, filwaqt li jinkludu pjan biex jassiguraw is-sostenibbiltà tal-proġett u r-riżultati tiegħu 'lil hinn mill-perjodu ta' finanzjament;
- idumu għaddejnin bejn 12 u 36 xahar u jibdew l-attivitajiet tagħhom fis-sena tal-applikazzjoni. Huwa biss fejn ikun hemm raġunijiet debitament ġustifikati, mhux magħrufa mill-applikant fil-ħin tal-applikazzjoni u formalment approvati bil-quddiem mill-Aġenzija, li t-tul ta' żmien massimu jista' jiġi estiż b'perjodu massimu addizzjonali ta' 12-il xahar.

It-tipi ta' proġetti li ġejjin mhumiex eliġibbli:

- proġetti li jittrattaw ma' kampanji ta' informazzjoni għal programmi konġunti individwali ta' Erasmus Mundus;
- proġetti li jimmiraw lejn l-iżvilupp ta' programmi konġunti ġodda ta' Erasmus Mundus;
- proġetti li jfittxu li jipromwovu universitajiet waħdanin / l-Istrutturi Nazzjonali ta' Erasmus Mundus.

Eżempji ta' attivitajiet u proġetti eliġibbli:

- proġetti relatati ma' pajjiżi jew gruppi ta' pajjiżi li għandhom flussi ta' studenti internazzjonali;
- proġetti li jimmiraw lejn l-iżvilupp ta' għodod ta' informazzjoni u komunikazzjoni ddisinjati biex iżidu l-viżibiltà tal-edukazzjoni ogħla Ewropea fuq livell internazzjonali;
- appoġġ għal avvenimenti, kampanji jew road shows biex ixerrdu u jagħmlu l-aħjar użu mir-riżultati, filwaqt li jlaqqgħu l-proġetti mal-utenti potenzjali minn pajjiżi terzi b'enfasi partikolari fuq il-promozzjoni tal-Edukazzjoni Ogħla Ewropea;
- proġetti ddisinjati biex itejbu l-aċċessibbiltà tal-Edukazzjoni Ogħla Ewropea, biex jiffaċilitaw il-mobilità lejn l-Ewropa għall-istudenti minn pajjiżi terzi, jew biex itejbu s-servizzi relatati mal-istudenti barranin;
- l-iżvilupp ta' kits ta' informazzjoni jew strumenti innovattivi dwar it-temi li ġejjin:
 - aċċess għal HEIs Ewropej u għal pajjiżi Ewropej: kwistjonijiet fuq visas ta' studju, livelli ta' dħul fl-università, ir-rikonoxximent ta' degrees u kwalifiki;
 - it-titjib tal-kwalità tas-servizzi pprovduti lil studenti u kandidati dottoralni, bħal konsulenza u gwida akkademika, l-iffaċilitar tal-mobilità fl-Ewropa u faċilitajiet loġistiċi (akkomodazzjoni, assigurazzjoni, permessi ta' viża/residenza);
 - metodi mmirati biex jintegraw lill-istudenti minn sfondi kulturali u reliġjużi differenti: id-disinjar ta' materjal għal tħejjija kulturali, servizzi ta' konsulenza, materjal għal tħejjija lingwistika;
- avvenimenti ta' informazzjoni, promozzjoni u/jew disseminazzjoni (seminars, workshops, konferenzi, eċċ.) dwar pereżempju:
 - il-possibiltajiet li joffri l-programm għal studenti Ewropej u mhux Ewropej u l-kandidati għal dottorati;
 - ir-rikonoxximent ta' kwalifiki Ewropej barra mill-Ewropa;
 - ir-rikonoxximent fl-Ewropa ta' kwalifiki miksuba f'pajjiżi terzi;
 - l-użu tal-*Qafas Ewropew tal-Kwalifiki*, ECTS, is-Suppliment tad-Diploma, eċċ.;
 - il-programm Erasmus Mundus u r-riżultati tiegħu;

- strateġiji biex jiġu stabbiliti rabtiet u sfruttati sinerġiji potenzjali bejn l-edukazzjoni oġhla u r-riċerka u bejn l-edukazzjoni oġhla u n-negozji/impriżi.

L-attivitajiet eliġibbli implimentati fil-kuntest tal-internazzjonalizzazzjoni tan-Netzwerks Tematiċi ta' Erasmus⁷³:

- għandhom jirrelataw mad-dimensjoni tal-pajjiżi terzi tan-netwerk, jadattaw għall-ħtiġijiet lokali tal-imsieħba minn pajjiżi terzi u jkunu bbażati fuq skambju ta' esperjenzi bejn l-istituzzjonijiet involuti;
- għandhom jimmiraw jew li jiżviluppaw/itejbu d-dimensjoni internazzjonali fi ħdan dixxiplina akkademika, sett ta' dixxiplini jew qasam multidixxiplinarju, jew inkella li jtejbu u jimmodernizzaw aspetti speċifiċi tal-organizzazzjoni, il-ġestjoni, it-tmexxija jew il-finanzjament tal-edukazzjoni oġhla;
- ma jistgħux isiru aktar tard mid-data finali tal-ftehim ta' għotja tan-Netzwerk Tematiku ta' ERASMUS li miegħu jkunu assoċjati.

Studenti tal-Erasmus Mundus u Assoċjazzjoni tal-Alumni

L-applikanti huma mistiedna jinvolvu l-Assoċjazzjoni tal-Istudanti u l-Alumni ta' Erasmus Mundus, fejn rilevanti.

Prijoritajiet Annwali

L-applikanti huma mistiedna jikkonsultaw is-Sejħa għal Proposti għall-prijoritajiet annwali għall-proġetti li għandhom jintgħażlu.

7.3 KRITERJI TAL-GĦAŻLA

KAPAĊITÀ TEKNIKA

Minbarra l-elementi stabbiliti taħt is-sezzjoni 3.3, sabiex jippermettu li ssir valutazzjoni tal-kapaċità teknika tagħhom, l-organizzazzjonijiet għandhom jissottomettu, flimkien mal-applikazzjoni tagħhom:

- lista ta' proġetti li diġà saru fil-qasam rilevanti mill-applikant u l-organizzazzjonijiet parteċipanti l-oħrajn;
- għal dawk l-organizzazzjonijiet li huma attivi fil-qasam tal-edukazzjoni oġhla, iżda li mhumiex istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla, deskrizzjoni tal-attivitajiet prinċipali tagħhom fl-edukazzjoni oġhla.

KAPAĊITÀ FINANZJARJA

Minbarra l-elementi stabbiliti taħt is-sezzjoni 3.3, sabiex jippermettu li ssir valutazzjoni tal-kapaċità finanzjarja tagħhom, l-organizzazzjonijiet għandhom jissottomettu, flimkien mal-applikazzjoni tagħhom:

- il-kontijiet tal-profit u t-telf tal-organizzazzjoni applikanta/li tikkoordina, flimkien mal-karta tal-bilanċ għall-aħħar sena finanzjarja li għaliha l-kontijiet ġew magħluqa⁷⁴;
- formola tal-kapaċità finanzjarja mimlija kif suppost mill-organizzazzjoni applikanta/li tikkoordina (il-kopji ta' din il-formola jistgħu jinkisbu fl-indirizz li ġej:
http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/financial_id/financial_id_en.cfm);

⁷³ L-attenzjoni tal-applikanti hija miġbuda għall-fatt li l-possibiltajiet għall-għotjiet għall-internazzjonalizzazzjoni tan-Netzwerks Tematiċi sejrjn jiġu deċiżi fuq bażi annwali fis-Sejħa għall-Proposti ta' Erasmus Mundus.

⁷⁴ Dawn l-obbligi ma japplikawx għal korpi pubbliċi, faċilitajiet tal-edukazzjoni sekondarja jew oġhla, organizzazzjonijiet internazzjonali skont il-liġi pubblika.

- rapport ta' verifika esterna li jsir minn awditur approvat meta l-applikazzjoni għall-għotja tkun aktar minn € 300 000. Dan ir-rapport għandu jiċċertifika l-kontijiet għall-aħħar sena disponibbli u jagħti valutazzjoni tal-vijabilità finanzjarja tal-applikant⁷⁵.

Jekk, fuq il-bażi tad-dokumenti sottomessi, l-Aġenzija tqis li l-kapaċità finanzjarja ma ġietx ipprovata jew mhijiex sodisfaċenti, hija tista' tirrifjuta l-applikazzjoni, tistaqsi għal aktar informazzjoni, titlob garanzija (ara s-sezzjoni 7.6 taħt) u/jew toffri ftehim ta' għotja mingħajr prefinanzjament.

7.4 KRITERJI TA' AĠĠUDIKAZZJONI

L-għażla tal-proposti tal-Azzjoni 3 ser tkun proċess kompetittiv organizzat mill-Aġenzija u bbażat fuq il-valutazzjoni tal-kwalità tal-proposta mill-perspettiva organizzattiva u tal-kontenut. Din il-valutazzjoni ser tkun ibbażata fuq il-**ħames kriterji ta' aġġudikazzjoni li ġejjin:**

Kriterja	Koeffiċjent
<i>Rilevanza tal-proġett għall-programm Erasmus Mundus</i>	25%
<i>L-impatt mistenni tal-proġett biex jgħin ħalli tittejjeb l-attrazzjoni tal-edukazzjoni ogħla Ewropea madwar id-dinja</i>	25%
<i>Arranġamenti għad-disseminazzjoni tar-riżultati u l-esperjenzi tal-proġett, assigurazzjoni tal-kwalità u pjanijiet għas-sostenibbiltà u l-aħjar użu tar-riżultati fit-tul</i>	15%
<i>Kompożizzjoni tal-konsorzju u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni</i>	15%
<i>Pjan ta' ħidma u baġit</i>	20%

Rilevanza tal-proġett għall-programm Erasmus Mundus (25% tal-marka finali):

- il-bażi loġika u l-isfond tal-proġett, inkluża analiżi tal-ħtiġijiet minn perspettiva Ewropea u mhux Ewropea;
- l-għanijiet ġenerali u l-oġettivi speċifiċi tal-proġett;
- id-dimensjoni Ewropea u internazzjonali tal-proġett u l-valur miżjud Ewropew tiegħu mqabbel mal-proġetti eżistenti.

L-impatt mistenni tal-proġett biex jgħin ħalli jtejjeb l-attrazzjoni tal-edukazzjoni ogħla Ewropea madwar id-dinja (25% tal-marka finali):

- l-attivitajiet speċifiċi proposti mill-proġett sabiex tittejjeb l-attrazzjoni tal-edukazzjoni ogħla Ewropea;
- l-adeqwatezza u l-kwalità tal-outputs previsti;
- l-impatt mistenni tal-attivitajiet u r-riżultati/prodotti ewlenin fuq l-attrazzjoni tal-edukazzjoni ogħla Ewropea u fuq il-gruppi fil-mira (kemm jekk huma involuti direttament jew inkella qegħdin jibbenifikaw indirettament mill-proġett)

Arranġamenti għad-disseminazzjoni tar-riżultati u l-esperjenzi tal-proġett, assigurazzjoni tal-kwalità u pjanijiet għas-sostenibbiltà u l-aħjar użu tar-riżultati fit-tul (15% tal-marka finali):

- il-miżuri proposti (eż. websajt, avvenimenti) biex jassiguraw il-viżibilità u l-promozzjoni tar-riżultati u l-esperjenzi tal-proġett madwar id-dinja;

⁷⁵ Dan l-obbligu ma japplikax għal benefiċjarji b'responsabbiltà konġunta u separata fil-każ ta' ftehimiet li jinvolvu diversi benefiċjarji.

- il-kwalità tal-pjan ta' sostenibbiltà għall-aħjar użu tar-risultati fit-tul, li jinvolvi l-organizzazzjonijiet parteċipanti iżda wkoll kwalunkwe organizzazzjonijiet/istituzzjonijiet rilevanti oħrajn f'livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali.
- il-mekkaniżmi għall-assigurazzjoni tal-kwalità fis-seħħ.

Kompożizzjoni tal-konsorzju u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni (15% tal-marka finali):

- il-kompożizzjoni tal-konsorzju fir-rigward tad-diversità (tip ta' organizzazzjoni, il-kopertura ġeografika, eċċ), ħila u kumplimentarjetà murija;
- id-definizzjoni tal-irwol u l-livell ta' involviment ta' kull Ewropew u ta' kull imsieħeb ta' pajjiżi terzi;
- il-kwalità u l-affidabilità tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni definiti bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti (memorandum ta' fehim/ftehim ta' sħubija).

Pjan ta' ħidma u baġit (20% tal-marka finali):

- ir-rilevanza, il-fattibilità u l-ippjanar tal-attivitajiet proposti sabiex jinkisbu r-risultati/prodotti previsti;
- il-koerenza u l-adeqwatezza (effiċjenza fl-ispejjeż) tal-baġit u l-persunal smat fir-rigward tal-attivitajiet ippjanati u r-risultati mistennija;

7.5 KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI

Prinċipji ġenerali

- l-għotja tal-UE mhux ser tkopri aktar minn 75% tal-ispejjeż eliġibbli;
- l-applikazzjoni għall-għotja għandha tinkludi baġit smat dettaljat fejn il-prezzijiet kollha jingħataw fil-munita euro; applikanti minn pajjiżi barra ż-żona euro għandhom jużaw ir-rati tal-konverżjoni ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, serje Ċ, fid-data tal-pubblikazzjoni tas-Sejħa għall-Proposti rilevanti;
- il-baġit smat meħmuż mal-applikazzjoni għandu jinkludi d-dħul u l-infiq fil-bilanċ u juri b'mod ċar l-ispejjeż li huma eliġibbli għall-finanzjament mill-baġit tal-UE; l-applikant għandu jindika s-sors u l-ammonti ta' kwalunkwe finanzjament ieħor irċevut jew applikat għall-istess proġett;
- il-perċentwal tar-riżorsi proprji indikat fil-parti tad-dħul tal-baġit smat jitqies bħala assigurat u l-istess perċentwal, bħala minimu, għandu jiddaħħal fis-sezzjoni tad-dħul tal-kont finali.

Eliġibbiltà tal-ispejjeż

L-ispejjeż imġarrba mill-benefiċjarji jkunu ***eliġibbli jekk*** ikunu:

- ġġenerati matul il-perjodu tal-eliġibbiltà għan-nefqa indikata fil-Ftehim ta' Għotja;
- direttament konnessi mal-proġett u stabbiliti fil-Baġit Approvat anness mal-Ftehim ta' Għotja;
- meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġett li huwa s-suġġett tal-għotja;
- identifikabbli u verifikabbli, b'mod partikolari dawk li jkunu rreġistrati fir-reġistri tal-kontabilità tal-benefiċjarji u ddeterminati skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli tal-pajjiż fejn huma stabbiliti l-benefiċjarji u skont il-prattiċi normali tal-kontabilità tal-ispejjeż tal-benefiċjarji;
- konformi mar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni soċjali u tat-taxxa applikabbli;
- raġjonevoli, ġustifikati u konformi mar-rekwiżiti ta' ġestjoni finanzjarja soda, b'mod partikolari fir-rigward tal-ekonomija u l-effiċjenza;

- konformi mar-regoli stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja u l-annessi tiegħu.

Il-proċeduri interni tal-kontabilità u l-verifika tal-benefiċjarji għandhom jippermettu r-rikonċiljazzjoni diretta tal-ispejjeż u d-dħul iddikjarati fir-rigward tal-proġett mad-dikjarazzjonijiet korrispondenti tal-kontabilità u d-dokumenti ta' sostenn.

B'mod partikolari, ***l-ispejjeż diretti li ġejjin huma eliġibbli***, diment li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu preċedenti:

- ***l-ispiża tal-persunal*** assenjat għall-proġett, li tinkludi s-salarji attwali flimkien mal-ħlasijiet tas-sigurtà soċjali u spejjeż statutorji oħrajn inklużi fir-rimunerazzjoni tagħhom, bil-kundizzjoni li, fil-prinċipju, dawn l-ispejjeż ikunu jikkorrispondu għall-politika ta' rimunerazzjoni tas-soltu tal-benefiċjarji. Dawn l-ispejjeż għandhom ikunu spejjeż attwali mġarrba mill-benefiċjarji;
- ***benefiċċji għall-ivvjaġġar u s-sussistenza*** għal dawk il-ħaddiema li jieħdu sehem fil-proġett (għal laqgħat, konferenzi, seminars tal-koordinaturi organizzati mill-Aġenzija, għal skopijiet ta' riċerka, eċċ.), diment li jkunu konformi mal-prattiċi tas-soltu tal-benefiċjarji u ma jaqbżux l-iskali approvati kull sena mill-Kummissjoni;
- ***xiri ta' tagħmir*** (ġdid jew użat), bil-kundizzjoni li din l-ispiża ma taqbiżx l-10% tal-ispejjeż totali u mħassra b'konformità mar-regoli tat-taxxa u l-kontabilità applikabbli għall-benefiċjarji u ġeneralment aċċettata għal affarijiet tal-istess tip. Huwa biss il-porzjon tad-deprezzament tat-tagħmir li jikkorrispondi mat-tul ta' żmien tal-azzjoni/proġett u r-rata tal-użu attwali għall-finijiet tal-azzjoni li jista' jittieħed f'kunsiderazzjoni mill-Aġenzija, ħlief fejn in-natura u/jew il-kuntest tal-użu tiegħu jiġġustifika trattament differenti mill-Aġenzija;
- l-ispejjeż ta' ***oġġetti konsumabbli u provvisti***, diment li dawn ikunu identifikabbli u assenjati għall-proġett;
- spejjeż li jirriżultaw mis-subkuntrattar għall-finijiet tat-twettiq tal-proġett, diment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' għotja;
- spejjeż li jirriżultaw direttament minn ***rekwiżiti marbuta mal-prestazzjoni tal-proġett*** (disseminazzjoni ta' informazzjoni, evalwazzjoni speċifika tal-azzjoni/proġett, verifiki, traduzzjonijiet, riproduzzjoni, eċċ.), inklużi, fejn applikabbli, l-ispejjeż ta' kwalunkwe servizzi finanzjarji (speċjalment l-ispiża tal-garanziji finanzjarji);

Ammont b'rata fissa, li ma jaqbiżx is-7% tal-ispejjeż diretti eliġibbli tal-proġett, jitqies bħala ***spiża indiretta eliġibbli***, li tirrappreżenta l-ispejjeż amministrattivi ġenerali tal-benefiċjarji li jistgħu jitqiesu bħala li għandhom jitħallsu għall-proġett.

- l-ispejjeż indiretti ma jistgħux jinkludu spejjeż imdaħħla taħt xi intestatura oħra tal-baġit;
- l-ispejjeż indiretti mhumiex eliġibbli fejn il-benefiċjarju diġà jirċievi għotja operattiva mingħand il-Kummissjoni jew l-Aġenzija;

L-ispejjeż li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ***spejjeż ineliġibbli***:

- ritorn fuq kapital;
- dejn jew spejjeż tad-dejn;
- dispożizzjonijiet għal telf jew responsabbiltajiet potenzjali għall-futur;
- imgħax dovut;
- djun dubjużi;

- telf ta' skambju;
- VAT, sakemm il-benefiċjarji ma jkunux jistgħu juru li huma m'humiex kapaċi jirkuprawha skont il-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli;
- spejjeż iddikjarati mill-benefiċjarji u koperti minn azzjoni jew programm ta' xogħol ieħor li jirċievi għotja tal-UE;
- infiq eċċessiv jew bl-addoċċ;
- l-ispiża tat-tibdil tal-persuni involuti fil-proġett, sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni espliċita minn qabel mill-Aġenzija;
- kontribuzzjonijiet in natura.

7.6 KUNDIZZJONIJIET KUNTRATTWALI

Ftehim ta' Għotja

F'każ ta' approvazzjoni, l-Aġenzija ser toħroġ *Ftehim ta' Għotja*, imfassal fil-munita euro u li jiddeskrivi fid-dettall il-kundizzjonijiet u l-livell tal-finanzjament. Dan il-ftehim ta' għotja ser jiġi ffirmat bejn l-Aġenzija u l-benefiċjarju u t-tul ta' żmien tiegħu ser ivarja minn 12 sa 36 xahar.

Ser jinħarġu żewġ ftehimiet ta' għotja differenti skont it-tip ta' proġett ikkonċernat:

- il-proġetti magħżula proposti biex itejbu l-*Attrawenza tal-edukazzjoni ogħla Ewropea* ser jiġu offruti "*Ftehim ta' Għotja ma' Benefiċjarji Multipli*" mal-koordinatur u l-organizzazzjonijiet parteċipanti (/kobenefiċjarji) ta' kull proġett magħżul. Fil-kuntest ta' ftehim bħal dan, il-kobenefiċjarji jagħtu mandat lill-koordinatur permezz ta' dokument debitament approvat ("il-mandat") biex jieħu responsabbiltà legali sħiħa għall-implimentazzjoni tal-ftehim u jaqblu li jagħmlu dak kollu fil-poter tagħhom biex jgħinu lill-koordinatur jissodisfa l-obbligi kuntrattwali tiegħu; sabiex jitqiesu bħala eliġibbli, l-ispejjeż kollha minfuqa matul il-proġett ser ikollhom jiġu rreġistrati fir-rekords tal-kontabilità tal-benefiċjarji, skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli tal-pajjiż fejn huma stabbiliti l-benefiċjarji u skont il-prattiċi tas-soltu tagħhom tal-kontabilità tal-ispejjeż.
- il-proġetti magħżula proposti għall-*Internazzjonalizzazzjoni tan-Netzwerks Tematiċi ta' Erasmus* ser jiġu offruti "*Ftehim ta' Għotja ta' Benefiċjarju Waħdieni*" mal-koordinatur. Dan tal-aħħar ser ikollu r-responsabbiltà legali primarja u waħdanija lejn l-Aġenzija għall-eżekuzzjoni korretta tal-ftehim. Huma biss l-ispejjeż minfuqa matul il-proġett u debitament irreġistrati fil-kontijiet tal-koordinatur skont il-prinċipji tal-kontabilità applikabbli tal-pajjiż fejn huwa stabbilit il-koordinatur li ser jitqiesu bħala eliġibbli.

Il-Ftehim ta' Għotja għandu jiġi ffirmat u rritornat lill-Aġenzija immedjatament. L-Aġenzija ser tkun l-aħħar parti li tiffirma.

Il-ħlas tal-għotja

L-ewwel *ħlas ta' prefinanzjament* ta' 40% (80% fil-każ ta' proġetti li jdumu għaddejjin sena) tal-għotja proposta ser jiġi trasferit lill-benefiċjarju fi żmien 45 ġurnata mid-data meta l-aħħar waħda miż-żewġ partijiet tiffirma l-ftehim u meta jkunu ġew irċevuti l-garanziji kollha meħtieġa. Dan il-ħlas ta' prefinanzjament huwa maħsub biex jipprovdi lill-benefiċjarju b'likwidità.

Jekk ikun applikabbli (għal proġetti li jidmuni għaddejjin għal aktar minn sena), isir it-**tieni ħlas ta' prefinanzjament** ta' 40%. Dan għandu jitħallas mill-Aġenzija fi żmien perjodu ta' 90 ġurnata wara s-sottomissjoni ta' rapport dwar l-implimentazzjoni tal-proġett u fuq il-kundizzjoni li l-Aġenzija approvat il-kontenut tiegħu. Dan it-tieni ħlas ta' prefinanzjament jista' jsir biss meta jkun ntużaw mill-inqas 70% tal-ħlasijiet preċedenti ta' prefinanzjament mis-sħubija.

L-Aġenzija ser tikkalkola l-**ammont tal-għotja finali** u, jekk ikun applikabbli, l-ammont tal-ħlas tal-bilanċ li jrid isir lill-benefiċjarju fuq il-bażi tar-rapport finali ppreżentat mat-tlestija tal-proġett. Jekk l-ispejjeż eliġibbli attwalment minfuqa mill-organizzazzjoni matul il-proġett ikunu inqas milli antiċipat, l-Aġenzija tapplika r-rata tal-finanzjament tagħha għall-ispejjeż attwali u, fejn applikabbli, il-benefiċjarju jintalab jirrimborża kwalunkwe ammonti eċċessivi diġà trasferiti skont il-ħlasijiet tal-prefinanzjament. L-Aġenzija ser tkompli tassigura li l-kalkolazzjoni tal-għotja finali ma timplika ebda profitt għall-benefiċjarji.

Garanzija

Kwalunkwe organizzazzjoni li tkun ingħatat għotja tista' tintalab tipprovdi garanzija qabel kwalunkwe prefinanzjament, sabiex tillimita r-riskji finanzjarji marbuta ma' dan il-ħlas (ara s-sezzjonijiet 3.3 u 7.3 hawn fuq). L-għan ta' din il-garanzija huwa li tpoġġi bank jew istituzzjoni finanzjarja, parti terza jew il-benefiċjarji l-oħrajn bħala rahan kollaterali u irrevokabbli għal, jew l-ewwel garanti li jissejjaħ biex jagħmel tajjeb għall-obbligi tal-benefiċjarju tal-għotja.

Din il-garanzija finanzjarja, fil-munita euro, għandha tiġi pprovdata minn bank approvat jew istituzzjoni finanzjarja stabbilita f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Il-garanzija tista' tinbidel ma' garanzija konġunta tal-benefiċjarji ta' azzjoni li huma partijiet għall-istess ftehim ta' għotja.

Il-garanzija għandha tiġi rilaxxata hekk kif il-prefinanzjament jibda jitħallas b'mod gradwali permezz ta' pagamenti temporanji jew pagamenti ta' bilanċi lill-benefiċjarju, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' għotja.

Is-Subkuntrattar u l-Għoti ta' Kuntratti ta' Akkwist Pubbliku

Fejn l-implimentazzjoni tal-azzjoni/proġett tkun teħtieġ is-subkuntrattar jew l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist pubbliku, il-benefiċjarju u, fejn applikabbli, l-imsieħba tiegħu għandhom jiksibu offerti kompetittivi mingħand kuntratturi potenzjali, u rispettivament japplikaw ir-regoli applikabbli għalihom. Fil-każ ta' proċedura kompetittiva ta' tfigħ ta' offerti, il-kuntratt għandu jingħata lill-offerta li toffri l-aħjar valur għall-flus, li tosserva l-prinċipji tat-trasparenza u t-trattament ugwali tal-kuntratturi potenzjali u li tiegħu ħsieb tevita l-kunflitti ta' interess. Il-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti għandhom jiġu ddokumentati b'mod ċar u ddokumentazzjoni kollha għandha tinżamm għall-eventwalità ta' verifika.

7.7 PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA U SKEDA TAŻ-ŻMIEN INDIKATTIVA

Minbarra l-elementi ppreżentati taħt is-sezzjoni 3.3 fuq, il-proposti tal-Azzjoni 3 għandhom jiġu sottomessi lill-Aġenzija fl-indirizz indikat fil-formola tal-applikazzjoni. Il-proposti magħżula ser jiġu soġġetti għal analiżi finanzjarja, li b'konnessjoni magħha l-persuni responsabbli għall-azzjonijiet proposti jistgħu jintalbu jipprovdu informazzjoni addizzjonali u, jekk ikun xieraq, garanziji.

Skeda ta' Żmien Indikattiva

L-applikanti għandhom jinnotaw li l-iskeda ta' żmien li ġejja hija pprovdata għall-informazzjoni biss u tista' tinbidel fil-kuntest tas-Sejħa annwali għall-Proposti:

- 1) ***Diċembru tas-"sena n-1"/Jannar tas-"sena n"***: pubblikazzjoni tas-Sejħa għall-Proposti (inkluża informazzjoni dwar id-data tal-għeluq għall-applikazzjoni, il-formola li trid tintuża u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra applikabbli għas-sena tal-għażla kkonċernata).
- 2) ***30 ta' April***: is-sottomissjoni tal-proposti.
- 3) ***Mejju-Ġunju***: il-valutazzjoni u l-għażla tal-proposti.
- 4) ***Lulju-Awwissu***: ir-riżultati tal-għażla jiġu kkomunikati lill-applikanti u l-ftehimiet tal-għotja jintbagħtu lill-proġetti magħżula.
- 5) ***Ħarifa "sena n"***: il-bidu tal-attivitajiet tal-proġett.

8 ANNESSI

8.1 LISTA TAL-ISTRUTTURI NAZZJONALI TA' ERASMUS MUNDUS

http://ec.europa.eu/education/erasmus-mundus/doc1515_en.htm

8.2 LISTA TA' DELEGAZZJONIJIET TAL-UE

http://ec.europa.eu/external_relations/delegations/web_en.htm

8.3 INDIRIZZI TAL-INTERNET U DOKUMENTI UTILI

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm Erasmus Mundus 2009-2013

<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:340:0083:0098:EN:PDF>

PAĠNI TAL-ERASMUS MUNDUS DWAR IL-KUMMISSJONI EWROPEA – WEBSAJT TAD-DĠ EAC

<http://ec.europa.eu/erasmus-mundus>

PROGRAMMI TA' KOOPERAZZJONI ESTERNA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

http://ec.europa.eu/europeaid/index_en.htm

PAĠNI TAL-ERASMUS MUNDUS FUQ IL-WEBSAJT TAL-AĠENZIJA EŻEKUTTIVA

http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/index_en.php

WEBSAJT DWAR L-ISTUDJU FL-EWROPA

http://ec.europa.eu/education/study-in-europe/index_en.html

WEBSAJT DWAR L-ALUMNI TA' ERASMUS MUNDUS

<http://www.em-a.eu>